

# POLITIKA STRATEĠIKA NAZZJONALI GĦAL ANZJANITÀ ATTIVA

MALTA 2014-2020

Il-Kummissjoni Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva tixtieq tirringrazzja lil dawk kollha li ħadu sehem fil-proċess ta' konsultazzjoni li wassal għal *Politika Strateġika Nazzjonali għal Anzjanità Attiva: Malta 2014-2020*. Qed tintwera wkoll gratitudni lil dawk il-persuni li jaħdmu fil-qasam tal-anzjani u li kkontribwew għal dan il-għan.

**Kummissjoni Nazzjonali għal Anzjanità Attiva**

Chairperson: Dr Marvin Formosa

Members: Dr Stephen Abela
Is-Sur Joseph Cachia
Dr Stephen Lungaro Mifsud
Prof. David Mamo
Dr Josephine Rapa
Is-Sur Anthony Scerri
Ms Tracey Schembri
Dr Stephanie Xuereb

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦAD-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ
U ANZJANITÀ ATTIVA
PALAZZO FERRERIA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA, MALTA

# Werrej

Messaġġ mill-Prim Ministru 4

Messaġġ mill-Ministru 6

Dikjarazzjoni tas-Segretarju Parlamentari 8

Il-kuntest tal-isfond 12
- Il-kuntest demografiku 13
- L-iżvilupp ta' Politika Strateġika Nazzjonali 18

Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva: Malta 2014-2020 20

Sommarju Eżekuttiv 21

Preambolu 22

Parteċipazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol 24
- Aktar edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ 26
- Kundizzjonijiet tajbin tax-xogħol 28
- Immaniġġar tal-età 30
- Servizzi ta' impjieg għal ħaddiema ta' età akbar 32
- Preġudizzju u diskriminazzjoni minħabba età 34
- Sistemi ta' taxxa u benefiċċji marbutin mal-impjieg 36
- Trasferiment ta' esperjenza 38
- Rikonċiljazzjoni ta' xogħol u kura 40

Parteċipazzjoni fis-soċjetà 42
- Introjtu sigur u faqar 44
- Esklużjoni soċjali u gruppi vulnerabbli 46
- Voluntiera ta' età ikbar u nanniet 48
- Tagħlim għal adulti ikbar 50
- Kompetenza diġitali 52
- Ingaġġ ċiviku 54
- Appoġġ għal *carers* informali 56
- Solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet 58

Ħajja indipendenti 60
- Prevenzjoni ta' mard u promozzjoni tas-saħħa 62
- Riabilitazzjoni akuta u ġerjatrika 64
- Is-saħħa mentali u l-benessere 66
- Servizzi ta' kura fil-komunità 68
- Komunitajiet li jiffavorixxu varjetà sħiħa ta' etajiet 70
- Komunitajiet u servizzi li jgħinu lil min ibati bid-dimensja 72
- L-awtonomija tal-kura fit-tul 74
- Ħarsien mill-abbuż 76
- Kura lejn tmiem il-ħajja 78



# MESSAĠĠ MILL-PRIM MINISTRU

Ir-realtà ta' poplu qed jixjieħ tirrappreżenta wieħed mill-iżviluppi demografiċi u soċjo-ekonomiċi li s-soċjetà Maltija se tkun qed tħabbat wiċċha magħha fis-snin li ġejjin. B'riżultat ta' rati aktar baxxi ta' fertilità u mortalità, u t-titjib (fit-tul ta' kemm wieħed jaspira li jgħix) fl-għomor u fl-istil aktar san ta' għajxien, il-proporzjon fil-popolazzjoni ta' nies 'il fuq mill-65 sena fil-ġejjieni se tkun qed tiżdied b'mod drammatiku. Dan it-tlaqqigħ ta' għomor twil u fatturi soċjali oħra - bħat-titjib fis-saħħa, il-ħolqien ta' istituzzjonijiet li jieħdu ħsieb l-iskemi tal-irtirar u l-pensjonijiet, valuri u prinċipji aktar pożittivi fil-konfront ta' persuni akbar fl-età - beda fażi ġdida fil-ħajja, fejn persuni ta' età akbar qegħdin iqattgħu żmien konsiderevoli f'ħidma attiva wara li jispiċċaw mix-xogħol. Madankollu, minflok ma nħarsu lejn in-numru dejjem jiżdied ta' persuni akbar fl-età bħala piż fuq l-iskemi attwali ta' ħarsien soċjali, ir-realtà li l-popolazzjoni Maltija qiegħda tgħix aktar fit-tul hija għajn ta' ċelebrazzjoni. Għomor itwal huwa wieħed mill-aqwa kisbiet tal-bniedem. Huwa sinjal ta' progress soċjali u ekonomiku, li jġib miegħu is-suċċess tax-xjenza u l-ordni pubblika fit-tkattir tal-ħajjiet umani u fiż-żamma ta' livelli aħjar ta' saħħa, indipendenza, u awtonomija iżjed tard fil-ħajja.

Għal ħafna snin, ir-reazzjoni ta' Malta għall-isfidi li joriġinaw minn xejriet demografiċi dejjem jinbidlu, s'issa dejjem kienet frammentata u minsuġa f'oqsma politiċi konvenzjonali. Bl-approvazzjoni tal-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva: Malta 2014-2020*, inkunu qegħdin noħduha kontra dan l-istatus quo billi nieħdu l-politika tagħna dwar l-anzjanità f'direzzjonijiet innovattivi. Il-Gvern huwa impenjat li jinqata' mill-pożizzjoni tradizzjonali li torbot it-tielet parti tal-ħajja ma' instabiltà fiżika u mentali, u minflok jagħżel li jistinka biex ikun hawn ċelebrazzjoni tal-ġenerazzjonijiet akbar bħala riżors imprezzabbli u produttiv li ma jkunx imxekkel minn ideat u metodi skaduti. Permezz tal-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* l-Gvern qed jimpenja ruħu għall-ħolqien ta' soċjetà għal kull età, u hekk ikun qed jieħu miżuri speċifiċi li jagħmlu minn Malta nazzjon li jirrispetta l-etajiet kollha. Tabilħaqq, it-tisħiħ tal-awtonomija u l-indipendenza tal-popolazzjoni ta' età akbar, u l-garanzija ta' tranżizzjoni aktar faċli mill-komunità għal ambjent ta' kura fit-tul, huma fost il-miri ewlenin fuq l-aġenda ta' din il-politika. L-avvanz fis-snin ta' ħajja aktar b'saħħitha jtejjeb il-benesseri ta' persuni akbar fl-età, itawwal il-ħajja tax-xogħol waqt li joffri inċentiv għal tkabbir ekonomiku, kif wkoll inaqqas il-pressjoni minn fuq is-sistemi tas-saħħa u l-kura soċjali.

L-anzjanità attiva hija parti essenzjali mill-politika ewlenija tal-Gvern dwar il-ġustizzja soċjali u s-solidarjetà. L-istampa sterjotipata ta' nies akbar fl-età bħala persuni passivi li jbatu minn dgħufija fiżika u mentali, għadda żmienha. Aktar ma jkun hemm nies li jibqgħu f'tagħhom u b'saħħithom għal aktar snin, aktar se jkomplu jkollhom rwol importanti fis-soċjetà saħansitra wara l-età statutorja tal-waqfien mix-xogħol. Jekk wieħed kellu jqis ix-xejriet fl-infiq, il-ħlasijiet ta' taxxi, il-ħidma volontarja, u r-responsabbiltajiet ta' ħarsien li jagħtu nies ta' età akbar, isib li dawn jikkontribwixxu ħafna iżjed milli fil-fatt jirċievu f'pensjonijiet, u f'servizzi soċjali u f'dawk tas-saħħa. Anzjanità attiva tfisser ukoll opportunità għall-komunità kummerċjali peress li n-numru jiżdied ta' persuni ta' età akbar, iġib miegħu firxa akbar ta' klijenti u swieq innovattivi, kif ukoll bażi usa' ta' persuni akbar fl-età disposti li jkollhom impjieg. Ma għandux ikun hemm dubji li fis-snin li ġejjin il-ħaddiema ta' età akbar se jkunu ewlenin fl-iżvilupp b'suċċess ta' korporazzjonijiet pubbliċi u privati. Fil-qosor, fi ħdan l-isfida ta' popolazzjoni li qed tixjieħ hemm opportunitajiet kbar, u kif sostnut f'din il-*Politika Strateġika Nazzjonali*, il-provvista ta' riżorsi lil persuni ta' età akbar hija ħaġa tajba, ġusta u xierqa.

Il-Gvern huwa impenjat li jieħu qagħda proattiva fejn tidħol l-anzjanità. Mhux kuntent b'li sempliċiment jipprovdi servizzi soċjali u servizzi tas-saħħa għal persuni ta' età akbar, iżda dan il-Gvern jemmen fit-twettiq ta' politika li ttejjeb ir-rati ta' inklużjoni soċjali u parteċipazzjoni ferm lil hinn mill-età statutorja tal-irtirar. Din il-politika tgħinna nħarsu 'l quddiem lejn soċjetà li fiha kull persuna akbar fl-età jkollha l-mezzi biex tibqa' taspira li tilħaq l-għanijiet kollha tagħha. Nemmen li bit-twettiq tad-direttivi ta' din il-politika tkun qed tinħoloq bażi politika u legali li permezz tagħha l-persuni ta' età akbar ikunu jistgħu jkunu responsabbli tal-kwalità tal-ħajja u l-benesseri tagħhom infushom, u dan mingħajr ma b'xi mod ninsew il-bżonnijiet ta' persuni akbar fl-età li jkunu jeħtieġu kura u attenzjoni. Il-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* taċċerta li l-anzjanità fis-soċjetà Maltija tinsab fit-triq ġusta lejn esperjenza aktar pożittiva għaċ-ċittadini għal ħafna snin li ġejjin.



Joseph Muscat
Prim Ministru

# MESSAĠĠ MILL-MINISTRU



Statistika maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika turi bl-aktar mod ċar li Malta qiegħda tixjieħ. Bħala fenominu li feġġ f'nofs is-Snin 70, meta r-rati tal-fertilità bdew niżlin ġmielhom flimkien ma' titjib kontinwu f'kemm wieħed jaspira li jgħix, l-aħħar tletin sena raw lil Malta tesperjenza nuqqas fil-għadd ta' nies fl-età tax-xogħol u żieda fil-għadd ta' persuni ta' età akbar. Biżżejjed ngħidu li kwart tal-popolazzjoni attwali Maltija għandhom 60 sena jew aktar.

Malta minn dejjem kienet minn ta' quddiem biex timplimenta l-ordni pubblika tagħha biex tħares il-kwalità tal-ħajja tal-persuni akbar fl-età. L-introduzzjoni tas-"self-government" fl-1921 ġabet magħha l-"Att dwar il-Pensjonijiet tar-Romol u l-Orfni" kif ukoll l-"Att dwar il-Kumpens lill-Ħaddiema" li pprovdew għajnuna finanzjarja kruċjali lil persuni akbar fl-età batuti u dawk li jieħdu ħsiebhom. L-"Att dwar il-Pensjoni tax-Xjuħ", li daħal fis-seħħ fl-1948, kien ħaseb għall-ħlas ta' pensjoni lil persuni li qabżu s-60 sena. Il-ħlas tal-pensjoni kmieni nfirex aktar fl-1972 meta l-Gvern introduċa għall-ewwel darba l-ħlas ta' bonus annwali lil dawk il-pensjonanti kollha fl-iskema tas-Sigurtà Soċjali u oħrajn li kienu jirċievu l-Għajnuna Soċjali. Seba' snin wara, fi ħdan l-ambitu tal-"Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali" tnediet skema kontributorja ġdida ta' pensjoni marbuta mal-ħlas tal-paga, flimkien ma' skema ta' pensjoni għar-romol maħduma fuq il-paga tar-raġel. B'riżultat ta' dan, kienet introdotta l-Pensjoni tad-"due terzi" li fiha l-pensjoni bdiet tkun maħduma billi tittieħed il-medja ta' sena salarju li fuqu jkun tħallas kontribut matul l-aqwa tliet snin ta' dħul fl-aħħar għaxar snin qabel l-irtirar. Aktar minn hekk, tnediet ukoll il-Pensjoni Minima Nazzjonali li permezz tagħha persuna li tikkwalifika għal pensjoni kontributorja ma ddaħħalx inqas minn ċerta rata ta' pensjoni sakemm tkun għamlet ħlas sħiħ ta' kontribuzzjonijiet. Fl-1987, l-"Att dwar is-Sigurtà Soċjali" beda jinkorpora fih benefiċċji ġodda, fosthom pensjonijiet u indennitajiet għal diżabiltà, ħlas għal żwieġ u maternità, u ħlas għall-familja. Is-Snin 80 u 90 raw ukoll it-tnedija ta' firxa ta' servizzi soċjali u ta' kura maħsubin biex jilqgħu għall-ħtiġijiet ta' persuni akbar fl-età batuti li jgħixu fil-komunità u oħrajn bil-bżonn ta' kura fit-tul.

Dan il-Gvern jagħraf il-ħtieġa urġenti li jifli mill-ġdid l-ordni pubblika dwar l-anzjanità f'Malta. Waqt li ma hemmx dubju fuq il-bżonn li jibqgħu sostnuti l-inizjattivi attwali fis-servizzi tal-anzjanità, nifhmu li qegħdin ngħixu f'xenarju soċjo-demografiku li qed jisfida s-sistema ekonomika u soċjali kollha. Il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali huwa impenjat mhux biss li jaħseb għall-ħtiġijiet tal-popolazzjoni dejjem tixjieħ ta' Malta, iżda wkoll li jistinka biex jevita li jqumu ċerti kwistjonijiet fil-ġejjieni.

Hemm tliet anżjetajiet li jqanqlu l-inkwiet tal-Ministeru fejn tidħol il-politika dwar l-anzjanità fil-ġejjieni. L-ewwel, Malta għandha popolazzjoni iżgħar ta' nies fl-età li jaħdmu li magħha ġġib l-isfida ewlenija ta' inqas dħul li minnu jridu jitħallsu l-pensjonijiet. S'issa, l-ebda sistema, lanqas il-mudell magħruf Svediż, ma għadha sabet is-soluzzjoni. It-tieni, l-istil tal-ħajja tan-nies qed jinbidel. Waqt li d-differenza bejn il-konsum taż-żgħażagħ u nies ta' età akbar

qiegħda dejjem tonqos, il-kisba tal-wirt qiegħda ssir ukoll dejjem aktar komplikata u tieħu fit-tul biex illum il-werrieta qed ikunu aktar qrib l-età ta' 60 sena milli ta' 40. Aktar minn hekk, l-istruttura tal-familja qiegħda tieħu forom ġodda: il-familji qed ikunu iżgħar; in-numru ta' divorzji wara bejn 20 u 30 sena ta' żwieġ qed jiżdied; u aktar ulied qed jemigraw u jibdew il-familji tagħhom lil hinn minn Malta. U fl-aħħarnett, l- aspettattiva ta' ħajja itwal iġġib magħha aktar responsabbiltajiet bil-għan li jkunu moqdija l-bżonnijiet soċjali u tal-kura li nies akbar fl-età jkunu jeħtieġu. Waħda mill-akbar sfidi bla dubju hija d-dimensja. Illum in-numru ta' nies li qegħdin ibatu mid-dimensja jlaħħaq il-5,200 - ċifra li hija stamata li se tirdoppja sal-2030.

Il-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva: Malta 2014-2020* għandha l-iskop li tindirizza dawn l-ansjetajiet. Hija ssostni li l-kunċett ta' "anzjanità attiva" iwitti t-triq għal ħajja anzjana aktar sodisfaċenti, waqt li tosserva li l-aspirazzonijiet ta' persuni deħlin fil-perjodu tat-terza età qegħdin jinbidlu kontinwament. Il-*Politika Strateġika Nazzjonali* toffri tweġiba olistika għall-bżonnijiet multidixxiplinarji ta' popolazzjoni akbar ta' anzjani. Minbarra t-titjib fis-servizzi soċjali u ta' kura biex ikunu jlaħħqu mal-livelli ta' diżabiltà u dipendenza, il-*Politika Strateġika Nazzjonali* taħseb għal reviżjoni ta' kif il-Gvern Malti qed jara ħajja aktar attiva fost persuni ta' età akbar. Minflok tippreżenta ruħha bħala soluzzoni temporanja, il-politika tħajjar tranżizzjoni gradwali li twassal lejn anzjanità aktar attiva. L-istrateġija proposta hi li dawk li jfasslu l-politika jaraw li s-soċjetà tadatta għall-individwu u mhux bil-maqlub. Hija tippromwovi l-idea li persuni ta' età akbar mhux se jkunu qegħdin waħedhom jiffaċċjaw l-isfidi ta' popolazzjoni dejjem tixjieħ, iżda fl-ispirtu ta' solidarjetà bejn il-ġenerazzonijiet u s-soċjetajiet, dawk kollha konċernati qed ikunu mistiedna jingħaqdu fil-mira tal-Gvern li jkattar "soċjetà għal kull età." Fl-istess ħin, u dan hu punt qawwi fil-*Politika Strateġika Nazzjonali*, tinkwadra bl-aktar mod ideali l-kunċett ta' anzjanità attiva. Ħajja itwal ġeneralment iġġib magħha kundizzjonijiet fiżiċi u mentali diffiċli, iżolazzjoni u solitudni, esklużjoni u faqar. Il-fatt li din il-*Politika Strateġika Nazzjonali* tirrakkomanda modi ta' kif jistgħu jingħelbu l-ostakli normalment assoċjati mal-ħajja anzjana, jikkonferma li dawk l-aktar vulnerabbli u fir-riskju fost il-popolazzjoni anzjana mhumiex jintesew, u li l-valuri tal-ġustizzja soċjali u l-ugwaljanza huma mnissla fit-taqsimiet kollha tal-Politika.

Il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva*, u jwiegħed l-appoġġ sħiħ tiegħu għat-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet li qed tressaq.



Marie Louise Coleiro Preca
Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali



# DIKJARAZZJONI TAS-SEGRETARJU PARLAMENTARI

Il-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva: Malta 2014-2020* hija bħal sebħ ġdid għall-politika Maltija fir-rigward tal-anzjanità. L-ewwel pass neċessarju biex ikun hemm implimentazzjoni li tirnexxi tal-prinċipji ta' anzjanità attiva huwa l-integrazzjoni ta' reazzjonijiet tal-politika għall- anzjanità fil-popolazzjoni, flimkien ma' dak kollu li jolqot lil nies ta' età akbar, fil-qafas tal-iżvilupp nazzjonali. Il-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* hija riflessjoni tal-ħerqa tal-Gvern biex jislet viżjoni li sservi ta' katalizzatur għal livell ta' għajxien aktar pożittiv u produttiv iżjed tard fil-ħajja. Din il-politika isseddaq ukoll il-mandat tal-Gvern biex mhux sempliċiment "iżid is-snin għall-ħajja", iżda li fl-istess nifs, iżid ukoll "il-ħajja mas-snin." Is-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltà u Anzjanità Attiva ma jħarisx lejn l-anzjani bħala persuni "dipendenti", u jinsab impenjat bis-serjetà għal implimentazzjoni tal-istrateġiji li jkunu qegħdin itejbu l-benesseri permezz tal-estenzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadin. Wara kollox, mhijiex "ix-xjuħija" minnha nnfisha li twassal għall-anzjaniżmu, jiġifieri d-diskriminazzjoni abbażi tal-età, l-abbuż mill-anzjani, u l-faqar, iżda n-nuqqas ta' drittijiet taċ-ċittadin. Hija s-suppożizzjoni li n-nies ta' età akbar jiffurmaw kategorija omoġenika, minħabba problemi fiżiċi u mentali komuni, li tkattar l-esklużjoni soċjali. Fir-rwol tiegħi bħala Segretarju Parlamentari, nisħaq li persuni ta' età akbar ma għandhomx ikunu trattati b'xi mod differenti minn oħrajn, l-aktar gruppi u ġenerazzonijiet iżgħar. Il-biċċa l-kbira tan-nies ta' età akbar f'Malta u pajjiżi oħra huma f'saħħithom, fiżikament mobbli, u intellettwalment inċisivi. In-nies ta' età akbar huma riżors qawwi u importanti daqs dawk ta' età iżgħar minnhom. Li twarrab jew teskludi kwart sħiħ mill-popolazzjoni abbażi kronoloġika ta' għeluq sninhom mhux biss huwa immorali imma anki assurd meta tqis kemm se jkomplu jonqsu fil-ġejjieni n-nies fl-età tax-xogħol.

Il-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* ġġiegħel lill-Gvern jindirizza l-estensjoni kontinwa ta' sfidi li jfixklu l-formazzjoni ta' soċjetà anzjana u attiva. Anzjanità attiva tirrikjedi li jkun hemm koeżjoni soċjali, inklużjoni u parteċipazzjoni billi jinħolqu opportunitajiet indaqs u aċċess għal servizzi u għal attivitajiet politiċi, soċjali, rikreattivi u kulturali. Nies ta' età akbar ma jistgħux jieħdu rwoli ewlenin fis-soċjetà jekk ma jkunx hemm it-taħriġ u t-tagħlim meħtieġ matul il-ħajja permezz ta' attivitajiet li jkunu sensittivi għall-ħtiġijiet ta' ħaddiema akbar fl-età li jistgħu jkunu attivi fis-suq tax-xogħol. Ħidma bħal din tkun qed tirrikonoxxi l-valuri ta' gruppi ta' nies ta' età akbar u l-kontribut li jagħtu lis-soċjetà, li min-naħa tagħha tkun qed tiffunzjona b'mod li tippromwovi perċezzjonijiet u atteġġjamenti aktar pożittivi

fil-konfront ta' persuni akbar fl-età, u b'hekk, tagħmilha iktar faċli biex jagħtu sehemhom fit-teħid ta' deċiżjonijiet uffiċjali. Fl-istess ħin, l-istili attivi ta' ħajja jistgħu jkunu realtà biss jekk ikun hemm aktar avvanzi fil-prattika ta' promozzjoni tas-saħħa, tal-prevenzjoni tal-mard, riabilitazzoni ġerontoloġika, u dianjosi bikrija matul iċ-ċiklu tal-ħajja, li kollha kemm huma jwasslu għal livelli ogħla ta' għajxien indipendenti iżjed tard fil-ħajja. F'linja parallela ma' dan kollu jrid ikun hemm ukoll fis-seħħ, miżuri stretti ta' politika li tipprovdi pensjonijiet sostenibbli u adegwati li jnaqqsu l-possibilità ta' stili ta' għajxien f'xifer il-faqar iżjed tard fil-ħajja. Finalment, għandu jkun hemm rikonoxximent sħiħ tal-bżonnijiet speċjali ta' persuni akbar fl-età iżda iżjed vulnerabbli bħan-nisa, nies b'diżabiltà, u minoranzi etniċi, u kull politika għandha tiżgura li jkun hemm aktar riżorsi għad-dispożizzjoni ta' dawk l-aktar vulnerabbli.

Il-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* ma tagħmilx tajjeb għal dawn l-ostakli u sadanittanat twarrab il-valuri bil-għan li jintlaħaq l-iskop akkost ta' kollox. Dan il-Gvern mhux kuntent sempliċiment bil-preżentazzjoni ta' soluzzjonijiet teknokratiċi, iżda se jibqa' jsostni l-ħidma sfiqa tiegħu biex ikollna soċjetà aktar ġusta, soċjetà msejsa fuq il-prinċipji tal-ġustizzja soċjali. Fil-fatt, il-politika hija marbuta ma' tliet valuri ewlenin li nħossu li għandhom ikunu fil- qalba tas-soċjetà Maltija ta' llum u tal-ġejjieni:

- L-ewwelnett, li Malta tkun verament mibdula f'"soċjetà għal kull età", soċjetà li taġġusta l-istrutturi u l-funzjoni tagħha, kif ukoll il-politika u l-pjani tagħha, biex jiġu jaqdu l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet ta' kulħadd, u b'hekk tkun miftuħa għall-potenzjal ta' kulħadd, u għall-benefiċċju ta' kulħadd. Soċjetà għal kull età tgħin biex ġenerazzjonijiet differenti jinvestu f'xulxin u jaqsmu flimkien il-frott ta' dan l-investiment. Hija soċjetà li żżomm kontinwament quddiem għajnejha r-rispett, l-ugwaljanza, l-indipendenza, il-parteċipazzjoni, il-kura, ir-realizzazzjoni tal-persuna, u d-dinjità ta' persuni akbar fl-età. F'dan is-sens, il-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* tappoġġja r-rakkomandazzjonijiet min-naħa tan-Nazzjonijiet Uniti fil-*Pjan Internazzjonali ta' Madrid Għall-Azzjoni Dwar l-Anzjanità* billi tippromwovi firxa ta' temi bażiċi fosthom il-jeddijiet tal-bniedem, introjtu li joffri sigurtà u l-qerda tal-faqar, responsabbiltà, żvilupp personali u soċjali, saħħa u benesseri mentali, ugwaljanza bejn is-sessi, solidarjetà u interdipendenza interġenerazzjonali, kura tas-saħħa u ħarsien soċjali, sħubija bejn il-partijiet interessati ewlenin kollha fil-proċess ta' implimentazzjoni, u ħidma affermattiva b'risq gruppi vulnerabbli.

- Il-valur tal-"imparzjalità interġenerazzjonali" jikkostitwixxi dimensjoni kostanti oħra fir-raġunar fundamentali u l-istrateġiji kif proposti mill-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva*. Politika dwar l-anzjanità f'soċjetà tabilħaqq demokratika ssostni l-ħtieġa ta' rispett ugwali, l-istess opportunitajiet, u livelli komparabbli ta' għajxien

bejn il-ġenerazzjonijiet differenti. Huwa importanti li l-politika dwar anzjanità atttiva tikkomunika d-dimensjonijiet ta' rispett u dak li ċ-ċittadini, u mhux il-Gvern u l-esperti fil-qasam, iqisu bħala drittijiet xierqa fl-istadji varji tal-ħajja. Huwa b'dan il-mod biss li jagħmilha possibbli biex ikunu implimentati strateġiji li ma jħarsux biss lejn id-differenzi fl-introjtu bejn il-ġenerazzjonijiet imma anki lejn ir-responsabbiltajiet għal xogħol bi ħlas jew volontarju, waqt li jirrikonoxxu l-piż soċjali, psikoloġiku u finanzjarju tal-kura li sikwit jaqa' b'mod sproporzjonat fuq in-nisa. Il-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* tippromwovi l-jeddijiet kemm ta' dawk li jipprovdu l-kura kif ukoll ta' dawk li jirċivuha, tavvanza l-ugwaljanza bejn is-sessi, u b'hekk tagħmel aktar trasparenti u viżibbli l-iskambju ta' kura f'isem kemm persuni ta' età ikbar u dawk iżgħar minnhom.

- Emfażi qawwija tal-aħħar li toħroġ mill-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* hija dik tal-kisba tas-setgha. Minnha tispunta l-impenn għal aġġornament tal-politika dwar l-anzjanità biex tirrifletti l-bżonnijiet u x-xewqat tal-popolazzjoni aktar avvanzata fl-età. Il-Gvern jemmen li nies ta' età akbar għandu jkollhom kontroll akbar fuq il-proċess ta' identifikazzjoni tat-tip ta' għajnuna li jeħtieġu, u aktar għażla u influwenza fuq is-servizzi offruti. Il-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* tpoġġi lin-nies fiċ-ċentru tal-proċess ta' valutazzjoni waqt li tħallihom aktar ħielsa biex jagħżlu t-tip ta' kura li jkunu jridu. Tfittex biex trodd is-setgħa lil persuni ta' età akbar permezz ta' aċċess aħjar għal informazzjoni komprensiva, għażla minn firxa ta' alternattivi, u li tpaċi kwalunkwe inġustizzja u diskriminazzjoni perċepita. L-aċċenn fuq miżuri li joħduha kontra atteġġjamenti negattivi fil-konfront tal-anzjanità juri li din il-Politika ma għandhiex tittieħed bħala eżempju ieħor ta' paternaliżmu professjonali, iżda bħala mezz ta' espressjoni għat-tisħiħ tal-kapaċità u l-fiduċja, l-iżvilupp ta' ħiliet u taħriġ, u l-opportunitajiet għal ħidma diretta u ħidma kollettiva.

Mhuwiex l-għan ta' din l-introduzzjoni li tipproduċi sommarju tad-direttivi u r-rakkomandazzjonijiet li joħorġu minn din il-*Politika Strateġika Nazzjonali*. Madankollu, huwa rilevanti l-aċċenn fuq il-punti l-aktar importanti għax b'hekk ikun qed iservi ta' opportunità biex tispikka l-viżjoni tal-Gvern dwar l-anzjanità attiva.

L-ewwel taqsima dwar "parteċipazzjoni attiva fl-ambjent tax-xogħol" tirrifletti l-għan tal-Gvern li jsib il-bilanċ xieraq bejn ix-xogħol u l-irtirar, u hekk, jagħmilha iżjed faċli biex titwal il-ħajja tax-xogħol. Biex tingħeleb popolazzjoni tax-xogħol li qed tiċkien u li qiegħda f'riskju li sservi ta' xkiel fuq it-tkabbir ekonomiku minħabba nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, huwa importanti li tissaħħaħ il-popolazzjoni tal-ħaddiema ta' età akbar. Kif turi l-*Politika Strateġika Nazzjonali*, dan jista' jsir biss permezz tal-implimentazzjoni ta' aktar arranġamenti li jkunu jiffavorixxu varjetà sħiħa ta' etajiet, postijiet tax-xogħol siguri, u skemi flessibbbli tal-irtirar. Il-provvista ta' sostenn lil dawk li joffru kura informali, fid-dar u fi ħdan l-istess familja, hija xejn inqas importanti għax tista' potenzjalment issaħħaħ il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol speċjalment fost in-nisa, l-istess kif jista' jingħad dwar taħriġ vokazzjonali peress li t-tiġdid fit-taħriġ huwa għodda siewja biex ikunu evitati t-telf ta' ċerti ħiliet u l-okkorrenza ta' irtirar qabel iż-żmien. Il-prevenzjoni kontra d-diskriminazzjoni hija kruċjali wkoll għax taċċerta li fis-suq tax-xogħol ikun hemm drittijiet indaqs għal ħaddiema ta' età akbar, billi l-età ma tkunx meqjusa bħala

kriterju deċiżiv meta ħaddiem ikun qed ikun evalwat jekk hux adattat jew le għal xi post tax-xogħol, u billi jitwarrbu atteġġjamenti sterjotipati u diskriminatorji fil-konfront ta' ħaddiema ta' età akbar minħabba l-età tagħhom.

Fit-tieni taqsima dwar "parteċipazzjoni fis-soċjetà" tispikka l-ħtieġa ta' politika li tindirizza dawk il-persuni li jew jagħżlu jew inkella jkunu mġiegħla jħallu s-suq tax-xogħol. Irid ikun hemm politika inklużiva biex l-irtirar ma jkunx kaġun ta' persuni li jispiċċaw emarġinati fit-tessut soċjali Malti. Parteċipazzjoni attiva iżjed tard fil-ħajja tista' tkun inkoraġġita permezz ta' alternattivi ta' inizjatttivi pożittivi bħalma huma pensjonanti li jkunu mħajra jagħmlu xogħol part-time jew volontarju, jieħdu sehem fi programmi komunitarji u ta' tagħlim, u permezz ta' miżuri fiskali li jkunu jirrikonoxxu l-kura informali li joffru nies ta' età akbar. Miżuri bħal dawn jgħinu ferm biex persuni ta' età akbar iħossuhom validi waqt li jkunu evitati r-riskji marbutin mal-iżolazzjoni, in-nuqqas ta' fiduċja u l-istima fihom infushom. Aktar minn hekk, huwa importanti li l-istrutturi komunitarji jkunu jaħdmu kontra l-esklużjoni soċjali iżjed tard fil-ħajja billi l-persuni ta' età akbar jingħataw opportunitajiet indaqs biex jipparteċipaw fis-soċjetà permezz ta' attivitajiet kulturali, politiċi u soċjali. Għandu jkun aċċennat ukoll il-bżonn għal sistemi aktar sodi ta' dħul li jkunu jaħsbu għal introjtu adekwat iżjed tard fil-ħajja biex hekk persuni ta' età akbar ikunu jistgħu jgħixu f'dinjità xierqa.

It-tielet taqsima dwar "għajxien indipendenti" titfa' dawl fuq ir-rwol tal-benesseri, tas-saħħa u tal-kura fil-kisba ta' stili ta' għajxien f'anzjanità attiva biex jiġu evitati l-faqar, il-problemi mentali, u l-esklużjoni soċjali. Għalhekk l-iżgurar tal-awtonomija u l-indipendenza ta' ġenerazzjonijiet ta' età akbar għandha tkun il-mira ċentrali ta' politika attiva u pożittiva dwar l-anzjanità. Din il-politika ssostni li t-tfittxija għal anzjanità b'saħħitha u indipendenti tista' ssir minn żewġ mogħdijiet. Fuq naħa, il-promozzjoni ta' saħħa aħjar matul il-ħajja kollha kemm hi, billi jkunu evitati problemi ta' saħħa meta dak li jkun jikber fl-età permezz ta' iżjed attività fiżika u t-tħaddin ta' dieti sani u ħajja b'inqas riskji. Fuq in-naħa l-oħra, irid ikun hemm impenn sħiħ għat-tneħħija ta' inugwaljanzi f'dik li hi saħħa li huma marbuta ma' fatturi soċjali, ekonomiċi u ambjentali. Kruċjali f'dan l-aspett tal-aħħar huwa l-adattament ta' ambjenti lokali, kif ukoll il-prodotti u s-servizzi, bil-għan li jkunu tajbin għal persuni ta' kull età permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-informatika u l-komunikazzjoni. Huwa billi nibdlu lil Malta f'soċjetà li ma tħarisx lejn l-età li nkunu qegħdin niggarantixxu li jkun hemm il-benesseri fiżiċi, mentali u soċjali tan-nies aktar tard fil-ħajja.

Fit-tmiem ta' din l-introduzzjoni, irrid nieħu l-opportunità biex inrodd ħajr lil dawk kollha li kellhom sehem fit-tfassil u t-twettiq tal-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva*, speċjalment liċ-Chairman u l-Membri tal-Kummissjoni Nazzjonali għal Anzjanità Attiva, kif ukoll lil dawk l-għaqdiet statutorji u volontarji li taw sehemhom ukoll fil-proċess wiesa' u komprensiv ta' konsultazzjoni li kien meħtieġ biex tiġi żviluppata din il-politika. Ir-radd ta' ħajr imur ukoll lill-kollegi tiegħi fis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabiltà u Anzjanità Attiva u l-Ministeru li fi ħdanu naħdmu għall-għajnuna tagħhom fit-tħejjija ta' din il-politika. Jien ċert li kulħadd huwa konxju mill-fatt li t-tħejjija u l-finalizzazzjoni ta' din il-politika strateġika nazzjonali huma biss il-bidu ta' proċess progressiv fil-politika lokali dwar l-anzjanità, u li flimkien bil-ħeġġa qegħdin inħarsu 'l quddiem lejn l-istadji li għad irridu ngħaddu minnhom fit-twettiq tagħha.



Franco Mercieca
Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva



# IL-KUNTEST TAL-ISFOND

# Il-kuntest demografiku

B'persuna minn kull disa' fid-dinja diġà għandha 60 sena jew aktar, u b'din iċ-ċifra mistennija titla' għal persuna minn kull ħamsa sas-sena 2050, ix-xjuħija hija fenominu li ma jistax ikun injorat aktar. Malta mhix xi eċċezzjoni f'dawn ix-xejriet marbuta mal-anzjanità, u għalkemm l-iżvilupp ta' popolazzjoni li qed tixjieħ kien esperjenza li ħadet iżjed fit-tul minn f'pajjiżi oħra, il-bidla tan-nazzjon f'soċjetà li qed tikber fl-età ma tistax taħrabha. Waqt li fis-sena 1910 il-gruppi ta' etajiet 0-14 u 65+ kienu ta' 34.1% u 5.4% rispettivament, fl-2012 l-istess żewġ gruppi laħqu l-14.5% u 17.2% rispettivament. B'riżultat ta' dan, matul is-Seklu 20 il-popolazzjoni Maltija evolviet minn sura tradizzjonali ta' piramida għal dik ta' blokka ta' qisien u ċifri ugwali għal kull grupp ħlief għall-parti ta' fuqnett.

**Il-popolazzjoni ta' Malta llum u kif stmata li se tkun permezz ta' piramidi (2010, 2025, 2060)**



It-tranżizzjoni ġerontoloġika ta' Malta kienet riżultat l-aktar ta' rata tal-fertilità dejjem tonqos, flimkien mal-aspettattiva ta' għomor itwal kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. Għalkemm kien hemm żieda żgħira ta' 0.4% fit-twelid meta mqabbla mal-2008, ir-rata tal-fertilità baqgħet l-istess – 1.4% - fl-2011, jiġifieri naqset mill-1.7% fl-2001. Komparattivament, waqt li fil-bidu tas-Seklu 20 l- aspettattiva għal għomor itwal f'Malta kienet ta' 43 sena għall-irġiel u 46 sena għan-nisa, fl-2011 dawn il-figuri telgħu għal 77.9 sena u 82.2 sena rispettivament. Malta kisbet riżultati eċċellenti wkoll f'dik li hi aspettattiva għal ħajja iktar b'saħħitha mingħajr diżabilità. Fl-età ta' 50 sena, in-nisa u rġiel Maltin huma t-tnejn mistennija jgħixu 23 sena oħra f'saħħithom, t-tieni wara l-Isvezja fejn iċ-ċittadini rġiel u nisa mistennija jkollhom 26 u 25 sena aktar rispettivament ta' ħajja f'saħħitha.

Statistika msejsa fuq iċ-Ċensiment tal-2011 turi li fil-31 ta' Diċembru 2012 kważi kwart tal-popolazzjoni (102,026 ruħ) kellhom 60 sena jew aktar. L-għadd u l-perċentwal tal-popolazzjoni li tgħodd 'il fuq mit-80 sena kien ilaħħaq 15,643 u 3.7% rispettivament. L-akbar proprzjon fiż-żewġ każi ta' 60+ u 80+ fil-popolazzjoni anzjana kienet magħmula min-nisa, b'54.5% u 64.5% tat-totall (rispettivament). Fil-fatt, il-proporzjon tas-sessi għall-gruppi ta' 60+ u 80+ fil-popolazzjoni kienet ta' 84 u 54 rispettivament, bin-numru ta' nisa fil-gruppi tal-akbar età kważi t-tripplu tal-irġiel. Ta' min wieħed jinnota li fost is-27 membru tal-UE Malta għandha l-iżgħar differenza bejn is-sessi fejn jidħlu abitazzjonijiet b'persuna waħda, u hija l-uniku pajjiż fejn nisa ta' 80 sena jew akbar l-aktar li jgħixu f'abitazzjoni ma' "ħaddieħor" jew f'koppja, milli waħedhom.

**Il-popolazzjoni kollha skont l-età, is-sess u l-proporzjon tas-sess (31 ta' Diċembru 2012)**

| ETÀ | RĠIEL | NISA | TOTALL | PROPORZJON TAS-SESS* |
|---|---|---|---|---|
| 0-59 | 163,419 | 155,919 | 319,338 | 105 |
| 60-64 | 14,741 | 15,007 | 29,748 | 98 |
| 65-69 | 13,243 | 14,260 | 27,503 | 93 |
| 70-74 | 7,039 | 8,292 | 15,331 | 85 |
| 75-79 | 5,890 | 7,911 | 13,801 | 74 |
| 80-84 | 3,291 | 5,558 | 8,849 | 59 |
| 85-89 | 1,684 | 3,136 | 4,820 | 54 |
| 90+ | 573 | 1,401 | 1,974 | 41 |
| 60+ | 46,461 | 55,565 | 102,026 | 84 |
| 80+ | 5,548 | 10,095 | 15,643 | 54 |
| All Ages | 209,880 | 211,484 | 421,364 | 99 |

*Il-proporzjoni ta' rġiel għal kull mitt mara.





L-istimi jindikaw popolazzjoni kontinwament qed tixjieħ. Il-popolazzjoni ta' Malta mistennija tilħaq 429,000 ruħ sas-sena 2025 u tinżel għal ftit aktar minn 350,000 sas-sena 2060. Il-Kummissjoni Ewropea qed tantiċipa li fil-perjodu 2010-2060 l-aspettattiva għal għomor itwal mat-twelid f'Malta mistennija tiżdied minn 77.6 sena għal 84.9 sena għall-irġiel u minn 82.3 sena għal 88.9 sena għan-nisa. Fl-istess perjodu, l- aspettattiva għal għomor itwal fl-età ta' 65 sena se titla' b'5.2 snin kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa, minn 17.0-il sena għal 22.2 sena għall-irġiel u minn 20.2 sena għal 25.4 sena għan-nisa. Kif wieħed jistenna, il-parti tal-popolazzjoni ta' età akbar se tkun qed tiżdied b'mod straordinarju fil-futur qrib. Fil-kwart ta' seklu li ġej (2011-2035), il-popolazzjoni ta' nies ta' 65 sena jew aktar se tkun qed tiżdied minn 16.2% tal-popolazzjoni kollha għal 24.8%: minn 68,400 għal 102,800 ruħ. Fl-istess żmien, il-popolazzjoni ta' nies ta' 75 sena jew aktar se tkun qed tiżdied minn 6.8% għal 13.7% tal-popolazzjoni kollha, minn 28,500 għal 57,100 ruħ. Min-naħa l-oħra, l-għadd u l-perċentwal ta' tfal (0-14-il sena) huma stmati li se jonqsu minn 15.0% tal-popolazzjoni għal 12.9%, minn 63,000 għal 53,600 tifel u tifla. L-għadd ta' nies tax-xogħol (15-64 sena) ukoll mistenni jonqos, minn 68.7% għal 62.4%, minn 288,500 għal 259,400 ħaddiem.

Għomor itwal huwa bla dubju indikatur ċar ta' progress soċjali u ekonomiku. Jirrappreżenta s-suċċess tax-xjenza u l-ordni pubblika fuq ħafna mill-kawżiet ta' mwiet qabel il-waqt li kienu jaħsdu tant ħajjiet fi żminijiet oħra. Madankollu, huwa minnu wkoll li popolazzjoni li qed tixjieħ ikollha riperkussjonijiet sinifikanti u estensivi fuq l-aspetti kollha tal-ordni pubblika. Ħarsa lejn xi ansjetajiet u kwistjonijiet ġerontoloġiċi tippreżenta ħames sfidi distinti.





***Introjtu sigur.*** Minkejja li Malta tista' tiftaħar b'sistema komprensiva ta' pernsjonijiet, xorta waħda għadha ma tistax taċċerta li n-nies kbar fl-età kollha jħossuhom siguri finanzjarjament. Il-faqar għadu problema persistenti fost ċerta minoranza, għalkemm din tvarja sostanzjalment minn grupp għall-ieħor. MA hemmx xi bakketta maġika li tista' tgħin lil Malta tiggarantixxi sostennibilità finanzjarja permanenti fil-finanzi pubbliċi tagħha fejn tidħol l-anzjanità. Biex ikun jista' jinstab bilanċ bejn kwistjonijiet attwali u futuri fil-politika ekonomika se tkun meħtieġa mhux biss ir-rieda politika li jittieħdu deċiżjonijiet ibsin, iżda wkoll il-ħila politika biex il-pubbliku jkun konvint li għandu jassumi xi ftit mir-responsabbiltà li tkun tassigura s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' pensjoni fil-ġejjieni.

***Diskriminazzjoni minħabba età.*** Iċ-ċaħda tad-drittijiet kollha taċ-ċittadin abbażi ta' diskriminazzjoni minħabba l-età toffri sfida enormi. Diskriminazzjoni minħabba l-età hija għajn kbir ta' stigma, esklużjoni soċjali u komplikazzjonijiet meta dak li jkun jasal lejn l-aħħar stadju tiegħu fis-suq tax-xogħol jew ikun irid jerġa' jidħol fih – u għalhekk – nies ta' età akbar ikunu qegħdin jiċċaħħdu milli jagħtu kontribut ekonomiku u soċjali. Politika li taħdem kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-età tħaddan fiha l-potenzjal li tgħin lil Malta tadatta ruħha għal popolazzoni aktar anzjana u għall- aspettattiva ta' għomor itwal billi twarrab l-isterjotipi dominanti bi preġudizzju dwar l-età ma' kultura ta' ugwaljanza u rispett, bit-tfassil mill-ġdid tas-servizzi pubbliċi sabiex jaqdu l-bżonnijiet ta' nies akbar fl-età, u bit-tibdil fl-istrutturi tas-suq tax-xogħol bil-għan li jinqdew dawk l-anzjani li jkunu jixtiequ jkomplu jaħdmu għal aktar snin.

***Ċittadinanza.*** Permezz tad-diversità ekonomika, soċjali u kulturali dejjem tikber, nies ta' età akbar ma għadhomx aktar daqshekk faċli biex tiddistingwihom bħala komunità definita. L-isfida qiegħda fl-iżvilupp ta' rwoli u atteġġjamenti ġodda għalihom li jkunu proporzjonalment ideali mal-konfini dejjem iżjed fluwidi bejn l-istat ta' adult u t-tielet u r-raba' stadju tal-ħajja. Soluzzjoni li tissemma ħafna hija l-volontarjat. Illum il-ġurnata, volontieri ta' ċerta età jitqiesu bħala riżors mill-aqwa, impenjati kif inhuma fost varjetà sħiħa ta' nies, minn ħabsin sa tfal abbużati u mċaħħda, u f'ambjenti bħal ma huma ċ-ċentri ta' kura matul il-jum u l-iskejjel. Madankollu, ix-xogħol ta' volontarjat minn persuni ta' età akbar ma jistax jilħaq l-aqwa potenzjal tiegħu mingħajr l-appoġġ ta' strateġiji u ta' politika li jsostnu programmi effettivi u li huma mfassla b'mod li jgħinu biex jiġbdu lil aktar nies, ikun hemm tmexxija aħjar, u jinżammu fil-post voluntieri ta' età akbar.

***Kura fil-Komunità.*** Is-servizzi ta' kura fil-komunità jgħinu lil persuni ta' età akbar biex ikomplu b'ħajjithom fl-ambjent li kibru fih. Bħalissa f'Malta hawn provduti diversi servizzi ta' kura fil-komunità għal nies ta' età akbar. Madankollu, ma hemmx dubju li fil-ġejjieni qrib is-sistema se tkun imxekkla minn żieda ta' nies akbar fl-età u l-aspirazzjonijiet tagħhom, kif ukoll minn nuqqas relattiv fil-għadd ta' dawk li jieħdu ħsiebhom u l-ħtieġa ta' aktar nies jaħdmu. Is-servizzi ta' kura fil-komunità għal persuna ta' età akbar jesiġu l-bidla minn valutazzjoni tal-"ħtiġijiet" għal waħda ta' "parteċipazzjoni", mudell li joffri livell ogħla ta' konsistenza u ugwaljanza minn servizzi mogħtija fid-dar, permezz ta' standardizzazzjoni tal-aqwa livelli ta' hlasijiet personalizzati, id-drittijiet għal valutazzjoni, l-għodod ta' valutazzjoni, u kumpens proċedurali.

***Kura tas-Saħħa.*** In-numru dejjem jiżdied ta' persuni akbar fl-età u ż-żieda stmata li se jkun hemm fil-għadd ta' dawk fil-popolazzjoni li jaqbżu l-età ta' 80 sena fil-ġejjieni se jkunu qed joffru sfidi kbar lis-sistema ta' kura tas-saħħa fejn jidħlu l-fondi u l-kompetenza. Biżżejjed jingħad li sas-sena 2038 huwa stmat li n-numru ta' persuni li se jkunu qegħdin isofru mid-dimensja se jkun qed jiżdied mill-5,200 tal-lum għal 14,000. Ma' dan irid jingħad li aktar ma l-popolazzjoni ta' Malta tkompli tgħix aktar fit-tul, ir-riskji ta' diżabiltà iżjed tard fil-ħajja se jkunu qed jiżdiedu wkoll. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm ħtieġa urġenti li tkun definita mill-ġdid "l-anzjanità" fil-kuntest tal-kura tas-saħħa, kif ukoll il-valur ta' konċentrazzjoni akbar fuq il-promozzjoni ta' stil ta' għajxien aħjar, il-kura primarja, u r-riabilitazzjoni bil-għan li jonqos il-piż minn fuq persuni ta' età akbar minħabba dipendenza żejda tagħhom fuq il-kura fl-isptar.



# L-iżvilupp ta' Politika Strateġika Nazzjonali

Konxju minn dawn l-isfidi, il-Gvern wieżen il-viżjoni politika tiegħu għal nies ta' età akbar illum u fil-ġejjieni fil-kunċett ta' anzjanità atttiva, kunċett li huwa espress perfettament fid-diktum tal-Orgnanizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) *"years have been added to life; now we must add life to years".* Kif sostnut kemm mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll mill-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa, il-kunċett ta' anzjanità attiva jiffoka fuq għażla wiesgħa ta' attivitajiet flimkien ma' dawk normalment assoċjati mas-suq tax-xogħol u l-volontarjat, u dan billi jenfasizza l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni ta' persuni akbar fl-età bħala ċittadini attivi:

*"Active ageing refers to the situation where people continue to participate in the formal labour market, as well as engage in other unpaid productive activities (such as care provision to family members and volunteering), and live healthy, independent and secure lives as they age".*

Hemm seba' prinċipji ewlenin fil-kunċett ta' anzjanità atttiva li jiġbru flimkien l-aspetti kollha tal-politika bħala tweġiba b'suċċess għall-isfidi ta' popolazzjoni li qed tixjieħ. L-ewwel, li "attività" tfisser dak kollu li jgħin fil-kisba tal-benesseri għal nies ta' età akbar. It-tieni, il-politika ta' anzjanità attiva tinkorpora lill-persuni kollha ta' età akbar, inklużi dawk li huma relattivament magħdura u dipendenti. It-tielet, anzjanità attiva hija minnha nnifisha kunċett preventiv li jikkonċentra fuq kif ikunu evitati l-mard u l-esklużjoni soċjali iżjed tard fil-ħajja. Ir-raba', anzjanità attiva hija proċess definittivament interġenerazzjonali bis-setturi varji tas-soċjetà ċivili b'interess ewlieni fit-twettiq tiegħu. Il-ħames, politika msejsa fuq anzjanità attiva tinkorpora fiha kemm jeddijiet kif ukoll dmirijiet. Is-sitta, strateġiji mibnija fuq anzjanità attiva joffru parteċipazzjoni u awtorizzazzjoni. U finalment, anzjanità attiva toffri sensittività fejn tidħol id-diversità nazzjonali u kulturali.

L-għan ewlieni tal-Kummissjoni Nazzjonali għal Anzjanità Attiva kien li tnissel politika strateġika għal Malta msejsa fuq il-prinċipji msemmija aktar 'il fuq iżda li hija wkoll sensittiva għall-kontorni li jikkaretterizzaw il-Gżejjer Maltin. Sa mill-bidunett, l-intenzjoni tal-Kummissjoni Nazzjonali kienet li tagħti pariri ta' bidliet fil-politika li għandhom il-potenzjal li jissarrfu f'anzjanità pożittiva, produttiva u ta' suċċess. B'dan l-iskop, kien permezz ta' proċess ta' konsultazzjoni li l-Kummissjoni Nazzjonali dderiġiet il-ħidma tagħha fit-tfassil tal-*Politika Strateġika Nazzjonali* bl-organizzazzjoni ta' seminar ta' konsultazzjoni pubblika kemm għal dawk imdaħħlin fix-xogħol marbut mal-anzjanità kif ukoll għall-pubbliku inġenerali, u b'kuntatti informali ma' gruppi u individwi interessati. Wara din il-konsultazzjoni, dehru tliet temi ewlenin tal-*Politika Strateġika Nazzjonali*: parteċipazzjoni atttiva fis-suq tax-xogħol, parteċipazzjoni fis-soċjetà, u għajxien indipendenti. Dan id-dokument jagħti analiżi diskrittiva tax-xejriet u l-kwistjonijiet marbuta ma' kull waħda minn dawn l-aspetti kruċjali, flimkien ma' għadd ta' rakkomandazzjonijiet għal din il-politika. Ir-rakkomandazzjonijiet li jingħataw bid-dettal fil-*Politika Strateġika Nazzjonali* huma intenzjonalment wisgħin peress li għandhom l-iskop li joffru direzzjonijiet għal twettiq fil-ġejjieni aktar milli jagħtu stampa ta' attivitajiet speċifiċi li l-gvernijiet, is-setturi kummerċjali, il-komunitajiet u oħrajn jistgħu jagħmlu. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet strateġiċi għandhom iservu ta' gwida għal tiġdid tal-politika, programmi u attivitajiet fil-ġejjieni.

It-twettiq tal-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva: Malta 2014-2020* huwa sfida li ġġib magħha investiment qawwi finanzjarju fir-riżorsi umani, kif ukoll impenn serju u perseveranza f'isem dawk il-ħafna li għandhom interess fl-anzjanità. Waqt li l-Gvern huwa sod fid-determinazzjoni tiegħu li jħaddem ir-ri¿orsi kollha neċessarji li għandu għad-dispo¿izzjoni tiegħu fit-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet f'din il-politika, dan ma jistax jinkiseb mingħajr il-kontribut ta' fergħat varji tas-soċjetà ċivili. In-natura multidixxiplinarja tal-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* titlob li Ministeri u Segretarjati Parlamentari oħra – minbarra l-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, u s-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabiltà u Anzjanità Attiva – ikunu attivi fil-ħidma biex jintlaħqu l-għanijiet u l-oġġettivi li hemm fiha. Il-meddiet vasti ta' ħidma li dwarhom titkellem il-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* jistgħu jitwettqu biss permezz ta' kollaborazzjoni intersettorjali. Waqt li s-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltà u Anzjanità Attiva jinsab ħerqan jaħdem għat-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet għall-politika strateġika ta' dan id-dokument, l-impetus nazzjonali ta' din il-politika strateġika jeħtieġ li l-Ministeri differenti jaċċertaw li jkun hemm il-fondi u r-riżorsi umani neċessarji għal inizjattivi li jaqgħu taħt ir-responsabbltà rispettiva tagħhom. Ma' dan, mhux eskluż li r-riżorsi finanzjarji nazzjonali jkunu msaħħa minn fondi internazzjonali u tal-Unjoni Ewropea. Fl-impenn tiegħu li jiffaċilita l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet imressqa fil-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* l-Gvern se jkun qed jaħtar Kumitat Inter-Ministerjali bir-responsabbiltà li jmexxi l-proċess ta' twettiq tar-rakkomandazzjonijiet, u li jagħmel monitoraġġ tal-progress fir-rigward tal-miżuri u l-inizjattivi li jridu jittieħdu, biex hekk jaċċerta li l-miri preskritti jintlaħqu.



Wara l-preżentazzjoni tal-Indiċi Għal Anzjanità Attiva mill-Kummissjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (2013), ġew identifikati erba' indikaturi ewlenin li jivvalutaw it-twettiq u l-effikaċja tal-inizjattivi varji li hemm proposti fil-Politika Strateġika – li huma: ir-rati ta' impjieg, parteċipazzjoni fis-soċjetà, għajxien indipendenti, b'saħħtu u sigur, kapaċità għal anzjanità attiva. Għaldaqstant, l-implimentazzjoni u l-proċedura ta' monitoraġġ li jsuqu l-*Politika Strateġika Għal Anzjanità Attiva: Malta 2014-2020* jesiġu li jkun hemm tliet spazji definiti li fihom jitwettqu l-inizjatttivi ta' anzjanità atttiva: l-impjieg, parteċipazzjoni fis-soċjetà, u għajxien indipendenti. Il-miżuri li jikkonċernaw l-għajxien indipendenti jinkoraġġixxu anzjanità fis-saħħa u għajxien indipendenti permezz ta' metodu ta' prevenzjoni fil-kura tas-saħħa u soċjali, u fil-ħolqien ta' ambjent li juri aktar rispett lejn l-età. L-indikatur li baqa', il-kapaċità għal anzjanità attiva, jieħu in konsiderazzjoni r-riżorsi li jkollhom adulti ta' età akbar u li jistgħu jservuhom ta' katalista għall-aqwa stil ta' għajxien matul anzjanità attiva.

**Bibjografija**


European Commission, (2011). *The ageing 2012 report: Underlying assumptions and projection methodologies*. Brussels: European Union.

National Statistics Office, (2013). *Personal communication*.

National Statistics Office, (2013). *International day for older persons 2013*. Malta: National Office for Statistics. (http://www.nso.gov.mt/statdoc/document_file.aspx?id=3728)

National Statistics Office, (2011). *Demographic review 2010*. Malta: National Statistics Office.

Walker, A. (2002). A strategy for active ageing. *International Social Security Review*, 55 (1): 121-131.

Zaidi, A. et al., (2013). Active Ageing Index 2012: Concept, Methdology and Final Results. Austria: European Centre Vienna. (http://www.euro.centre.org/data/aai/1220536245_72192.pdf )



# POLITIKA STRATEĠIKA NAZZJONALI GĦAL ANZJANITÀ ATTIVA: MALTA 2014-2020

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-*Politika Strateġika Għal Anzjanità Attiva: Malta 2014-2020* tistrieħ fuq tliet temi ewlenin: parteċipazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol, parteċipazzjoni fis-soċjetà, u għajxien indipendenti. Anzjanità atttiva tirreferi għal sitwazzjoni fejn persuni ta' età akbar ikomplu jkollhom l-opportunità jieħdu sehem formalment fis-suq tax-xogħol, kif ukoll li jieħdu sehem bla ħlas f'attivitajiet produttivi li jkunu jvarjaw minn provvista ta' kura lil membri tal-familja għall-volontarjat, waqt li jibqgħu jgħixu ħajja f'saħħithom u indipendenti matul l-anzjanità.

Il-politika tal-anzjanità attiva għandha l-għan li żżid in-numru ta' ħaddiema ta' età akbar fis-suq tax-xogħol, waqt li tagħti ċ-ċans lil persuni li jkunu qabżu l-età tal-irtirar biex jibqgħu fl-impjieg jew isibu ieħor. Dawn l-oġġettivi huma meħtieġa biex is-soċjetà tal-lum u tal-ġejjieni tkun tista' tilqa' għat-tnaqqis fil-popolazzjoni ta' nies fl-età tax-xogħol, u l-impatt li dan ikollu fuq il-proporzjon ta' dipendenza u l-provista ta' ħiliet, u għalhekk tagħmel inqas possibbli l-potenzjal ta' faqar fil-ġejjieni fost nies ta' età akbar, waqt li fl-istess ħin issaħħaħ il-potenzjal ta' ħaddiema anzjani biex jagħtu s-sehem tagħhom fit-tkabbir ekonomiku fil-futur. Il-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* tressaq dawn ir-rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li jkunu msaħħa l-livelli ta' ħaddiema akbar fl-età: jissokta t-taħriġ vokazzjonali għal adulti ta' età akbar; titjib dwar saħħa fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, fit-teknika tat-trattament tal-età, u fis-servizzi ta' impjieg; miżuri kostruttivi kontra d-diskriminazzjoni minħabba età; l-implimentazzjoni ta' sistema ta' taxxi u benefiċċji; l-inkoraġġiment għal skemi ta' tagħlim fi ħdan organizzazzjonijiet relatati max-xogħol; u tisħiħ tal-miżuri disponibbli għat-twassil ta' rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-kura informali.

L-idea ta' "parteċipazzjoni soċjali" hija t-tema dominanti fid-dikjarazzjonijiet tal-Politika dwar anzjanità attiva. Il-kunċett ta' anzjanità attiva jaspira għall-parteċipazzjoni attiva ta' persuna akbar fl-età f'attivitajiet soċjali, ekonomiċi, kulturali u ċiviċi. Iżda aspirazzjonijiet individwali waħedhom ma humiex biżżejjed biex isostnu stili ta' għajxien parteċipattiv. Id-determinazzjoni ta' adulti ta' età akbar sabiex jiksbu l-ogħla livelli ta' mpenn soċjali dejjem se ssib reżistenza minn barrieri strutturali, diffikultaiet li jistgħu jispiċċaw f'esperjenzi mhux mixtieqa ta' esklużjoni materjali u soċjali. Il-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* toffri dawn ir-rakkomandazzjonijiet għal inklużjoni soċjali iżjed tard fil-ħajja: l-assigurazzjoni ta' dħul sigur, adekwat u sostennibbli għall-persuni kollha ta' età akbar; il-provista ta' riżorsi finanzjarji u soċjali lil persuni kbar vulnerabbli; ir-rikonoxximent tal-benefiċċji li joħorġu mill-volontarjat ta' nies akbar fl-età u n-nanniet; it-tisħiħ ta' opportunitajiet għal tagħlim, għarfien diġitali, ċittadinanza attiva, u solidarjetà interġenerazzjonali iżjed tard fil-ħajja; u l-provista ta' appoġġ għal kura informali minn persuni ta' età akbar.



Biex il-perċezzjoni tas-soċjetà dwar l-anzjanità tista' tinbidel minn waħda ta' dipendenza għal anzjanità attiva hija meħtiega riforma drastika li taħseb għal indipendenza u dinjità fl-anzjanità. Is-soċjetà tagħna ma tistax tibqa' kuntenta sempliċiment biż-żieda fenominali fl-aspettattiva għal għomor itwal, iżda trid tistinka biex ittawwal il-perjodu ta' snin f'saħħitna u mbagħad toħloq l-opportunitajiet xierqa ta' attivitajiet fiżiċi u mentali adattati għal persuni ta' età akbar. It-tisħiħ tal-miżuri għal aktar għarfien dwar is-saħħa, kura u ħarsien, jgħin lil persuni ta' età akbar biex jaċċertaw il-funjonijiet fiżiċi u mentali tagħhom għal għajxien indipendenti. Il-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* toffri dawn ir-rakkomandazzjonijiet għal titjib fl-għajxien indipendenti iżjed tard fil-ħajja: titjib tas-servizzi tas-saħħa fejn jidħlu prevenzjoni u promozzjoni, riablitazzjoni ġerjatrika, saħħa mentali u benessere, u servizzi ta' kura fil-komunità lil nies kbar fl-età u adulti; appoġġ għal inizjattivi li jgħinu fil-ħolqien ta' komunitajiet u servizzi ta' wens għall-età u d-dimensja; tisħiħ tal-awtonomija tal-kura fit-tul; li jkunu magħrufa l-abbuż u l-abbandun ta' persuni akbar fl-età'; u aktar investiment fil-kura qrib tmiem il-ħajja.

# PREAMBOLU

Il-Gvern Malti għandu tradizzjoni twila fejn għandu x'jaqsam il-kontribut tiegħu sabiex ikun hawn għarfien aħjar tar-relazzjoni bejn il-politika soċjali u kwistjonijiet demografiċi. Malta kienet fost l-ewwel pajjiżi li qajmet is-suġġett ta' popolazzjoni qed tixjieħ bħala kwistjoni ta' anżjetà dinjija. Dan seħħ fl-1969 meta kien sar b'suċċess appell lin-Nazzjonijiet Uniti biex it-tema tal-anzjanità fil-popolazzjoni titpoġġa fuq l-aġenda tal-24 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali. Malta kellha sehem importanti wkoll fl-ewwel Assemblea Dinjija tan-Nazzjonijiet Uniti fl-1982 meta l-presidenza kienet ingħatat lil ċittadin Malti. Il-ħolqien riċenti ta' Segretarjat Parlamentari responsabbbli mit-twettiq tal-politika dwar l-Anzjanità Attiva jikkonferma l-kontinwità fl-impenn tal-Gvern li jżomm lil Malta fuq quddiemnett ta' politika innovattiva dwar popolazzjoni li qed tixjieħ.

Il-Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva: Malta 2014-2020 hija minnha nnifisha waqt uniku għall-politika lokali dwar l-anzjanità. Aktar ma jgħaddi żmien minn fuq is-seklu, aktar is-soċjetà Maltija se tkun qed tesperjenza tibdiliet bla preċedent fit-tessut demografiku tagħha. Waqt li sas-sena 2025 in-numru ta' persuni ta' 65 sena u aktar mistenni jitla' bi 72% meta mqabbel maċ-ċifri tal-2010, sas-sena 2060 it-tfal u ż-żgħażagħ taħt l-20 sena se jkunu naqsu b'35%. Dan kollu jitlob trattament innovattiv tal-politika pubblika peress dak li qed jaħdem illum mhux neċessarjament se jkun qed jilqa' għall-anżjetajiet u l-isfidi li popolazzjonijiet futuri se jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom b'riżultat tal-piramidi demografiċi li jispiċċaw kwadrati. Il-Politika Strateġika Nazzjonali tniedi l-proċess billi tisħaq fuq il-ħtieġa għall-ippjanar aħjar għall-ġenerazzjonijiet anzjani tal-lum u tal-ġejjieni. Il-Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva: Malta 2014-2020 tilħaq dan l-iskop billi qed tirrakkomanda politika ta' strateġiji li jinkoraġġixxu ħajja tax-xogħol itwal waqt li tinżamm il-kapaċità li wieħed jibqa' jaħdem, tippromwovi l-inklużjoni soċjali u t-tneħħija ta' kull diskriminazzjoni ta' nies ta'





età akbar, il-ħarsien tas-saħħa u l-indipendenza iżjed tard fil-ħajja, u l-manteniment u t-tisħiħ tas-solidarjetà interġenerazzjonali. Waqt li tiċħad il-pożizzjonijiet antiki u tradizzjonali li jorbtu l-anzjanità ma' esperjenzi kollettivi u omoġenetiċi ta' dekadenza, telf, dgħufija, u dipendenza, il-Politika Strateġika Nazzjonali tirrikonoxxi li t-tijib li sar fl- aspettattiva ta' ħajja itwal u aktar snin ta' saħħa fiżika bħala għajn ta' ċelebrazzjoni, bil-ħolqien ta' opportunitajiet bla preċedent għall-ġenerazzjonijiet tal-lum u tal-ġejjieni, kif ukoll għas-soċjetà in ġenerali. Il-Politika Strateġika Nazzjonali tislet il-lehma tagħha mill-aspetti pożittivi tal-kunċett ta' "anzjanità attiva" bħala dak il-proċess li jagħmel l-aħjar użu minn opportunitajiet dwar saħħa, parteċipazzjoni u sigurtà bil-għan li titjieb il-kwalità tal-ħajja waqt li n-nies jikbru.Il-politika ta' anzjanità attiva twarrab il-konċentrazzjoni fuq "il-kura tax-xjuħ" u tmur favur li tgħin lil nies ta' età akbar joħorġu l-potenzjal tagħhom għall-benessere fiżiku, soċjali u mentali. Il-Politika Strateġika Nazzjonali tħaddan il-kunċett ta' anzjanità atttiva bħala l-iżvilupp ideali li bih persuni ta' età akbar ikollhom biżżejjed prospetti ta' sehem fis-suq formali tax-xogħol, kif ukoll li jieħdu sehem bla ħlas f'attivitajiet produttivi (li jvarjaw minn attivitajiet ta' passatemp għal kura informali u l-volontarjat), u stili ta' għajxien ta' saħħa fiżika, indipendenza u sigurtà. Tliet valuri importanti jkattru l-viżjoni ta' Malta tal-politika strateġika għal anzjanità attiva - il-bidla tas-soċjetà Maltija f'soċjetà "għal kull età" fejn iċ-ċittadini fi gruppi ta' etajiet differenti jinvestu wieħed fl-ieħor biex imbagħad jaqsmu l-frott ta' dak l-investiment, "ugwaljanza interġenerazzjonali" fejn l-età ma tibqax aktar fattur li jifred fit-tqassim u l-intitular ta' opportunitajiet u riżorsi, u "l-awtorizzazzjoni" li permezz tagħha persuni ta' età akbar jingħataw l-opportunità jtejbu l-ħiliet tagħhom biex hekk jgħixu ħajjithom bl-aħjar mod possibbli.

Wieħed jifhem li mhux ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-politika jistgħu jkunu segwiti minn uffiċċju politiku wieħed, u biex il-Politika Strateġika Nazzjonali tista' tkun suċċess, trid tkun imsaħħa minn infrastrutturi inter-ministerjali sodi. It-twettiq tal-Politika Strateġika jeħtieġ mill-Gvern li jħares lejn il-popolazzjoni anzjana b'modi straordinarji, waqt li jfittex il-kollaborazzjoni attiva ta' għaqdiet fis-setturi pubbliċi, privati u volontarji. Madankollu, ix-xogħol tajjeb li sar fl-imgħoddi mill-Gvern Malti fil-qasam tal-anzjanità ma għandu jħalli l-ebda dubju fuq l-impenn imminenti u effettiv tiegħu fl-implimentazzjoni tal-politika u l-istrateġiji hawnhekk rakkomandati.



# PARTEĊIPAZZJONI ATTIVA FIS-SUQ TAX-XOGĦOL

*Europe 2020: A European strategy for smart, sustainable and inclusive growth* jagħmel sejħa lill-istati membri biex jimplimentaw strateġiji effettivi dwar l-anzjanità attiva billi jindirizzaw il-barrieri li jwasslu għal rati aktar baxxi ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol minn ħaddiema ta' età akbar. L-aċċertazzjoni ta' parteċipazzjoni attiva minn ħaddiema ta' età akbar (55-64 sena) fis-suq tax-xogħol tkattar it-tkabbir ekonomiku, issaħħaħ il-koeżjoni soċjali u s-suffiċjenza tal-pensjonijiet, u timmaniġġja aħjar il-piż finanzjarju dejjem jikber tas-sistemi ta' ħarsien soċjali. Minkejja t-tendenza ovvja fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea (UE) biex jimplimentaw politika li tiskoraġġixxi – f'xi okkażjonijiet jimponu – tluq bikri mix-xogħol, ir-realtà hi li n-numru ta' ħaddiema ta' età akbar fis-suq tax-xogħol f'Malta mhux inkoraġġanti. Ir-rata totali ta' ħaddiema ta' età akbar f'Malta żdiedet by 3.4% bejn l-2002 u l-2012, imqabbla mal-medja ta' 10.7% fost is-27 tal-UE. Il-perċentwal ta' 33.6 fir-rata ta' ħaddiema ta' età akbar f'Malta kienet inqas sewwa mill-medja għall-UE-27 ta' 48.9% (ċifri għall-2012). In-nisa wkoll għandhom parteċipazzjoni ferm iżed baxxa mill-irġiel fis-suq tax-xogħol, bi 15.8% kontra 51.7% rispettivament (2012). Bi 15.2%, il-proporzjon ta' ħaddiema akbar fl-età f' impjieg part-time f'Malta wkoll huwa ferm aktar baxx mill-medja ta' 22.6% għall-UE-27. Dawn huma dettalji li jnisslu ċerta preokkupazzjoni għax rati baxxi ta' mpjieg fost il-ħaddiema ta' età akbar iqanqlu l-possibiltà ta' nuqqasijiet soċjali u materjali iżjed tard fil-ħajja meta hemm relazzjoni qawwija bejn ir-realtà tal-qgħad u l-faqar, l-esklużjoni soċjali u theddida għas-saħħa ta' persuna li tkun irtirat. Madankollu, fuq nota pożittiva, f'konformità max-xejriet fl-UE r-rati ta' mpjieg ta' persuni ta' età akbar li kellhom edukazzjoni sekondarja jew terzjarja żdiedu b'aktar ħeffa meta mqabbla ma' persuni tal-età tagħhom b'edukazzjoni inferjuri. Infatti, fl-2012 ir-rata ta' impjieg fost persuni ta' bejn il-55 sena u l-64 sena b'edukazzjoni terzjarja kienet tilħaq il-61.2% mqabbla ma' 28.9% biss għal dawk b'edukazzjoni pri-primarja, primarja u sekondarja. Riċerka lokali li tiffokka fuq ir-raġunijiet għala hemm dawn il-livelli ta' inattività fost il-ħaddiema ta' età akbar turi li waqt li l-irġiel għandhom tendenza jieqfu mix-xogħol minn skemi ta' irtirar bikri jew mandatorju, il-biċċa l-kbira tan-nisa normalment isemmu responsabbiltajiet personali u tal-familja. Fil-verità, ir-raġunijiet li qegħdin iġiegħlu ħaddiema ta' età akbar jitilqu mis-suq tax-xogħol huma kumplessi u jidħlu f'xulxin, u flimkien jiffurmaw kombinazzjoni ta' fatturi kemm pożittivi kif ukoll negattivi li fuq naħa jinkludu skemi ta' irtirar, benefiċċji, impenji ta' kura u assi finanzjarji tajbin, u fuq l-oħra mard, tnaqqis ta' impjegati, u kundizzjonijiet ħżiena tax-xogħol. Madankollu, ta' nota pożittiva oħra huwa n-numru ta' pensjonanti fis-suq tax-xogħol li żdied ġmielu fl-aħħar nofs ta' diċenju: 8,156 (2008), 9,036 (2009), 10,206 (2010), 10,304 (2011) u 11,602 (2012).



Il-*Politika Strateġika Nazzjonali għal Anzjanità Attiva* tinkoraġġixxi lil persuni ta' età akbar biex jibqgħu fis-suq tax-xogħol bħala parti mill-aġenda tal-Unjoni Ewropea dwar "l-anzjanità attiva". Madankollu, din il-bidla mill-"passiv" għall-"attiv" fejn tidħol il-politika ta' ħarsien soċjali għal nies akbar fl-età mhix se tiġi waħedha, iżda fi sħubija ma' sistemi oħrajn ta' politika ta' ħarsien li jappoġġaw ħaddiema ta' età akbar. Kif tisħaq id-Dikjarazzjoni tal-Kunsill fuq is-*Sena Ewropea għal anzjanità attiva u solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet (2012)*: *It-triq quddiemna*, jista' jkun hemm forom differenti ta' politika li jvarjaw minn riformi biex jispiċċaw l-inċentivi għal waqfien bikri mix-xogħol għal politika speċifika ta' impjieg li ġġib magħha l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg għal ħaddiema ta' età akbar. Fuq naħa waħda, il-politika ġenerali kienet tinkludi t-tneħħija ta' diżinċentivi fiskali u soċjali biex jissokta l-impjieg, l-adattament ta' postijiet tax-xogħol għall-ħtiġijiet ta' ħaddiema ta' età akbar u diffikultajiet tagħhom dwar xogħol bix-xift, u t-tibdil fl-ambjent tax-xogħol biex jintlaqgħu l-ħtiġijiet ta' impjegati ta' età akbar. Fuq l-oħra, hemm il-politika speċifika li taħseb għall-possibbiltà ta' rtirar gradwali u flessibli, biex hekk il-ħaddiema ta' età akbar ikollhom aċċess għal taħriġ vokazzjonali u edukazzjoni professjonali bil-għan li jtejbu l-ħiliet tagħhom, jinbidlu l-mentalitajiet negattivi ta' min iħaddem dwar ħaddiema ta' età akbar, u l-promozzjoni tal-idea ta' timijiet magħmula minn ħaddiema ta' etajiet mħallta. Il-livell ta' impjiegi u s-sistemi ta' sigurtà soċjali huwa mill-aktar kruċjali. Livelli flessibli ta' impjieg ma' aġġustament parallel ta' sostenn mis-sigurtà soċjali jinkludi t-tnaqqis ta' inċentivi għal irtirar qabel iż-żmien u għażliet ta' impjieg lil hinn mill-età tal-irtirar.



# Aktar edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ

Il-ħiliet u l-kwalifiki għandhom relazzjoni qawwija ma' parteċipazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol. Huwa magħruf sewwa li persuni b'aktar edukazzjoni x'aktarx li jkollhom rati ogħla ta' parteċipazzjoni fix-xogħol u jdumu aktar fis-suq tax-xogħol. Il-provista lil nies ta' età akbar ta' opportunitajiet biex jaġġornaw u jestendu kemm il-ħiliet tagħhom kif ukoll il-kwalifiki għalhekk jista' jkun li tgħinhom u tħajjarhom ikomplu jaħdmu. Madankollu, dan ma jfissirx li aktar edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ għal nies ta' età akbar ma għandhomx diffikultajiet. Waqt li l-ħtiġijet ta' ħiliet u kwalifiki jvarjaw minn ambjent kummerċjali għal ieħor u minn impjieg għal ieħor, il-ħaddiema ta' età akbar ukoll ivarjaw skont l-industrija u l-post li jaħdmu fihom, bir-rwol tagħhom magħġun minn fatturi bħal sess, stat etniku, u lokazzjoni ġejografika. Ħaddiema ta' età akbar jieħdu sehem b'mod varjat fil-proċess ta' aktar edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ, bid-differenzi estensivi jidhru fost irġiel u nisa, gruppi ta' etajiet varji, tipi ta' programm, u ambjenti edukattivi. Aktar minn hekk, meta jiġu biex jipparteċipaw f'aktar żvilupp tal-ħiliet tagħhom ħaddiema ta' età akbar isibu ma' wiċċhom ostakli li jvarjaw minn atteġġjamenti negattivi min-naħa ta' min iħaddem, diskriminazzjoni, nuqqas ta' informazzjoni dwar l-għażliet quddiemhom, impenji dwar kura u dmirijiet, kwistjonijiet finanzjarji, għal atteġġjament negattiv personali bħal mhu n-nuqqas ta' fiduċja fil-ħila tagħhom infushom li jirnexxu. Iċ-ċaħda ta' impjieg għal persuni ta' età akbar hija ntopp kbir ieħor fit-tkomplija ta' aktar edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ għal ħaddiema li jkunu qegħdin jikbru.

Sistemi tajbin u effettivi li jipprovdu aktar edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ huma msejsa fuq tliet strateġiji ewlenin. L-ewwel, għarfien tal-bżonnijiet, il-karatteristiċi u l-miri ta' persuni ta' età akbar li jkunu qed ifittxu jiksbu aktar tagħlim. Il-ħerqa tagħhom biex jitgħallmu sikwit tkun motivata mill-bżonn tagħhom li jkunu jafu xi ħaġa u jagħmluha, biex hekk ir-raġunament tagħhom fir-rigward tat-tagħlim ikun jiffoka fuq il-problemi aktar milli jkun ġej minn perspettiva tas-suġġett. Barra minn hekk, persuni ta' età akbar huma l-aktar motivati fit-tagħlim minn fatturi intrinsiċi aktar milli minn ġibdiet estrinsiċi. It-tieni, għarfien tal-bżonnijiet ta' min iħaddem u tal-post tax-xogħol. L-aspettazzjoni ġeneralment iddur mal-ħtieġa ta' rinfurzar tal-kompetenza ta' ħaddiema ta' età akbar f'ħiliet marbutin mal-kompjuter, ħiliet tal-imimmaniġar u l-proċessar ta' informazzjoni, ħiliet lingwistiċi, il-kapaċità li jitgħallmu u jieħdu sehem f'esperjenzi ġodda, livelli ta' tolleranza għat-tibdil, u l-ħila li jaħdmu f'tim. U finalment, għarfien ta' liema prinċipji ta' tagħlim ikunu l-aħjar għal ħaddiema ta' età akbar. Waqt li ma hemm l-ebda prova li ħaddiema li għandhom iktar minn 70 sena ikollhom diffikultajiet fil-funzjoni ta' kif jassorbu t-tagħlim u għalhekk tonqsilhom il-ħila għal aktar taħriġ, strateġiji ta' tagħlim b'suċċess għal nies ta' età akbar ikunu jinkludu pass inqas mgħaġġel u ħin itwal għad-diskussjoni, taħriġ fuq il-post u teknika ta' tagħlim imsejjes fuq l-esperjenza, inqas materjal għall-qari u aktar preżentazzonijiet vivaċi, u proċess personalizzat ta' tagħlim. Barra minn hekk, ħaddiema ta' età akbar ġeneralment ikunu jippreferu li jkomplu bl-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ tagħhom separatament minn ħaddiema iżgħar minnhom li ġeneralment ikollhom bżonnijiet differenti.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Għarfien akbar tal-valur ta' aktar edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ għal ħaddiema ta' età akbar sabiex ikun hemm aktar produzzjoni u tkabbir ekonomiku.
- Aktar opportunitajiet ta' edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ skont il-bżonnijiet ta' ħaddiema ta' età akbar kif ukoll ta' min iħaddem u l-post partikolari tax-xogħol.
- Appoġġ lil għalliema u sosteníturi oħra ta' aktar edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ sabiex ikunu aktar konxji tal-istili uniċi ta' tagħlim li jippreferu l-ħaddiema ta' età akbar.

# Kundizzjonijiet tajbin tax-xogħol

F'dawn iż-żminijiet kien hemm żviluppi sinifikanti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol. Matul dawn l-aħħar għexieren ta' snin inbidlu ħafna l-metodi ta' produzzjoni fl-azjendi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-ħaddiema kienu esposti għal bżonnijiet ġodda minħabba l-evoluzzjoni tas-suq tax-xogħol, fi proċessi ta' produzzjoni, u fir-relazzjoni bejn l-azjendi. Ir-riżultat kien "intensifikazzjoni" ta' xogħol b'rittmu u versatilità li laħqu livelli straordinarji. F'dan il-kuntest, ma jistax jonqos li l-introduzzjoni ta' forom organizzattivi ġodda tax-xogħol qed toħloq riskju ta' stress u ta' saħħa fost ħadddiema ta' età akbar, u li kwistjonijiet dwar saħħa u kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu fost l-aktar raġunijiet attribwiti għal waqfien bikri mix-xogħol. Xejn inqas importanti, il-karatteristiċi ta' proċeduri organizzattivi ta' xogħol li jkattru l-istress jgħoddu daqs raġunijiet oħra bħal dawk istituzzjonali, finanzjarji, kontestwali u familjari meta jkunu qed jinfluwenzaw lil ħaddiema ta' età akbar biex jitilqu darba għal dejjem mis-suq tax-xogħol. Hemm xiehda qawwija li l-aktar kawżi sinifikanti ta' mard minħabba x-xogħol fost ħaddiema ta' età akbar normalment jinbtu minn mekkaniżmu "psikoloġiku" li jolqot il-perċezzjoni tal-ħaddiema fir-rigward tar-rwol tagħhom fix-xogħol. Infatti, il-ħaddiema jqisu l-kundizzjonijiet attwali tax-xogħol u t-tifsira li jagħtuhom meta jiġu biex jiddeċiedu li jirtiraw qabel iż-żmien u jitilqu mis-suq tax-xogħol. Dan għax kundizzjonijiet ibsin tax-xogħol li jolqtu ħażin is-saħħa ta' dak li jkun iwasslu għal tnaqqis fil-produzzjoni ta' ħaddiema ta' età akbar, jiżdied in-nuqqas ta' attendenza għax-xogħol, bil-probabilità li jitilfu l-impjieg tagħhom, waqt li tikber il-motivazzjoni biex ifittxu jitilqu kemm, jista' jkun malajr mis-suq tax-xogħol.



It-tisħiħ ta' politika li tieħu ħsieb is-saħħa ta' ħaddiema ta' età akbar fuq il-post tax-xogħol ikun pass pożittiv u neċessarju biex jgħinhom jibqgħu fis-suq tax-xogħol għal żmien itwal. Min ikun jixtieq jimpjega ħaddiema ta' età akbar waqt li jħares l-istat ta' saħħa tagħhom fuq il-post tax-xogħol, ikun jeħtieġ politika li tevita kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jkunu ta' detriment għas-saħħa tal-ħaddiema. Il-ħolqien ta' ambjenti tax-xogħol li jieħdu ħsieb is-saħħa fiżika u mentali u l-benessere tal-ħaddiema jaċċerta kemm l-impjieg fit-tul tal-ħaddiema kif ukoll is-solidità tat-tim ta' ħaddiema, u dan peress li meta mqabbla ma' sħabhom iżgħar, ħaddiema ta' età akbar ikollhom tendenza inqas li jonqsu mix-xogħol minħabba mard u r-rata ta' produzzjoni. Kemm jista' jkun possibbli, ix-xogħol għandu jkun disinjat b'mod li jservi l-ħiliet tal-ħaddiema ta' età akbar billi jillimita, kull fejn hu possibbli, il-kontribut fiżiku eċċessiv. Meta jibdew jikbru, l-ħaddiema (speċjalment in-nisa) tonqsilhom xi ftit il-kapaċità enerġika tagħhom, jiżdied l-uġigħ fil-għonq u l-ispalla, idum aktar biex jgħaddilhom, joktru l-ilmenti muskoloskeletali, tiddgħajjef il-kapaċità tal-muskoli, l-ispina tibda titlef xi ftit mill-flessibiltà, tiżdied l-intolleranza għas-sħana, apparti li jkun hemm aktar limitazzjonijiet fejn jidħlu s-smigħ u l-vista. Madankollu, għandu jingħad li ħaddiema ta' età akbar ġeneralment ikollhom riskju ta' inċident inqas minn ħaddiema iżgħar minnhom. Dawn l-iżvantaġġi relatati mal-età jistgħu jkunu megħluba permezz tat-teknoloġija moderna, aċċess ugwali għal taħriġ, sistemi ta' taħriġ li jieħdu in konsiderazzjoni l-età, xogħol disinjat għal flessibiltà u individwalità, rosters ta' xift skont l-età, appoġġ fuq ix-xogħol minn maniġment li jaf x'inhuma l-bżonnijiet u l-prijoritajiet tal-gruppi varji ta' ħaddiema, u attivitajiet li jkattru għarfien akbar dwar is-saħħa.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Il-promozzjoni ta' prinċipji dwar saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol li jgħinu biex ikunu impjegati ħaddiema ta' età akbar sa, u anki wara, l-età statutorja tal-irtirar.
- L-inkoraġġiment biex ikun hemm aktar rotazzjoni u flessibiltà fost il-ħaddiema bil-għan li jkunu appoġġjati ħaddiema ta' età akbar.
- L-appoġġ lil min iħaddem biex jadotta prattiċi u sistemi li jnaqqsu l-potenzjal ta' riskju għas-saħħa ta' ħaddiema ta' età akbar.



# Immaniġġar tal-età

L-appoġġ għall-ħaddiema ta' età akbar fil-popolazzjoni irid ikun innovattiv mhux biss fuq il-post tax-xogħol iżda anki f'termini ta' politika ekonomika u soċjali. Bil-popolazzjoni ta' nies fl-età tax-xogħol dejjem tonqos se jkun diffiċli fil-ġejjieni qrib biex dawk li jħaddmu jsibu biżżejjed adulti żgħażagħ għall-impjieg magħhom. Dan ifisser li l-gvernijiet iridu jaqilbu ta' taħt fuq il-politika antika li tinkoraġġixxi lil ħaddiema ta' età akbar biex jitilqu mis-suq tax-xogħol, u minflok, jattwaw politika li mhux biss iżżomm lill-ħaddiema fix-xogħol iżda li tħeġġeġ għall-kontribut ta' impjegati ta' età akbar. Infatti l-popolazzjonijiet jixjieħu jeħtieġu li fosthom ikun hemm aktar individwi li jibqgħu jaħdmu għal aktar snin biex hekk jimlew il-postijiet tax-xogħol, u jnaqqsu l-pressjoni minn fuq is-sistemi ta' sigurtà soċjali u pensjonijiet. Dan jista' jkun possibbli permezz ta' inizjattivi ta' politika pubblika li jsejħu għal livelli aqwa ta' immaniġar tal-età li x'aktarx huwa l-aktar metodu effettiv biex ikun hemm titjib fil-ħiliet ta' ħaddiema ta' età akbar. Il-kunċett ta' "immaniġġar tal-età" jirreferi speċifikament għad-dimensjonijiet differenti li bihom tkun tista' ssir treġija aħjar tar-riżorsi umani b'aċċenn ċar fuq l-età, kif ukoll fl-immaniġar totali tal-impjegati permezz ta' politika pubblika u negozjati kollettivi. L-adozzjoni sħiħa ta' prattiċi tajbin fil-immaniġġar tal-età għandha l-potenzjal li tgħin lil dawk l-organizzazzjonijiet li jħaddmu n-nies biex jagħrfu mar-realtà inevitabbli li l-ħaddiema tagħhom qegħdin jikbru, li ttejjeb il-kompetittività u l-prodottività tal-ħaddiema ta' età akbar, ittejjeb ukoll il-possibiltà ta' impjieg għal nisa u rġiel ta' ċerta età, tgħin biex ikun hemm żieda fil-perjodu ta' snin ta' xogħol, u taċċerta li jkun hemm opportunitajiet indaqs għal ħaddiema ta' etajiet differenti.

Politika li tħeġġeġ immaniġjar tal-età tista' tinftiehem aħjar taħt ħames kategorij speċifiċi. L-ewwel, dawk li jimpjegaw iridu jaċċertaw li l-proċess ikun ġust u li fih il-ħaddiema ta' età akbar ikollhom aċċess ugwali jew speċjali għall-postijiet offruti, u li dan il-proċess ma jkunx fih massimu ta' età u mekkaniżmi diskriminatorji oħra dwar età. It-tieni, ħaddiema ta' età akbar ma għandhomx ikunu maqbuża fejn jidħlu opportunitajiet għal taħriġ u possibbiltàjiet ta' żvilupp tal-karrriera, bit-tagħlim ikun offrut lil kulħadd u matul il-karriera kollha kemm hi. It-tielet, prattika tajba fil-immaniġjar tal-età tipprovdi lil ħaddiema ta' età akbar aktar flessibiltà fis-sigħat tax-xogħol tagħhom u meta u kif jaslu biex jirtiraw. Din il-flessibiltà tista' tvarja minn irtirar gradwali jew flessibiltà fuq l-età tal-irtirar għall-provista ta' xogħol li ma jħarisx fit-tul. Ir-raba', l-ergonomija u l-għamla tal-impjieg jiffurmaw element ieħor kruċjali ta' prattika tajba fil-immaniġġar tal-età, dan għax huma importanti li l-ambjenti tax-xogħol ikunu jinkludu miżuri ta' prevenzjoni u kumpens li jkopru numru ta' anżjetajiet li ħaddiema ta' età akbar ikollhom it-tendenza jsibu ma' wiċċhom. Finalment, it-twettiq b'suċċess ta' strateġija ta' immaniġġar tal-età jiddependi fuq atteġġjamenti pożitivi min-naħa ta' min iħaddem fil-konfront ta' ħaddiema ta' età akbar, u l-impenn tagħhom ta' appoġġ għal miżuri li ma jħallux l-età tibqa' problema fuq il-post tax-xogħol. Fl-istess ħin, fuq in-naħa l-oħra, ħaddiema ta' età akbar għandhom ir-responsabbiltà li jagħmlu użu mill-possibbiltàjiet ta' immaniġġar tal-età billi jimmaniġġjaw u jestendu l-karrieri u ħiliet tagħhom. Din id-diversità fost il-ħaddiema tista' tiġi fis-seħħ biss permezz ta' relazzjoni kostruttiva bejn il-maniġment fil-livelli ta' fuq u tan-nofs u l-ħaddiema ta' età akbar.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Tħeġġiġ biex organizazzjonijiet li joffru impjieg jimplimentaw orarji u ambjenti fiżiċi u mentali tax-xogħol li jkunu jikkorrispondu mal-prerekwiżiti u ħtiġijiet ta' impjegati ta' etajet differenti, fosthom dawk li qegħdin jikbru.
- Rakkomandazzjoni biex il-maniġment fl-organizzazzjonijiet li joffru impjieg jappoġġjaw il-ħtieġa li jkun hemm trattament personalizzat ta' nies ta' kull età tul il-ħajja tax-xogħol kollha tagħhom.
- Inkoraġġiment lill-organizzazzjonijiet li joffru impjieg biex iħeġġu u jimplimentaw atteġġjamenti pożittivi lejn ħaddiema li jkunu qed jikbru fl-età sabiex il-vantaġġi rispettivi mix-xogħol tagħhom ikun apprezzat u nkoraġġit fuq il-post tax-xogħol.

# Servizzi ta' impjieg għal ħaddiema ta' età akbar



L-idea li għandha tingħata gwida vokazzjonali anki lil ħaddiema ta' età akbar mhix xi waħda ġdida. L-ewwel dokument ewlieni tal-Unjoni Ewropea li kien dedikat kollu kemm hu għall-għoti ta' direzzjoni - *Strengthening policies, systems and practices in the field of guidance throughout life in Europe (2004)* – jisħaq li "fil-kuntest ta' edukazzjoni kontinwa matul il-ħajja, gwida tirreferi għal diversi attivitajiet li jgħinu liċ-ċittadini ta' kull età f'xi stadju jew ieħor biex jidentifikaw il-ħiliet, kompetenzi u interessi tagħhom, biex jieħdu deċiżjonijiet dwar edukazzjoni, taħriġ u professjoni, u biex jimmaniġġjaw il-mogħdijiet individwali ta' ħajjithom f'ambjenti ta' tagħlim, xogħol u oħrajn....Gwida vokazzjonali tista' toffri appoġġ sinifikanti lil ħaddiema ta' età akbar". B'danakollu, bħal fil-każ ta' gwida vokazzjonali għall-adulti, l-għażla ta' servizzi ta' gwida disponibbli għal ħaddiema ta' età akbar hija erratika, u, fejn teżisti, hemm iċ-ċans li hija mwassla minn numru ta' aġenziji mifrudin minn xulxin. Vojt komuni li jeżisti f'dawn is-servizzi huwa dak li jservi ta' gwida għal persuni li qabżu l-età statutorja tal-irtirar u li jixtiequ jerġgħu jmorru jaħdmu jew jaħdmu għal rashom. Vojt ieħor kbir ovvju huwa n-nuqqas ta' skema li taħseb għal irtirar f'sekwenza ta' fażijiet – jiġifieri tnaqqis fil-għadd ta' sigħat tax-xogħol minflok waqfien f'daqqa mix-xogħol għall-pensjoni. Komparattivmanet, irtirar f'sekwenza ta' fażijiet għadu xi ftit jew wisq l-eċċezzjoni, meta tqis li skema bħal din tkun qed taqdi l-bżonnijiet ta' dawk li jixtiequ jkollhom iktar ħin ħieles imma xorta waħda jibqgħu bi rwol fis-suq tax-xogħol imħallas.

Ir-rwol ta' gwida vokazzjonali huwa speċjalment rilevanti b'rabta mal-mira fit-tul li jiżdiedu n-numru u l-perċentwal ta' persuni ta' età akbar fis-suq tax-xogħol. F'Soċjetà għal kull età", l-gwida vokazzjonali ma tistax titqies aktar bil-perċezzjoni tradizzjonali bħala servizz għal adulti żgħar, biex tgħinhom jimmaniġjaw id-dħul u/jew it-transizzjoni eventwali tagħhom fis-suq tax-xogħol. Gwida vokazzjonali u professjonali għandha tilħaq lil dawk il-ħaddiema fit-tieni nofs tal-ħajja, bħala parti minn strateġija importanti li tindirizza x-xejriet imħallta fl-anzjanità tal-popolazzjoni, fi proċess ta' tibdil fix-xogħol u ħiliet ġodda; u biex tippromwovi karrieri itwal li jkunu jsegwu loġika differenti minn dik tradizzjonali. Fid-diċenji li ġejjin, it-tkabbir u l-prosperità se jkunu dejjem aktar jiddependu fuq il-ħila ta' gvernijiet u dawk li jħaddmu biex jisfruttaw il-ħiliet u l-esperjenzi ta' ħaddiema ta' età akbar. Infatti, gwida vokazzjonali hija vitali biex ikun hemm karrieri itwal u aktar sodisfaċenti permezz tal-appoġġ lil ħaddiema ta' età akbar f'termini ta' tagħlim, żvilupp f'karriera u dispożizzjoni għall-impjieg. Gwida vokazzjonali għal nies tat-terz'età għandha l-potenzjal li: tgħin lil dawk il-persuni ta' aktar minn 50 sena biex jaspiraw li jkomplu jikkontribwixxu lis-soċjetà permezz ta' xogħol imħallas; tgħin lil dawk li jħaddmu biex jirnexxilhom iżommu magħhom fl-impjieg lil ħaddiema ta' età akbar fi żmien meta jkomplu jonqsu l-ħaddiema fl-età tax-xogħol; taċċerta li l-ħiliet u doni vokazzjonali ta' persuni li jkunu qed jikbru fl-età jibqgħu jiġu rikonoxxuti minn dawk li jħaddmu u s-soċjetà kollha; waqt li tawtorizza lil dawk li japplikaw għal xi xogħol biex jegħilbu d-diskriminazzjoni minħabba l-età li hi arma qawwija li għadha tbarri lil nies ta' ċerta età milli jingħataw xogħol bi ħlas. Dawn il-miri juru li s-servizzi attwali ta' impjieg jeħtieġu metodi u teknika radikalment differenti minn dawk li qed jintużaw bħalissa permezz ta' strateġija stabbilità.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Il-promozzjoni ta' servizzi ta' impjieg li jirrikonoxxu kemm id-diversità tal-ħaddiema ta' età akbar kif ukoll l-aspetti uniċi li l-età tnissel matul karriera twila.
- Il-provista ta' opportunitajiet ta' taħriġ għal ħaddiema li jmexxu servizzi ta' impjieg immirati għal persuni ta' età akbar, inkluża direzzjoni dwar kif jista' jkun evitat irtirar qabel iż-żmien.
- Il-ħolqien ta' servizzi ta' impjieg li jkunu jindirizzaw il-problema tal-qgħad fost ċittadini ta' 50 sena u aktar li fil-każ tagħhom hemm ir-riskju li jkunu "inqas kwalifikati" f'dawk li huma ħiliet inkella "kwalifikati żżejjed" għal dawk l-impjiegi li japplikaw għalihom.

# Preġudizzju u diskriminazzjoni minħabba età

Hekk kif jibdew deħlin sew fiż-żmien, in-nies isibu ruħhom wiċċ imb'wiċċ ma' problemi soċjali uniċi, ġejjin l-aktar minn preġudizzju u diskriminazzjoni minħabba l-età. Waqt li l-preġudizzju huwa għodda ta' għarfien li jpoġġi lil persuni ta' età akbar f'kategoriji u gruppi billi jattribwixxi karatteristiċi negattivi għalihom, id-diskriminazzjoni minħabba l-età hija bbażata fuq perċezzjoni qarrieqa lejn l-anzjanità fit-teħid ta' deċiżjonijiet fuq ingaġġar, tkeċċija, promozzjoni, u aktar taħriġ fil-kuntest ta' impjiegi. Fil-prattika, naturalment, il-preġudizzju u d-diskriminazzjoni minħabba l-età jmorru flimkien. Per eżempju, il-preġudizzji negattivi ta' min iħaddem – jista' jkun anki frott il-biża' li dak li jkun innifsu qed jikber u l-perċezzjoni ta' ċertu sens ta' għaġużija – jolqot fil-fond il-possibiltà ta' ingaġġar ta' persuni ta' età akbar u t-trattament ta' ħaddiema eżistenti li jkollhom ċerta età. Id-diskriminazzjoni minħaba l-età tista' teffettwa lill-impjegati kollha, hi x'inhi l-età tagħhom, dejjem fil-kuntest partikolari tagħhom, meta u jekk kollox ikun jiddependi jekk l-età ta' dak li jkun hix, fiċ-ċirkustanzi, "t-tajba jew le". F'ħafna każi, dawk li jħaddmu jkollhom tendenza jiċħdu li jeżistu prattiċi ta' diskriminazzjoni minħabba l-età fil-postijiet tax-xogħol tagħhom, għalkemm jista' jkun li ma jkunux konxji mill-fatt li dawk il-prattiċi huma fihom infushom diskriminatorji. Meta fost dawk li jħaddmu jkun hemm min isib lil min jgħidlu bin-nuqqas ta' ħaddiema ta' età akbar f'ċerti pożizzjonijiet, l-argument tagħhom sikwit ikun li d-disparità fl-età hija l-prodott ta' fatturi ġejjin mill-ħaddiema



ta' età akbar infushom – per eżempju, li persuni ta' età akbar ma jkunux iridu jidħlu għal dik il-pożizzjoni – u minħabba fatturi esterni bħal xejriet tal-popolazzjoni, nuqqas ta' ħaddiema ta' età akbar bil-ħiliet speċifiċi mitluba u oħrajn. Fir-realtà, iżda, diskriminazzjoni minħabba l-età qed isseħħ kullimkien fid-dinja hekk kif ħaddiema ta' età akbar sikwit isibu ruħhom imkeċċija jew imċaħħda minn promozzjoni mingħajr ma jkun hemm l-ebda bażi raġonevoli għal dan.

Il-prinċipju ta' ugwaljanza fejn tidħol l-anzjanità minn dejjem kien meqjus bħala punt fundamentali fil-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Fis-sena 2000, il-Kunsill tal-Ewropa kien adotta d-direttiva "Establishing a general framework for equal treatment in employment and occupation." Din id-direttiva tiddefinixxi l-"prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament" bħala li ma għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta fil-konfront ta' min ikun qed ifittex impjieg jew huwa/hija ta' età akbar. Id-direttiva tqis il-harassment ukoll bħala forma oħra ta' diskriminazzjoni minħabba l-età, li sseħħ meta jkun hemm imġieba li bi skop toffendi d-dinjità tal-persuna, u/jew li toħloq ambjent offensiv ta' intimidazzjoni, ostilità, degradazzjoni, u umiljazzjoni. Din l-imġieba tista' tieħu sura differenti, minn kliem espress u ġesti għall-produzzjoni, il-wiri u ċ-ċirkolazzjoni ta' kitba, ritratti u materjal ieħor. Bla dubju, d-diskriminazzjoni minħabba l-età hija fost l-akbar ostakoli li jbarru lil ħaddiema ta' età akbar minn impjiegi u ngaġġar mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, b'riċerka turi li d-diskriminazzjoni minħabba l-età sservi tal-eqqel barrikata li żżomm lil ħaddiema ta' età akbar milli jipparteċipaw b'mod kostruttiv u bi ħlas fis-suq tax-xogħol. Fil-kuntest Malti, l-Avviż Legali 461 tal-2004 – li segwa l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Att Nru XXII tal-2002) – Trattament ugwali fir-regolamenti tal-impjieg – iġib fis-seħħ il-prinċipju ta' trattament ugwali fl-impjiegi billi jistabilixxi minimu ta' kundizzjonijiet sabiex jiġġieldu t-trattament diskriminatorju fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età, orjentazzjoni sesswali, u nisel razzjali jew etniku. Madankollu, kif inhuwa suġġerit hawn taħt, huma meħtieġa miżuri paralleli aktar iebsa sabiex id-diskriminazzjoni minħabba l-età tkun imrażżna.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Promozzjoni għal għarfien akbar dwar preġudizzju u diskriminazzjoni minħabba l-età.
- Aġġornament ta' definizzjonijiet legali li juru kif diskriminazzjoni minħabba l-età tista' tkun kemm diretta kif ukoll indiretta, li diskriminazzjoni minħabba l-età tista' wkoll isseħħ permezz ta' harassment, u li sehem f'xi diskriminazzjoni minħabba l-età hija wkoll att illegali.
- Inkoraġġiment tal-jedd li ssir talba għall-kontinwazzjoni fix-xogħol wara egħluq l-età statutorja tal-irtirar, u għad-dmir ta' min iħaddem li jwieġeb għal din it-talba, fi żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux aktar minn 12-il xahar qabel id-data mistennija tal-irtirar.



# Sistemi ta' Taxxa u Benefiċċji marbutin mal-impjieg

Persuni ta' età akbar qegħdin dejjem ikunu mħajra jibqgħu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol bħala parti mill-aġenda tal-Unjoni Ewropea "anzjanità attiva". Sa ftit li xejn ilu, propju f'Diċembru 2012, l-Unjoni Ewropea kienet irrakkomandat lill-istati membri biex jirrevedu s-sistemi ta' taxxa u benefiċċji biex ikun aċċertat li jrendu xogħol bi ħlas għall-ħaddiema ta' età akbar, waqt li jinżamm livell xieraq ta' benefiċċji. Din is-sejħa hija parti minn ċaqliqa ikbar mill-"passiv" għall-'attiv'fl-arranġament ta' ħarsien soċjali bil-ħsieb li l-kwalità tal-ħajja ta' persuni li qegħdin jikbru fl-età tkun tista' titjieb bħala riżultat tal-involviment ta' dak li jkun f'dawk li huma relazzjonijiet ta' impjieg. Fid-diskussjoni dwar ir-riformi fil-pensjoni, hija ħaġa komuni li ssib li fil-provdimenti ta' sigurtà soċjali f'ħafna pajjiżi jkun hemm inċentivi kbar biex ħaddiema ta' età akbar ikunu jistgħu jirtiraw qabel iż-żmien, li tista' tkun raġuni waħda għat-tnaqqis fin-numru ta' ħaddiema rġiel ta' età akbar. Din hija realtà partikolari f'pajjiżi fuq il-Kontinent u fin-nofsinhar tal-Ewropa fejn għal ħafna snin kienu implimentati programmi għal diżabiltà u qgħad li jinkludu benefiċċji ġenerużi għal irtirar bikri u ferm qabel tintlaħaq l-età statutorja tal-irtirar. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin l-Unjoni Ewropea bdiet ħidma bit-tentatttiv li treġġa' lura dawn ix-xejriet permezz ta' qtugħ minn benefiċċji soċjali bħal dawn. Infatti, qtugħ fil-benefiċċji soċjali huma fost l-aktar miżuri popolari proposti bil-għan li jagħmlu l-irtirar kmieni inqas ta' attrazzjoni għal ħaddiema ta' età akbar u għalhekk – dejjem huwa ttamat – inqas sikwit. Issa hemm numru dejjem jikber ta' pajjiżi fejn din "l-istikka" nbidlet f'"zunnarija" fis-sura ta' bonus fil-pensjoni. Ngħidu aħna, fl-Isvezja u fil-Belġju r-regolamenti jesiġu li għal kull sena li tinħadem fuq il-limitu ta' ċerta etŕ tissarraf f'żieda supplimentari fil-benefiċċji

tal-pensjoni tal-ħaddiem konċernat. Miżuri bħal dawn għandhom il-potenzjal jagħtu riżultati promettenti meta tqis ir-relazzjoni pożittiva bejn ir-rata ta' ħaddiema ta' età akbar fis-suq tax-xogħol u r-rati inqas ta' taxxa f'etajiet iżgħar.

Il-ħolqien ta' sistemi ta' taxxa u benefiċċji marbutin mal-impjieg huwa msejjes fuq il-prinċipju li n-nies għandhom ikunu ppremjati talli jaħdmu għal żmien itwal, kemm qabel kif ukoll wara l-età statutorja tal-irtirar. Inċentivi finanzjarji għandhom jinkoraġġixxu lil ħaddiema ta' età akbar biex jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol jew ikomplu bil-ħidma tagħhom u hekk tibbenifika l-ekonomija, waqt li n-nies ikunu mħeġġin isibu mod kif jaħsbu għal dħul tajjeb għal meta jirtiraw. Ta' min jgħid li għaqdiet volontarji ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li l-proċedura ta' "means testing" qed taħdem ta' disinċentiv kontra li jkunu estiżi l-karrieri fix-xogħol wara l-mezz'età. Fuq naħa, dawk li jkunu qabżu l-età statutorja tal-irtirar qajla jkunu motivati jkomplu jaħdmu meta jafu li kull żieda fid-dħul tagħhom tista' tolqot ħażin il-benefiċċji li jkunu ntitolati għalihom. Min-naħa l-oħra, persuni li jkunu resqin lejn il-jum li jieqfu mix-xogħol ma humiex se jkunu wisq lesti li jkomplu jaħdmu jekk it-tfaddil addizjonali tagħhom ikun se jisfa newtralizzat minn punti ta' riferenza ogħla fil-"means testing". Inċentivi finanzjarji biex jew iħajru l-ħaddiema jkomplu jaħdmu wara li jagħlqu l-età tal-irtirar inkella jinkoraġġixxu lil min iħaddem biex jimpjega ħaddiema ta' età akbar diġà ġew introdotti f'Malta. Strateġija minnhom kienet l-aġġustament fl-istrutturi tal-ħlas tat-taxxa bil-għan li jkun hemm piż inqas ta' taxxa fuq il-kategoriji kollha ta' ħaddiema. Inċentiv ieħor kien dak li jħalli ħaddiema li qabżu l-età tal-irtirar, hu x'inhu d-dħul tagħhom, li jirċievu l-pensjoni ntitolati għaliha. Kien implimentat ukoll il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mill-Gvern lil ħaddiema ta' età akbar li jagħżlu li jibdew jaħdmu għal rashom wara perjodu ta' żmien qiegħda. Minkejja dan, jidher ċar li huma meħtieġa aktar sistemi ta' taxxa u benefiċċji li jkattru l-impjieg.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

- It-tnedija ta' inċentivi finanzjarji li jħajru lil min iħaddem biex iżomm miegħu ħaddiema ta' età akbar impjegati fl-organizzazzjoni tiegħu.
- It-tħeġġiġ permezz ta' offerti finanzjarji vantaġġjużi lil min iħaddem biex jinkoraġġixxi u jgħin lil ħaddiema ta' età akbar jidħlu lura fid-dinja tax-xogħol.
- It-twettiq ta' inċentivi finanzjarji li jkunu ta' benefiċċju għal dawk l-impjegati ta' età akbar biex jidħlu lura jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol għal kemm żmien ikun possibbli.




# Trasferiment ta' esperjenza

Diskussjonijiet fuq il-kompetenzi ta' ħaddiema ta' eta' ikbar ġeneralment dejjem kienu bażati fuq dak imsejjaħ id-deficit-approach. Il-konswetudni fost dawk involuti aktarx kienet iffukata fuq dak li dawn il-ħaddiema għandhom nieqes, iktar milli fuq l-assi u l-attributi pożittivi tagħhom. Dawn l-attitudni negattivi spikkaw minħabba d-dominanza tal-età li infiltrat l-aspetti kollha tal-kultura popolari u intellettwali.

Negattivita' stereotipata li wieħed isibha regolarment fost l-impjegati tinkludi t-twemmin li ħaddiema ta' età ikbar huma inferjuri għal dawk iżgħar minnhom, għax huma meqjusa li ma jaddattawx irwieħhom, juru inqas interess f'avvanzi teknoloġiċi, hu inqas facli li tħarrighom, ma għandhomx is-saħħa fiżika meħtieġa, hemm inqas probabbilta' li jingħataw promozzjonijiet, huma inqas ambizzjużi, neqsin minn ċerta enerġija, mhumiex fi stat ta' saħħa daqs dawk iżgħar minnhom, mhumiex daqstant kreattivi, mhumiex mentalment kapaċi, huma inqas flessibbli u l-memorja tagħhom tiffunzjona inqas. F'dan ir-rigward, kategoriji speċjali ta' ħaddiema – bħal dawk fuq xogħol tal-idejn, nisa, persuni b'diżabbiltajiet, u minoritajiet etniċi – insibu li huma milquta iktar negattivament minn oħrajn. Għalkemm hemm xhieda li qed tiżdied li targumenta kontra u wkoll tinnega dawn l-istereotipi tal-eta', madankollu jidher li dawn il-fehmiet għadhom komuni.

Dan l-aħħar qed jinħmew fehmiet dwar ħaddiema ta' età ikbar li pjuttost ifaħħru l-punti tajbin u l-kontributi siewja tagħhom, speċjalment bħal kif it-tluq ta' ħaddiema ikbar hu assoċjat



mat-telf ta' esperjenza għal kumpanniji. Impjegati kulma jmorru iktar qed isiru konxji tal-esperjenza vasta u tant utli ta' dawn il-ħaddiema kbar fl-età, u żviluppaw mudelli fuqhiex jaħdmu biex il-kompetenza ta' dawn il-ħaddiema ikbar, bażata fuq snin ta' esperjenza, tkun trasferita għal ħaddiema iżgħar minnhom. Fil-Ġappun, bħala eżempju, fejn dawk li jibbenefikaw primarjament minn sistemi ta' taħriġ vokazzjonali provduti mid-ditti li jimpjegawhom (kemm taħriġ waqt il-ħin tax-xogħol kif ukoll wara l-ħin tax-xogħol) kienu tradizzjonalment impjegati ta' eta' żgħira, partikolarment fejn l-ekonomija tal-pajjiż hija stabbli u b'saħħitha, illum ħaddiema ta' età ikbar għandhom parti importanti biex iħarrġu lil ħaddiema iżgħar minnhom.L-iżvilupp ta' dawn il-programmi fejn ħaddiema żgħażagħ iħarsu lejn dawk ikbar minnhom bħala role models jista' jinkoraġġixxi lill-ħaddiema ta' etajiet diversi – il-kbar u ż-żgħar – biex jintegraw kemm personalment kif ukoll fuq livell professjonali. Tant hu hekk, li l-iktar postijiet tax-xogħol produttivi u promettenti huma dawk li jittrattaw lin-nies tagħhom bħala impjegati multi-dimensjonali li jixtieqU li jkollhom involviment f'livelli differenti, u dan l-element ta' kif iħarsu lejn dawk ikbar minnhom bħala role models jgħinhom jilħqu dan il-għan. It-tattika kruċjali għal programmi bħal dawn hi li l-kumpanniji jagħmlu użu mill-interessi u l-affinitajiet tal-ħaddiema ikbar fl-eta'. B'hekk, waqt li l-ħaddiema żgħażagħ jibbenefikaw mill-esperjenza tal-kbar, il-kbar min-naħa tagħhom jilħqu l-għanjiet personali tagħhom u jiżviluppaw relazzjonijiet ġodda fuq il-lant tax-xoghol.

Dan iwassal biex il-qafas ta' din il-politika jikkonsidra kif l-effetti ta' kif tidħol l-eta' jistgħu jinftiehmu kemm minn perspettiva supplimentari kif ukoll minn waħda komplimentari. Għal dawk li jħaddmu, is-soluzzjoni fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-relazzjonijiet qiegħda f'li wieħed jirrinforza l-kunċett li l-ħaddiema kollha għandhom abbiltajiet indispensabbli, u li meta dawn l-abbiltajiet jinqasmu bejniethom, jiżdied il-valur u l-permanenza tagħhom fuq il-post tax-xogħol. Fl-istess waqt, ma jeżisti ebda dubju dwar il-potenzjal li l-ħaddiema ż-żgħar jaraw lill-kbar bħala role models biex dan iwassal għall-espansjoni u t-tisħiħ ta' solidarjeta' bejn il-ġenerazzjonijiet.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Għandha ssir kampanja pubblika li twassal il-messaġġ ta' kif ħaddiema ikbar fl-età ġeneralment huma ideali bħala eżempju (role models) għal sħabhom iżgħar minnhom.
- Għandu jkun spjegat kif dan il-proċess ta' kif il-ħaddiema ikbar jiggwidaw liż-żgħar iwassal biex il-kumpanniji ma jitilfux impjegati tajbin u jgawdu iktar is-servizzi tagħhom.
- Għandu jitwassal il-messaġġ li ħaddiema ta' età kbira li jidħlu għal din il-ħidma jgawdu minn għadd ta' benefiċċji, fosthom żieda fir-rispett lejhom infushom u s-sodisfazzjon li qed jirnexxilhom jagħmlu xiħaġa ta' ġid, attributi li huma wkoll ta' valur għall-kumpanniji li jimpjegawhom.

# Rikonċiljazzjoni ta' xogħol u kura

Huwa kruċjali għal livelli ogħla ta' parteċipazzjoni attiva fis-swieq tax-xogħol li jsir addattament ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u jkunu offruti arranġamenti speċjali ta' btajjel biex jagħtu l-opportunita' lil ħaddiema ikbar jew li qed jikbru fl-eta' ħalli dawn joħolqu bilanċ bejn carers informali u impjegati. Fuq nota pożittiva, wieħed jinnota li individwi fi ħdan is-servizz pubbliku ta' Malta għandhom l-opportunità li jieħdu dak li hu magħruf bħala responsibility leave jew leave ta' responsabbilta', jew ukoll xogħol b'sigħat imnaqqsa, u dan biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb ġenituri anzjani dipendenti fuqhom. Ħaddiema ikbar fl-età ta' spiss jitilfu opportunitajiet fis-swieq tax-xogħol bħala riżultat ta' politika ta' impjieg u strateġiji negattivi ta' mpieg li ma jqisux il-ħtiega ta' dawn il-ħaddiema li jibbilanċjaw il-ħajja professjonali tagħhom mar-responsabbiltajiet ta' kura li ta' spiss ikollhom. Tant hu hekk li ħafna ħaddiema kbar għandhom tendenza li jitilqu mis-swieq tax-xogħol propju minħabba l-pressjoni fuqhom għax ikollhom qrabat li jkollhom bżonn kura. L-intoppi għal ħaddiema kbar biex dawn jibqgħu jaħdmu meta jkollhom bżonn jieħdu ħsieb qraba ikbar minnhom ivarjaw minn nuqqas ta' opportunitajiet għal ħinijiet flessibbli ta' xogħol, nuqqas ta' servizzi ta' appoġġ għal dawn il-bżonnijiet, għal nuqqas ta' kultura ta' mpiegi li tempatizza u toffri leġittimita' għal esperjenzi ta' ħaddiema li jridu jkunu wkoll carers. Huwa normali għal ħaddiema ikbar li għandhom responsabbiltajiet bħal dawn u li jagħżlu li jibqgħu jaħdmu, li jġarrbu stress qawwi li jnaqqas is-sostenibiltà' fit-tul tal-karrieri tagħhom, itellef mill-ammont jew il-kwalita' ta' kura li jkunu jistgħu jagħtu lil qrabathom, u jwassal ukoll għal ineffiċjenza u impatt dirett u indirett a spejjeż tas-soċjeta'. Il-maġġoranza ta' ħaddiema kbar maqbuda bejn responsabbiltajiet ta' impjieg u dawk ta' kura ta' qrabat huma nisa. Huwa stmat li n-numru



ta' nisa li jaħdmu u li f'nofs ħajjithom kellhom jaħdmu sigħat inqas jew waqfu mix-xogħol għal kollox biex jieħdu ħsieb qraba huwa ta' waħda minn kull ħamsa. Ħafna impjegati nisa ta' mezz'eta' jagħżlu li jaħdmu part-time biex ikunu jistgħu jlaħħqu mar-responsabbiltajiet ta' kura.

L-għhadd ta' ħaddiema akbar fl-età, li kull ma jmur qed jikber, jindika li fil-ġejjieni qrib, numru dejjem jiżdied ta' ħaddiema se jkunu ffaċċjati b'responsabbiltajiet informali ta' kura. Il-politika pubblika għandha tipprova toħloq bilanċ bejn dawn iż-żewġ responsabbiltajiet – l-impjieg u l-ħtigiet ta' kura ta' qrabat dipendenti. Għalhekk, diskussjoni dwar politika li tippromwovi bilanċ bejn ħajja personali u dik tax-xogħol ma għandhiex tibqa' tiffoka biss fuq il-ħtigiet tal-ġenituri, speċjalment ommijiet żgħażagħ, iżda għandha tħares lejn il-piżijiet u l-problemi ta' ħaddiema kbar li huma wkoll carers. Sfortunatament, ftit li xejn huma dawk li jħaddmu li joffru faċiltajiet biex jakkomodaw il-ħajja tal-familja u dik tax-xogħol b'mod li jkopru l-aspetti kollha ta' kura. Ġeneralment wieħed isib li dawn jaslu biss sal-aspetti ta' fejn jidħlu l-ġenituri. Il-ftit eċċezzjonijiet aktarx ikunu kumpanniji kbar u organizzazzjonijiet fis-settur pubbliku. Huwa kruċjali li dawk li jħaddmu għandhom ikunu mħajra jagħtu kontribut għar-rikonċiljazzjoni ta' xogħol ma' responsabbiltajiet privati permezz tal-ħolqien ta' kundizzjonijiet ta' xogħol li jakkomodaw ir-responsabbiltajiet meħtiega f'dik li hi kura, u li jipprovdu għal ħaddiema ikbar il-flessibilta' biex jaġġustaw ix-xogħol tagħhom ħalli jkunu jistgħu jlaħħqu mar-responsabbiltajiet ta' kura. Li tkun faċilitata r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol ma' dik tal-familja hija l-muftieħ li jippermetti ħaddiema kbar, speċjalment nisa, biex dawn ikunu ekonomikament indipendenti u jibqgħu attivi fis-suq tax-xogħol waqt li jlaħħqu wkoll mal-obbligi tal-kura tal-qrabat. Dan iservi wkoll biex jagħti aċċess għal impjieg bi ħlas u jnaqqas is-sogru ta' faqar meta dawn biż-żmien iħallu s-suq tax-xoghol.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Promozzjoni ta' 'socjetà għal kull età' li tippermetti li ħaddiema ikbar ikunu intitolati għal leave speċifiku li jippermettilhom ħin liberu mill-impjieg biex jieħdu ħsieb id-dipendenti tagħhom, tkun xi tkun l-età ta' dawn id-dipendenti.
- Inkoraġġiment biex ikunu provduti u wżati miżuri, bħal aġġustament fil-ħinijiet tal-impjieg, impjieg flessibbli, dak magħruf bħala telework (xogħol li jista' jsir mid-dar) u xogħol li jinqasam ma' ħaddieħor, lil ħaddiema ikbar li jġorru responsabbiltajiet ta' kura ta' qrabathom.



# PARTEĊIPAZZJONI FIS-SOĊJETÀ

L-idea ta' 'parteċipazzjoni soċjali' hi tema rikorrenti fi stqarrijiet ta' politika li jippromwovu anzjanità attiva. Kemm l-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa jemfasizzaw li t-terminu attiv f'anzjanità attiva ma jirreferix biss għal opportunitajiet għal persuni ikbar jew li qed jikbru biex jibqgħu, jissieħbu jew jerġgħu jidħlu fis-swieq tax-xogħol. Il-kunċett ta' anzjanità attiva jispira għal sehem kontinwu u attiv minn persuni ikbar f'oqsma soċjali, ekonomiċi, kulturali u ċiviċi. Fi żmien mhux daqstant ilu, min kien jirtira mix-xogħol kien jaqa' f'ħajja passiva karatterizzata minn problemi ta' saħħa u tnaqqis fid-dħul u fl-attivitajiet soċjali. Iżda llum l-istampa hi differenti għal dawk li qed jirtiraw u li għad iridu jirtiraw, għax dawn qed jiffaċċjaw u se jiffaċċjaw stil ta' ħajja drastikament differenti. It-taħlita li minn banda l-anzjani qed jgħixu iktar, u mill-banda l-oħra għandhom valuri u attitudni pożittiva lejn ħajja itwal, fetħet orizzonti ġodda għal ħajja fejn persuni li jirtiraw se jibqgħu attivi għal żmien konsiderevoli wara li jkunu rtiraw minħabba l-età. Dawn l-attivitajiet qegħdin kulma jmorru jxaqilbu iktar lejn passatempi u interessi ta' natura ċivika. F'termini ta' politika, din il-fażi ġdida tal-ħajja – li tiġi bejn il-mezz'età u d-djufija ta' età kbira – qed tissejjaħ 'it-terz'età'. Din it-termini tfaċċat fil-ħamsinijiet biex ixxejjen l-idea ta' ħajja wara l-irtirar bħala waħda maħkuma minn mard, invalidità u faqar. It-terz' età mhix ristretta minn eta' kronoloġika. Wieħed jista' jfissirha bħala wesgħa kulturali, spazju soċjali fil-kors tal-ħajja li jipprovdi opportunitajiet għal sehem f'soċjetà post-industrijali u tal-konsumeriżmu tal-massa. Kien hemm żmien meta t-terz' età kienu jgawduha l-ftit ixxurtjati – adulti għonja u mingħajr problemi ta' saħħa ta' bejn is-60 u s-70 sena. Iżda meta s-seklu 20 beda riesaq lejn l-aħħar deċennji tiegħu, wieħed seta' jinnota numru dejjem jiżdied ta' adulti ikbar minn etajiet u livelli soċjo-ekonomiċi differenti li bdew iħaddnu dan l-istil ta' ħajja kulturali.

Aspirazzjonijiet individwali waħedhom mhumiex biżżejjed biex isostnu stili parteċipattivi ta' ħajja. Id-determinazzjoni ta' adulti ikbar biex jilħqu livelli ottimi ta' interazzjoni soċjali dejjem se ssib firxa ta' ostakli strutturali, diffikultajiet li jistgħu jwasslu għal esperjenzi xejn pjaċevoli ta' esklużjoni materjali u soċjali. Dan l-istat jirrikjedi politika pubblika soda li mhux biss tgħasses forom eżistenti ta' parteċipazzjoni soċjali fost l-adulti ikbar fl-età, iżda wkoll tipprova tiffaċilità livelli mtejba ta' interazzjoni soċjali aktar tard fil-ħajja. Strateġiji li jistgħu jiġu kunsidrati jinkludu l-provdiment ta' firxa ikbar ta' opportunitajiet għal parteċipazzjoni soċjali aktar tard, li twassal biex iżżid il-motivazzjoni ta' adulti ikbar biex ikabbru s-sehem tagħhom f'attivitajiet soċjali billi jinnotaw il-ħtiġijiet u l-interessi tagħhom, jindirizzaw ostakli f'interazzjoni soċjali – speċjalment dawk li jiffaċċjaw adulti ikbar li huma vulnerabbli u dgħajfa jew li qed jgħixu f'riskju ta' faqar – kif ukoll iżidu l-għarfien tagħhom tal-benefiċċji soċjali u psikoloġiċi li jirriżultaw minn stil ta' ħajja parteċipattiva. Faċilitajiet kontributorji biex tiżdied din il-parteċipazzjoni soċjali f'isem dawk ikbar fl-età jvarjaw minn Ċentri ta' Matul il-Jum għal Universitajiet tat-Terz'Età li joffru opportunitajiet għal tagħlim, servizzi għal informazzjoni u għajnuna, programmi ta' volontarjat, opportunitajiet interġenerazzjonali u opportunitajiet għal ħidma fil-komunità.




Politika li timbotta s-sehem tal-adulti ikbar fis-socjetà sservi wkoll biex tagħti ċerti poteri lil dawn l-adulti, billi tippermetti lil dawn l-individwi u gruppi jeżerċitaw awtonomija ikbar fejn jidħol it-teħid ta' deċiżjonijiet kemm lokali kif ukoll fuq livell nazzjonali. Il-ħarsien ta' parteċipazzjoni soċjali f'dan l-istadju tal-ħajja hu sostenn għad-demokrazija, drittijiet u ċittadinanza fundamentali. Dan l-għan qatt ma jista' jkun emfasizzat biżżejjed, għax id-drittijiet u l-privileġġi tal-anzjani ġeneralment jispiċċaw jittieklu minħabba l-preċedenza ta' stil żagħżugħ ta' ħajja fil-kultura popolari, u l-perċezzjoni stereotipata li dawn l-anzjani issa jkunu għamluh żmienhom. Għal dan il-għan, parteċipazzjoni soċjali qatt ma tista' titqies bħala attiviżmu bla sens, iżda bħala vettura għall-adulti kbar biex jeżercitaw kontroll fuq ħajjithom u jkollhom vuċi u sehem fil-mod kif iridu jgħixuha. F'dan il-kuntest, l-għan ta' politika dwar parteċipazzjoni soċjali jservi biex jsaħħah il-ħila tal-adulti kbar li jgħixu ħajja indipendenti u li tagħtihom sodisfazzjon.




# Introjtu sigur u faqar

Indikazzjoni sinifikattiva ta' soċjetà ekwa u ġusta hi l-valutar u provdiment ta' appoġġ għal nies akbar b'rikonoxximent għall-kontribut tagħhom, kemm fl-imgħoddi kif ukoll fil-preżent, lejn l-ekonomija, waqt li fl-istess waqt tirrispetta d-dritt tagħhom li jgħixu f'ambjent ta' sigurtà materjali relattiva. F'dan ir-rigward, livelli adegwati ta' dħul meta persuni jkunu rtirati huma essenzjali, kemm biex jipprovdu riżorsi finanzjarji adegwati lil dawn in-nies għal kwalità ta' ħajja ottima, kif ukoll biex f'ċerti każi jevitaw il-faqar. Sa nofs is-snin 2000 is-sistema ta' pensjoni f'pajjiżna kienet sistema tradizzjonali ta' pay-as-you-go, jiġifieri li l-ħlas għaliha jsir waqt is-snin ta' ħidma, b'kontribuzzjonijiet minn dawk li għadhom jaħdmu użati biex jiffinanzjaw benefiċċji għal dawk li jkunu ħarġu bil-pensjoni, ta' 60 sena għan-nisa u 61sena għall-irġiel. F'nofs is-snin 2000 inħatar Pensions Working Group biex jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Gvern għal riformi fis-sistema ta' pensjoni f'Malta. Wara li tħejja rapport tekniku, il-Gvern laqa' numru ta' rakkomandazzjonijiet, li eventwalment ġew imnedija fl-2007. Għalkemm is-sistema proposta ta' pensjoni xorta għadha bl-arranġament ta' *pay-as-you-go*, l-iktar elementi importanti tar-riforma jinkludu li l-età tal-pensjoni titla' gradwalment sa 65 sena sal-2026, u wkoll li l-perjodu ta' kontribuzzjonijiet li jwasslu għal pensjoni ta' żewġ terzi jitwal gradatament minn 30 sena għal 40 sena. Barra minn dan, il-kalkolazzjoni ta' dħul pensjonabbli hi maħduma biex tirrifletti d-dħul medju kull sena tul l-aħjar għaxar snin kalendarji fl-aħħar 40 sena. Fattur ieħor hu li d-dhul massimu pensjonabbli ġie rivedut konformi mal-aġġustament tal-għoli tal-ħajja. B'riżultat ta' dawn ir-riformi, id-dħul massimu pensjonabbli jevolvi b'mod iktar dinamiku, u jiżdied kull sena b'70 fil-mija tal-paga medja

nazzjonali u 30 fil-mija tar-rata ta' inflazzjoni b'seħħ mill-ewwel ta' Jannar tal-2014 għal dawk li twieldu wara l-ewwel ta' Jannar tal-1962.

Għalkemm ma hemm ebda dubji dwar il-pakkett komprensiv ta' assigurazzjoni soċjali u pensjoni tal-irtirar f'Malta, miżuri ta' politika preżenti u futuri dwar sigurtà fuq id-dħul ma jistgħux iħallu barra żewġ fatturi ewlenin. L-ewwel fattur hu li skond statistiċi riċenti, fl-2011 madwar 18 fil-mija ta' dawk fl-età ta' 65 sena u fuqhom kienu f'riskju ta' faqar, u esposti wkoll għal riskju li jiċċaħħdu minn affarijiet materjali. It-tieni fattur hu li l-politika dwar il-pensjonijiet fil-ġejjieni għandha titħaddem fil-kuntest ta' ħajja itwal. Dan jimplika li l-anzjani se jgħaddu żmien itwal irtirati milli fil-preżent, u f'ċerti każi se jkunu rtirati għall-istess numru ta' snin daqskemm ikunu ħadmu. Huwa għalhekk li ntlaqa' tajjeb il-ħolqien riċenti ta' Grupp għal Strateġiji dwar il-Pensjonijiet, b'awgurju li dan il-*working group* joħroġ b'rakkomandazzjonijiet għal sistemi li jipprovdu dhul adegwat fl-età tal-irtirar biex tkun żgurata l-awtonomija finanzjarja tal-anzjani u tippermettilhom jgħixu b'mod dinjituż. Meta jitqies il-perjodu pjuttost twil meħtieġ biex ikunu stabbiliti strutturi ta' pensjoni ekwa u sostenibbli, huwa importanti li ma jkunx hemm dewmien fit-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi biex titjieb il-kapaċità fit-tul ta' sigurtà dwar id-dhul. Tajjeb ukoll li jiġi nnottat li la l-punti mqajma f'din it-taqsima jsegwu dak li għaddejjin minnu bħalissa x-xejriet ta' matul il-ħajja - jiġifieri li anzjani fi stat ta' faqar aktarx li jkunu għaddew mill-istess stat aktar qabel tul ħajjithom - il-ħidma biex jittaffa b'suċċess il-livell ta' faqar trid tibda ħafna iktar qabel milli waqt il-ħajja f'età avvanzata. Għaldaqstant il-Kummissjoni taqbel mal-prijoritajiet ta' politika fil-*Programmi Nazzjonali għall-qerda tal-faqar u esklużjoni soċjali* f'Malta.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Ikun żgurat dħul sigur, adegwat u sostenibbli għal persuni ta' età ikbar, ladarba dan hu indispensabbli għall-ħarsien mill-faqar u ċ-ċaħda ta' affarijiet materjali.
- Il-komunità tingħata linji gwida dwar il-benefiċċji li jtejbu r-riżorsi finanzjarji personali tagħhom permezz ta' tfaddil, investimenti u għażliet oħra, bil-għan li jgawdu livell xieraq ta' ħajja meta jirtiraw.
- Jinżamm il-valur ekwitabbli ta' pensjonijiet tal-irtirar, u jsiru aġġustamenti skont ċaqlieq fl-għoli tal-ħajja.



# Esklużjoni soċjali u gruppi vulnerabbli

Fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet beda jintwera tħassib f'livell tal-Unjoni Ewropea dwar esklużjoni soċjali, fi żmien meta l-politika ddefiniet esklużjoni soċjali b'relazzjoni ma' drittijiet soċjali, b'referenza, per eżempju, għad-dritt għal impjieg, akkomodazzjoni u kura dwar is-saħħa. Iżda tul is-snin, dawk li jfasslu l-politika bdew jirrealizzaw li għalkemm l-indikaturi ta' faqar relattiv ma kinux inbidlu b'mod sinifikanti, bdiet tidher bidla sostanzjali fin-natura tal-kawżi li jiddeterminaw esklużjoni soċjali. *Ir-Rapport Konġunt dwar Esklużjoni Soċjali* (2004) tal-Kummissjoni Ewropea jiddefinixxi esklużjoni soċjali billi jinnota problemi ta' aċċess u parteċipazzjoni minħabba nuqqas ta' kompetenzi bażiċi, oppportunitajiet għal tagħlim ta' matul il-ħajja, u diskriminazzjoni. Esklużjoni soċjali b'hekk tidher bħala proċess multi-dimensjonali fejn naraw diversi forom ta' proċessi esklużjonarji jidħlu f'xulxin. Inħawi fejn tidher li tista' sseħħ l-esklużjoni soċjali jinkludu l-konsum (il-konsum ta' livell minimu ta' prodotti huwa meqjus normali għas-socjetà), l-impjiegi (sforz kollettiv biex jittejjeb jew ikun imħares fl-immedjat jew barra dan l-ambjent soċjali jew fiżiku), u interazzjoni socjali (parteċipazzjoni f'interazzjoni soċjali mal-familja jew ħbieb). Wieħed jagħraf mill-inqas ħames forom ta' esklużjoni soċjali aktar tard fil-ħajja. Dawn huma esklużjoni minn riżorsi materjali, relazzjonijiet soċjali, attivitajiet ċiviċi, servizzi bażiċi u relazzjonijiet fl-ambjent tal-madwar. Għal dawn ir-raġunijiet, li tingħeleb l-esklużjoni soċjali aktar tard fil-ħajja hi iktar minn sempliċement il-qerda tal-faqar u deprivazzjoni materjali, iżda tissinifika l-attentat biex jinħoloq bilanċ, fuq naħa bejn id-drittijiet u d-dmirijiet tal-individwu, u fuq oħra biex tiżdied il-koeżjoni soċjali.

Riċerka internazzjonali tindika li f'Malta, l-istess bħal f'madwar żewġ terzi ta' pajjiżi Ewropej, esklużjoni soċjali tidher bħala iżolament soċjali, u dan bħala rizultat ta' nuqqas ta' rabtiet familjari u relazzjonijiet ta' *networking*. Fl-istess waqt, is-sogru li persuna tgħaddi minn esklużjoni soċjali mhux imqassam b'mod ugwali. Hemm każi fejn żewġ karatteristiċi, jew iktar, joħolqu żvantaġġ doppju għal persuni ta' età ikbar li jkunu vulnerabbli. Karatteristiċi ewlenin li jistgħu jwasslu għal żvantaġġ doppju jinkludu d-dħul, il-klassi soċjali, is-sess (mara jew raġel), status etniku, u s-sesswalità. Hu meqjus li l-iżvantaġġ li persuna ġejja minn klassi tal-ħaddiema, hi femminili, membru ta' minorità etnika u/jew għandha orjentazzjoni sesswali (gay/lesbjana/transgender) jiżdied skont l-età. Fir-rigward ta' Malta, ir-riċerka turi li nisa ta' età ikbar u nisa romol huma f'riskju akbar li jkunu esklużi soċjalment minn ħaddieħor. Dan minħabba l-fatt li nisa ta' età akbar għandhom inqas ċans li jispiċċaw b'pensjoni sħiħa, minħabba waqfien tul l-impjieg tagħhom u għax huwa rari li jkunu koperti b'pensjonijiet tal-impjieg. Għalhekk mhi ebda sorpriża li r-riċerka turi li hemm iktar nisa ta' età ikbar milli rġiel f'riskju ta' faqar. Terġa', nisa ta' età ikbar huma iktar f'riskju li jkunu vittmi ta' kriminalità, aktarx ikollhom livelli inqas ta' edukazzjoni, u propju għax ħafna aktarx jgħaddu l-aħħar stadji ta' ħajjithom bħala romol jew waħedhom, hemm it-tendenza li jagħżlu li jinġabru x'imkien għat-tul minħabba li ma hawnx biżżejjed *care givers* li jkunu jistgħu jieħdu ħsiebhom. F'kelma waħda, tul il-kors tal-ħajja, nuqqasijiet ta' ugwaljanza kmieni fil-ħajja - li jinkludu riżorsi finanzjarji, ta' natura fiżika u soċjali - jiżdiedu, u jżidu s-sogru li gruppi ta' minoranza jinħakmu minn esklużjoni soċjali.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Ikunu pprovduti riżorsi adegwati finanzjarji u soċjali għal dawk ta' età ikbar biex jgħixu b'mod dinjituż u jipparteċipaw fis-soċjetà, b'mod partikolari dawk li qed jgħaddu minn esklużjoni soċjali.
- Tingħata għajnuna għal transizzjoni komda mix-xogħol għall-irtirar billi tissaħħaħ l-aġenda dwar inklużjoni soċjali li topponi diskriminazzjoni minħabba l-età waqt li tappoġġa strateġiji biex persuni ta' età ikbar iżda li ghadhom ma laħqux l-età statutorja tal-irtirar, jibqgħu attivi waqt li jikbru fl-età.
- Jingħata appoġġ lil inizjattivi li jsaħħu l-'leħen' ta' gruppi vulnerabbli biex dawn ikunu jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-bżonnijiet, prijoritajiet u realtajiet tagħhom.

# Voluntiera ta' età ikbar u nanniet

Xogħol minn voluntiera ta' età ikbar ħa żvolta kruċjali fis-soċjetà ċivili, hekk kif dawk li tradizzjonalment kienu jagħmlu xogħol ta' volontarjat – nisa tad-dar b'uliedhom l-iskola – issa kulma jmorru qed jerġgħu jidħlu fis-suq ta' xogħol bi ħlas. Xogħol ta' volontarjat ifisser xogħol bla ħlas provdut lil terzi persuni li lejhom il-ħaddiema tal-volontarjat ma jkollhom ebda rabtiet jew obbligi kuntrattwali, familjari jew ta' ħbiberija. Illum il-ġurnata, voluntiera ta' età ikbar huma meqjusa bħala sors ta' valur, ħaddiema ta' esperjenza u li wieħed jista' jorbot fuqhom, li jistgħu jaħdmu f'setturi varji. Attivitajiet bħal dawn mhux biss jikkontribwixxu għal benefiċċji soċjo-ekonomiċi iktar wiesgħa, iżda jgħinu biex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-voluntiera. Servizz minn voluntiera ta' etajiet ikbar itaffi l-effetti tax-xjuħija fuq ir-rati ta' mwiet, itejjeb psikoloġikament il-ħajja ta' dawn il-voluntiera billi jurihom li għad għandhom x'joffru, u jgħin biex dawn ikomplu bil-kuntatti soċjali tagħhom wara li jirtiraw. Sfortunatament studji li saru juru li ħidma minn voluntiera tkun fl-aqwa tagħha fil-mezz'eta', iżda tonqos iktar ma tiżdied l-età. Jirriżulta li dawk ta' età ikbar bl-inqas rata ta' parteċipazzjoni f'ħidma ta' volontarjat huma dawk bi qligħ baxx, livelli baxxi ta' edukazzjoni, u li kienu jagħmlu xogħol ta' strapazz. Għaldaqstant, ukoll jekk jeżistu opportunitajiet fil-volontarjat għal dawk ta' età ikbar, xorta hemm il-ħtieġa li jittieħdu interventi aħjar minn naħa tal-politiċi biex ikunu ngaġġati numru ikbar ta' dawk b'livell baxx ta' skola u b'esperjenza li ma tippareġġjax mal-opportunitajiet fil-volontarjat. Hemm ħtieġa partikolari ta' aktar fondi għal programmi ta' taħriġ immirati lejn dawk ta' età ikbar bi qligħ baxx, firxa ikbar ta' sistemi ta' komunikazzjoni li jlaqqgħu lill-anzjani ma' opportunitajiet eżistenti fil-volontarjat, kif ukoll programmi li juru l-vantaġġi ta' ingaġġ soċjali.







Malta ma tistax tissogra li taqa' lura fl-għarfien tar-rwol kruċjali tan-nanniet fil-kura tal-familja. In-nanniet għandhom rwol importanti fil-ħajja tal-familja, billi jipprovdu għajnuna u appoġġ lit-tfal u lit-tfal tat-tfal, waqt li jkunu wkoll carers ewlenin meta l-ġenituri ma jkunux jistgħu jlaħħqu minħabba risponsabbiltajiet ta' xogħol jew, kultant, minħabba abbuż minn drogi jew alkoħol, mard jew diżabbiltà, priġunerija jew mewt. Il-biċċa l-kbira tat-trasferimenti tal-ġenerazzjonijiet juru xaqliba 'l isfel, bil-ġenituri jipprovdu appoġġ finanzjarju u prattiku lil uliedhom adulti u wlied uliedhom, u huwa biss meta n-nanniet jidħlu fit-tmeninijiet tagħhom li aktarx jibdew jingħataw iktar milli jagħtu għajnuna. Minkejja dan ir-rwol importanti tan-nanniet fil-kura soċjali u tal-familja, il-leġiżlazzjoni u politika soċjali għandhom it-tendenza li jinjoraw is-sehem tagħhom bħala caregivers ewlenin, u jonqsu milli jirrikonoxxu u jippremjaw dan il-kontribut billi, per eżempju, jipprovdu flessibiltà għal leave tal-ġenituri jew joffru l-possibiltà li l-ġenituri u n-nanniet jaqsmu bejniethom il-benefiċċji tal-leave. Eċċezzjonijiet notevoli fir-rigward ta' xempji ta' politika progressiva adottata minn Stati Membri li jħarsu r-rwol tal-kura tan-nanniet jinkludu l-possibiltà li benefiċċji u btajjel tal-ġenituri jkunu trasferiti lil nanniet bil-kunsens tal-ġenituri u jekk it-tarbija tkun fil-kura fid-dar tan-nanniet (fl-Ungerija), u l-faċilità li n-nanniet, għal massimu ta' 30 jum f'kull sena u bl-għoti ta' rimunerazzjoni finanzjarja, jieħdu ħsieb tarbija marida meta l-ġenituri ma jkunux jistgħu jagħmlu dan minħabba rbit ta' xogħol jew jekk ikunu ħadu l-leave kollu ntitolat għalihom (fil-Portugall).

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Ikunu żviluppati u implimentati programmi nazzjonali għall-involviment ta' nies ta' età ikbar bħala voluntiera, partikolarment dawk fil-periklu ta' esklużjoni soċjali.
- Maniġġjar ta' sistema li tlaqqa' li dawk li jirtiraw ma' opportunitajiet fil-volontarjat, tippermetti lil organizzazzjonijiet jikkomunikaw ma' dawk li jistgħu potenzjalment jgħinu, u tipprovdi tagħrif dwar involviment f'organizzazzjonijiet komunitarji u volontarji.
- Tippromwovi firxa ikbar ta' possibbiltàjiet għal leave li jippermetti l-kura ta' dipendenti u xogħol b'sigħat inqas, li jippermetti lin-nanniet jieħdu ħsieb it-tfal tat-tfal meta l-ġenituri ma jkunux jistgħu jagħmlu dan minħabba s-sitwazzjoni tax-xogħol tagħhom jew mard.



# Tagħlim għal adulti ikbar

It-tagħlim għal adulti ikbar illum għandu preżenza qawwija f'politika internazzjonali dwar tagħlim għall-ħajja. L-Unjoni Ewropea tħoss li tagħlim għall-adulti huwa parti vitali ta' proċess ta' tagħlim tul il-ħajja li għandu l-potenzjal jilħaq il-ħtigijiet għal Suq Waħdieni Ewropew u jindirizza r-riperkussjonijiet tal-qagħad strutturali li qed jiżdied. Waqt li jemfasizza kif in-numri dejjem jiżdiedu ta' nies irtirati fl-Ewropa għandhom jitqiesu potenzjalment bħala sors ta' edukaturi u nies li jistgħu jagħtu taħriġ, id-dokument tal-politika tal-Kummissjoni "Tagħlim għall-Adulti: Qatt mhu tard wisq li titgħallem" *(Adult Learning: It is never too late to learn)* (2006) iressaq żewġ oġġettivi għal tagħlim tul il-ħajja f'dak li jirrigwarda adulti ikbar – li tkun żgurata ħajja itwal ta' ħidma, u li jespandu l-provdimenti ta' tagħlim għal dawk li rtiraw. Sussegwentement, ir-rapport "Pjan ta' Azzjoni dwar Tagħlim għall-Adulti" *(Action Plan for adult Learning)* (2007) jagħmel sejħa lill-Istati Membri biex jiżguraw li jsir investiment suffiċjenti fit-taħriġ ta' adulti ikbar.

Tagħlim għal adulti ikbar insibuh fi tliet setturi ewlenin – dak formali, dak mhux formali, u dak informali. Waqt li adulti ikbar jibqgħu fil-minoranza f'dik li hi edukazzjoni ogħla u terzjarja, il-qasam tat-tagħlim mhux formali dejjem irnexxielu jiġbed lejh adulti ikbar. L-appell ta' dan is-settur hu li jipprovdi opportunità  għall-adulti li jidħlu għal proġetti ta' tagħlim ta' ċerta serjetà, jitħalltu ma' oħrajn fl-istess livell, u jieħdu sehem f'attivitajiet konjittivi u ta' natura fiżika, iżda mingħajr ebda pressjoni ta' ħtieġa li jkunu akkreditati jew evalwati. Adulti ikbar huma involuti estensivament ukoll f'sistemi informali ta' taħriġ f'kuntesti li jvarjaw minn familji, istituzzjonijiet reliġjużi, il-mass media, postijiet tax-xogħol, il-volontarjat u l-ivvjaġġar.



Is-soċjet għadha lura ħafna milli tgawdi l-ħsad tal-benefiċċji kollha possibbli ta' tagħlim għall-kbar, u hemm il-ħtieġa ta' iktar politika biex jitgawda l-potenzjal. Waqt li gvernijiet huma mħeġġa jappoġġjaw razzjonal li jerġa' jdaħħal it-tagħlim tul il-ħajja f'valuri ta' livellar soċjali, koeżjoni soċjali u ġustizzja soċjali, il-Kunsilli Lokali għandhom jingħataw irwol iktar ċar biex jippjanaw, jikkordinaw u jiffinanzjaw tagħlim tard fil-ħajja. Bi sħubija ma' aġenziji tat-tielet settur, Kunsilli Lokali għandhom il-potenzjal li jservu bħala l-bażi għal tagħlim fejn dawk kollha involuti jikkordinaw u jippromwovu t-tagħlim għal dawk ta' età ikbar. Hemm il-ħtieġa wkoll li jittejbu l-livelli ta' parteċipazzjoni, għax ftit huma dawk minn 70' 'il fuq li jidħlu għal opportunitajiet biex jitħarrgu, u l-maġġoranza huma nisa ta' bejn is-60 u s-70 sena. Għal din ir-raġuni meħtieġa politika li tappoġġa 'aġenda għal parteċipazzjoni wiesgħa' biex tħajjar parteċipanti li mhumiex tipikament dawk li soltu jridu jitħarrġu. Fl-istess waqt, politika li tappoġġa taħriġ tard fil-ħajja għandha tkun iktar bilanċjata lejn l-oġġettivi ta' taħriġ tul il-ħajja, bħal sodisfazzjon personali, ċittadinanza attiva u inklużjoni soċjali, għax ħafna mill-enerġiji f'dan il-qasam jiffukaw fuq il-potenzjal ta' impjiegi. Adulti ikbar li mhumiex f'saħħithom  u/jew ma joħorġux minn djarhom, anzjani li jgħixu fi djar residenzjali jew nursing homes, kif ukoll qraba u voluntiera li jieħu ħsieb anzjani li mhumiex f'saħħithom, ma għandhomx ikunu esklużi minn opportunitajiet għal taħriġ tul il-ħajja. Il-politika dwar taħriġ għal adulti ikbar ma għandhiex tippromwovi attivitajiet BI spejjeż ta' dawk ta' età kbira li jbatu minn xi livell ta' problemi fiżiċi jew konjittivi. Opportunitajiet għal tagħlim għal adulti ikbar huma dimensjoni kruċjali ta' prassi tajba għal servizzi ta' kura fit-tul.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Jingħata appoġġ lill-Kunsilli Lokali biex ikollhom irwol fuq quddiem fil-provdiment u l-kordinazzjoni ta' inizjattivi għal tagħlim tard fil-ħajja fil-komunità, u dan ukoll bi sħubija mas-setturi privati u tal-volontarjat.
- Titħaddem 'aġenda b'parteċipazzjoni wiesgħa' fit-taħriġ għal adulti ikbar, permezz ta' strateġiji li jħajru adulti ikbar, li normalment ma jkunux motivati biex jieħdu sehem fil-provdiment ta' edukazzjoni tradizzjonali.
- Jitjiebu l-opportunitajiet ta' tagħlim fejn hemm kura fit-tul, u dan biex dawk kollha ta' età ikbar, hu x'inhu l-istat ta' saħħa tagħhom, ikollhom l-opportunità li jissieħbu f'attivitajiet ta' tagħlim.



## Kompetenza diġitali

Teknoloġiji dwar l-informatika u l-komunikazzjoni (ICTs) qed iwasslu għal bidliet profondi fil-mod ta' kif individwi jesperjenzaw il-ħajja ta' kuljum. Nies ta' eta' ikbar mhumiex l-eċċezzjoni, u l-Unjoni Ewropeja hi attenta ħafna għall-potenzjal tal-ICTs lejn titjib fil-livelli ta' anzjanità pożittiva, produttiva u ta' suċċess. Id-Dikjarazzjoni li ħarġet mill-Konferenza Ministerjali *Conference ICT for an Inclusive Society (Riga, 2006)* temfasizza l-ħtieġa li jkunu indirizzati l-possibbiltàjiet tal-ICT għal anzjanità attiva. Id-Dikjarazzjoni Ministerjali tiddikjara b'mod ċar li l-prijorità tal-Unjoni Ewropea hi li tiżgura li t-teknoloġiji diġitali huma miftuħin għal kulħadd, inklużi dawk ta' età ikbar, biex jintużaw fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u ekonomika. Inizjattiva ewlenija oħra tal-Unjoni Ewropea hi dwar *Ageing well in the information society: Action plan on information and communication technologies and ageing*, adottata mill-Kummissjoni f'Ġunju tal-2007, li titkellem dwar inizjattivi biex jitneħħew ostakoli li jvarjaw minn nuqqas ta' għarfien f'oqsma industrijali ta' opportunitajiet fis-suq u mudelli kummerċjali li mhumiex ċari, għal diversi ostakoli legali u teknoloġiċi. Il-pjan jindirizza wkoll il-potenzjal taal-ICT għal ħajja indipendenti, anzjanità mingħajr problemi ta' saħħa, u bilanċ bejn xogħol u ħajja meta l-bniedem jikber. Il-kwistjoni ta' inklużjoni diġitali f'età kbira hija wkoll ta' prijorità f'*Digital Agenda for Europe* – il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għall-ICT, imnedija fl-2010. Din żgur li se tgħin lill-Ewropa tiffaċċja l-isfidi tal-anzjanità u l-esklużjoni diġitali, waqt li timmotiva innovazzjoni u swieq ġodda għal prodotti u servizzi rilevanti fl-

ICT. Minkejja l-fatt li din it-teknoloġija hi fattur ewlieni għas-socjetà tal-lum, madwar 150 miljun Ewropej ma jieħdux sehem attiv fl-ICT. Persuna minn tlieta biss minn dawk mingħajr xogħol tuża l-internet regolarment, u madwar 74 miljun Ewropej b'livelli baxxi ta' skola u terz ta' dawk li jgħixu f'inħawi rurali u mbiegħda għadhom mhux imqabbda mal-internet.

Tħassib ewlieni fiż-żmInijiet tal-lum huwa l-fatt li jirrigwarda l-iżbilanċ fost dawk li għandhom ċittadinanza diġitali, waqt li analisti soċjali jistabBilixxu 'qasma diġitali' persistenti bejn dawk li għandhom u dawk li ma għandhomx aċċess għal sistemi ġodda ta' teknoloġija tal-informatika. L-età hija fattur determinanti fid-dokumentazzjoni ta' din il-'qasma diġitali', għax hu nnutat li madwar id-dinja dawk ta' età ikbar aktarx li huma l-inqas li jużaw l-ICTs. Inqas minn 15 fil-mija ta' Ewropej li qabżu l-65 sena jużaw dawn is-sistemi. Hemm diversi raġunijiet għal esklużjoni diġitali f'dan l-istadju tard tal-ħajja. L-ispejjeż u l-aċċess jidher li huma sekondarji, ċertament inqas importanti minn nuqqas ta' ħila f'dan il-qasam, u l-fatt li dawk ta' età kbira jħossuhom li "kibru wisq" biex jitgħallmu jużaw din it-teknoloġija, u jħossu li din iktar addattata għal ġenerazzjonijiet taż-żgħażagħ. Ħafna nies ta' età ikbar li ma jużawx din it-teknoloġija jqisu li ma fihiex daqstant valur, waqt li oħrajn għandhom problemi ta' natura fiżika, li tvarja minn artrite sa problemi fid-dahar, u dawn ma jħalluhomx jagħfsu l-buttuni u jpoġġu bilqiegħda għal perjodi twal. Huwa possibbli li dawn il-problemi jkunu megħluba billi jsiru kampanji pubbliċi dwar l-aspetti pożittivi tal-ICT biex wieħed jgħix ħajja aħjar, fl-istess waqt li jsiru promozzjonijiet dwar aspetti ta' sigurtà relatati mal-ICT. Huwa importanti wkoll li s-soċjetà tintroduċi interfaces tal-ICT li huma faċli biex jintużaw u sempliċi kemm jista' jkun, u tipprovdi opportunitajiet biex dawk ta' età ikbar jitgħallmu kif jużaw l-ICT.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Jingħata appoġġ lil Programmi ta' Inklużjoni Diġitali li jiżgura li dawk ta' età ikbar ikollhom l-opportunità jużaw il-kompjuter u l-Internet, u minn hemm javvanzaw għal sistemi oħra ta' teknoloġija diġitali.
- Ikun hemm kollaborazzjoni ma' dawk involuti biex ikunu stabbiliti mudelli 'tal-aqwa prattika' li jippromwovu kompetenza diġitali iktar 'il quddiem fil-ħajja, waqt li jippermettu wkoll diskussjoni dwar aspetti ta' inklużjoni diġitali li jirrigwardaw dawk ta' età ikbar.
- Jissaħħu sessjonijiet ta' tagħlim dwar teknoloġija tal-kompjuter u l-Internet immirati lejn adulti ikbar, u dawn ikunu jindirizzaw speċifikament il-problemi u diffikultajiet li normalment ikunu ffaċċjati minn dan is-settur.

# Ingaġġ ċiviku

Parteċipazzjoni soċjali iktar 'il quddiem fil-ħajja tmur lil hinn minn involviment f'passatempi u attivitajiet ta' divertiment. It-termini 'attiv' f'dak imsejjaħ anzjanità attiva jirreferi wkoll għat-tkomplija ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet soċjali, ekonomiċi, kulturali, spiritwali u ta' natura ċivika, u mhux biss l-abbiltà li persuna jkun fiżikament attiv jew li tipparteċipa fil-qasam tax-xogħol. B'hekk, anzjanità attiva tirreferi wkoll għal persuni ta' età ikbar involuti f'parteċipazzjoni ta' natura ċivika skont il-merti u l-virtujiet tagħhom. L-ingaġġ ċiviku qiegħed fil-qalba tad-demokrazija, u jikkonċerna l-abbiltà taċ-ċittadini li jagħtu kontribut għall-iżvilupp tal-proċessi ta' governanza nazzjonali u lokali. Politika ta' anzjanità attiva li tħaddan qafas ta' 'ċittadinanza attiva' għandha l-potenzjal li mhux biss tnaqqas mill-ispejjeż ta' ħarsien soċjali u żżid mal-kwalità tal-ħajja ta' dawn in-nies, imma wkoll li tikkontribwixxi parzjalment għad-domanda għal appoġġ soċjali li normalment tkun meħtieġa fost popolazzjonijiet li qed jikbru. Rapporti soċjali analitiċi ta' ċittadinanza jemfasizzaw drittijiet ċivili, politiċi u soċjali, u d-dritt ta' aċċess għar-riżorsi tal-istat. Fl-isfond ta' dan il-perspettiva, isegwi li persuni ta' età ikbar għandhom ikunu parteċipanti attivi fit-teħid ta' deċiżjonijiet kemm nazzjonali kif ukoll lokali. Ir-rwol ta' attiviżmu politiku f'oqsma nazzjonali ma għandux ikun injorat fi promozzjonijiet ta' ċittadinanza attiva, għax dan jirrinforza xejra fost iċ-ċittadini li jżommu lura minn parteċipazzjoni politika, u jwarrab sforzi biex tinħoloq bidla sistematika permezz ta' proċessi demokratiċi. Waqt li l-ingaġġ fil-komunità huwa mixtieq u ta' valur, sforzi lokalizzati ma jindirizzawx ċerti problemi bħal diskriminazzjoni minħabba l-età u abbużi fuq l-anzjani.



F'dawn l-aħħar deċenji, saru sforzi estensivi fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea biex jinkoraġġixxu s-sehem attiv ta' ċittadini ta' età ikbar. Ħafna pajjiżi taw vuċi attiva lil dawn in-nies permezz ta' komunitajiet tal-anzjani, a bażi li jivvalutaw l-esperjenza tagħhom. Bħala eżempju, fl-Irlanda nsibu Parlament Irlandiż għal Ċittadini Anzjani, li hu organizzazzjoni politika mhux partiġġjana li taħdem biex tippromwovi l-fehmiet ta' nies ta' età ikbar fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-iżvilupp ta' politika. Dan il-Parlament hu mmexxi minn voluntiera ta' età ikbar, li huma eletti kull sena minn delegati ta' għaqdiet affiljati. F'Malta, fl-1993 il-Gvern stabilixxa l-Kunsill Nazzjonali għall-Anzjani biex jiġbor flimkien għaqdiet mhux governattivi u organizzazzjonijiet li jaħdmu fuq bażi volontarja biex jippromwovu u jħarsu l-interessi tal-anzjani. Il-Kunsill iservi bħala pont bejn ċittadini ikbar Maltin u l-Gvern, u għandu l-għan li jippromwovi u jħares l-interessi ta' persuni ikbar f'Malta. Inizjattivi ta' politika bħal dawn servew bhala mbuttatura għal sehem politiku minn persuni ikbar f'livelli lokali, reġjonali u nazzjonali. Madankollu, jibqa' l-fatt li l-possibbiltajiet għal parteċipazzjoni f'ħidmiet ċiviċi huma limitati ħafna, speċjalment għal nies ikbar li jgħixu f'inħawi rurali. Ostakoli għal parteċipazzjoni ċivika f'età kbira jvarjaw minn nuqqas ta' trasport għal funzjonijiet ta' natura ċivika, nuqqas ta' akkomodazzjoni fiżika, u problemi ta' sigurtà f'avvenimenti ċiviċi kbar. Kif tirrakkomanda l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa, bħala strateġiji li jxejnu dawn il-problemi jistgħu jkunu riservati postijiet għal dawk ta' età ikbar, titjieb l-aċċessibilità għal attivitajiet ċiviċi, u jinħatru adulti ikbar fuq bordijiet komunitarji.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Tisħiħ tas-setgħat tal-Kunsill Nazzjonali għall-Anzjani biex ikunu rappreżentati l-ħtigijiet ta' persuni ikbar permezz ta' strateġiji popolari u edukattivi.
- Appoġġ lill-Uffiċċju tal-Kummissjunarju għal Persuni Ikbar fil-promozzjoni ta' għarfien tad-drittijiet ta' persuni ikbar.
- Inkoraġġiment biex iktar Kunsilli Lokali jaħtru sotto-kumitati għal anzjanità attiva biex dawn jaħdmu favur it-titjib tal-kwalità tal-ħajja ta' persuni ikbar f'dik il-lokalità.



# Appoġġ għal *carers* informali

Minkejja t-tkabbir fis-servizzi formali fil-komunità f'isem l-istat u s-settur privat, ħafna mill-kura meħtieġa minn persuni ikbar li jgħixu fil-komunità ġejja mis-settur informali. Kura informali tirreferi għal kura mingħajr ħlas provduta minn qrabat, ġirien u ħbieb lil dawk li għandhom xi livell ta' dipendenza li jeħtieġ assistenza. Kura informali ġeneralment tkun diskussa fi ħdan ir-relazzjonijiet tal-familja, minħabba li l-għażliet biex tingħata din il-kura normalment jitfasslu skont relazzjonijiet u obbligazzjonijiet fi ħdan sistema ta' qrabat li tifrex fuq ġenerazzjonijiet. Kura iktar informali ġeneralment tkun organizzata fl-ambitu ta' tliet relazzjonijiet ċentrali – ir-relazzjoni matrimonjali, ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u l-ulied, u dik ta' qrabat fi ħdan familja estiża. Responsabbiltajiet ta' kura jidher biċ-ċar li huma mixħuta fuq in-naħa femminili, fis-sens li meta jkun hemm għażla bejn qraba rġiel u nisa dwar min għandu jieħu ħsieb il-kura, l-għażla taqa' fuq il-mara. Dwar x'tip ta' kura informali tkun provduta, din ġeneralment tinkludi responsabbiltajiet soċjali u kura dwar is-saħħa, li jvarjaw minn attenzjoni personali, l-għoti ta' mediċini, għajnuna ta' natura fiżika, xogħol ta' kitba u finanzi, għajnuna prattika, kumpanija mal-persuna li teħtieġ il-kura, attivitajiet ta' mogħdija taż-żmien u rikreazzjoni, u li min jagħti l-kura jżomm għajnejh fuq il-"pazjent". Għalkemm f'din it-tip ta' kura jista' jkun hemm doveri li jidħlu f'xulxin, u jistgħu jagħtu l-impressjoni ta' relazzjoni familjari normali, il-kura u r-responsabbiltajiet ma għandhomx jitqiesu bħala insinifikanti. F'ċerti każi, bħal meta l-'pazjent' ibati mid-dimensja, dawk li jieħdu ħsiebu jgħaddu sigħat twal fir-rwol tagħhom, u din il-kura informali tinbidel f'kura kontinwa bla ħlas għal 24 siegħa kuljum.

Dan ir-rwol ta' kura informali jirriżulta fi spejjeż personali enormi, għax meta mqabbla ma' min ma jipprovdix din il-kura, il-carers informali ta' nies ta' età ikbar jesperjenzaw livelli ogħla ta' tbatija fiżika, emozzjonali u psikoloġika. Iż-żjajjar ta' kuljum fid-djar tal-'pazjenti', l-ansjetà li ma jkunux jistgħu jlaħħqu ma' dan ix-xogħol jekk huma stess jimirdu, l-isforzi fiżiċi b'riżultat tat-tqandil tal-"pazjenti" f'sodod, banjijiet u siġġijiet bir-roti, tisjir u li jitimgħu lill-pazjent, problemi ta' inkontinenza u ħasil tal-pazjent – biex insemmu ftit mill-ħidmiet – kollha jirriżultaw f'livelli għolja ta' stress. Terġa', nuqqas ta' taħriġ u appoġġ professjonali jikkontribwixxi biex jaggrava l-kwalità tal-ħajja tal-carers informali. Wieħed isib li għalihom, ftit li xejn hemm ħin liberu għal passatempi, u btajjel jew breaks fit-tul li lanqas biss joħolmu bihom. Huwa wkoll diffiċli, kultant impossibbli, biex dawn il-carers informali jkunu f'impjieg permanenti, speċjalment fejn tidħol karriera.

Il-Gvern Malti għandu diversi servizzi ta' kura soċjali u ta' saħħa li jistgħu joffru xi livell ta' għajnuna lil dawn il-carers informali. Dawn jinkludu Pensjoni Mhux Kontributorja għall-Carers, Assistenza Soċjali għall-Carers, servizzi għal xogħol soċjali, kif ukoll respite services fir-Residenza San Vinċenz de Paule. Madankollu, dawn is-servizzi xorta mhumiex biżżejjed biex itaffu x-xogħol u l-istress ta' dawn il-carers fil-familja. Hemm ħtieġa urġenti biex dawn is-servizzi jiżdiedu, billi jittejbu dawk eżistenti u jiddaħlu servizzi ġodda biex jiżguraw ħarsien soċjali xieraq ħalli dawn il-carers informali ma jkunux esklużi soċjalment.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- B'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali, għaqdiet mhux governattivi u s-settur privat, ikunu appoġġjati u kordinati sessjonijiet ta' informazzjoni għall-carers informali ta' nies kbar fl-età.
- Ikunu msaħħa servizzi ta' respite residenzjali u komunitarji għal nies ikbar, inkluża l-possibbiltà li jkun provdut respite care fl-ambjent tad-dar.
- Tkun mistħarrġa l-possibbiltà ta' introduzzjoni ta' mudelli ta' appoġġ finanzjarju innovattiv għal servizzi ta' kura personali fid-dar.

# Solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet

Ma kienx b'kumbinazzjoni li l-Ewropa ddedikat is-sena 2012 bħala s-Sena Ewropea għal Anzjanità Attiva u Solidarjetà, u dan serva biex ħoloq għarfien ta' kif l-anzjanità tal-popolazzjoni qed ikollha ħafna effett fuq ir-relazzjonijiet bejn il-ġenerazzjonijiet. L-Unjoni Ewropea hi soda fit-twemmin tagħha li solidarjetà u koperazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet hi meħtieġa biex tkun stabbilita 'soċjetà għall-ġenerazzjonijiet kollha', u b'dan il-għan id-29 ta' April ta' kull sena ingħażel bħala Jum Ewropew għal Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet. Fl-2010 il-Parlament Ewropew kien adotta r-riżoluzzjoni *Sfida Demografika u solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet*, li ddikjarat li 'ġustizzja' u 'solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet' huma sinonimi: "tqassim ugwali, raġonevoli u konxju bejn il-ġenerazzjonijiet ta' vantaġġi u piżijiet." Ir-raġunament huwa ċar: iktar ma l-anzjanità attiva tkun promossa fl-Ewropa, iktar tirnexxi s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet fir-reġjun. Hija ċara wkoll l-emfasi tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa għal solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, u dan jidher fir-rapport *Active Ageing: A Policy Framework*. L-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (WHO) ttenni li l-anzjanità hi proċess li jseħħ fil-kuntest ta' oħrajn – ħbieb, sħab ta' fuq ix-xogħol, ġirien u qrabat, li dawn mhux bilfors ikunu ta' età ikbar. Tant li l-interdipendenza u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet (li tagħti u tirċievi bejn iż-żewġ naħat minn individwi kif ukoll ġenerazzjonijiet ikbar u iżgħar) huma pernijiet neċessarji ta' politika dwar anzjanità attiva. F'parti oħra tal-qafas ta' din il-politika, l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa tidentifika l-anzjanità attiva bħala fattur fejn is-sitwazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet tiddistingwi s-sinjifikat bejn ir-relazzjonijiet u l-appoġġ fost u bejn membri tal-familja u ġenerazzjonijiet, pożizzjoni li tappoġġa mingħajr riżervi l-valur ta' solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet minħabba l-potenzjal għal sigurtà ikbar għall-ulied, ġenituri u nies ikbar.







Programmi li jippromwovu s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet jikkostitwixxu inizjattivi li jżidu interazzjoni, koperazzjoni jew bidliet bejn il-ġenerazzjonijiet, u li jinvolvu l-iskambju ta' snajja', għarfien u esperjenza. Kemm meta jkunu qed jinħadmu programmi ġodda f'dan is-settur jew meta ssir reviżjoni ta' programmi eżistenti, huwa importanti li dawk li jfasslu l-politika jisħqu bħala fattur ewlieni dak magħruf bħala l-benessere ta' matul il-ħajja, jiddeliberaw l-effett ta' kull azzjoni fuq kull ġenerazzjoni, jiżguraw li l-prinċipji ta' gwida jgħaqqdu iktar milli jifirdu l-ġenerazzjonijiet, u jaċċettaw u jinkoraġġixxu l-ħila ta' kull ġenerazzjoni li twettaq rwol lejn il-benessere tal-membri tas-soċjetà. Il-promozzjoni ta' solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet tista' ssir permezz ta' mezzi differenti, li jinkludu s-soċjetà ċivili, il-midja u l-volontarjat. Triq li hi partikolarment promettenti hi dik tat-tagħlim. Tagħlim bejn il-ġenerazzjonijiet jirreferi għal attivitajiet li intenzjonalment jinvolvu żewġ ġenerazzjonijiet jew iktar, bl-għan li jiġġeneraw benefiċċji addizzjonali jew differenti minn dawn li joħorġu minn attivitajiet bejn ġenerazzjoni waħda. Il-prassi li ġenerazzjonijiet iżgħar jew ikbar jitgħallmu minn xulxin twassal għal benefiċċji speċifiċi kemm soċjali kif ukoll psikoloġiċi. Dawn jinkludu li persuna ta' età differenti jkun aċċettat b'mod naturali, u dan iwassal biex il-ġenerazzjonijiet differenti iktar jifhmu lil xulxin, u jwassal ukoll biex ikun hemm tnaqqis f'imġiba anti-soċjali.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Isiru sforzi biex ikun provdut trasport pubbliku bi prezz raġonevoli u ta' min jorbot fuqu biex jiffaċilita l-parteċipazzjoni soċjali ta' adulti ikbar f'attivitajiet soċjali.
- Ikunu implimentati politika u programmi bejn il-ġenerazzjonijiet fl-iskejjel.



# ĦAJJA INDIPENDENTI

It-trasformazzjoni ta' kif is-socjetà tħares lejn l-anzjanità minn xi ħaġa ta' aspettattiva ta' dipendenza u triq għan-niżla għal waħda ta' opportunità għal parteċipazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol u s-soċjetà, teħtieġ ċaqlieqa li tippermetti indipendenza u dinjità f'età ikbar. Tant hu hekk li ċ-Charter ta' Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tagħraf u tirrispetta d-drittijiet ta' dawk ikbar li jgħaddu ħajja ta' dinjità u indipendenza, u li jipparteċipaw f'ħajja soċjali u kulturali. Għaldaqstant, politika nazzjonali għandha tinkludi l-ħolqien tal-kundizzjonijiet meħtieġa biex jippermettu li individwi ta' età ikbar jibqgħu membri kontributorji tas-soċjetà iktar milli jassumu rwol ta' dipendenza u jsiru reċipjenti passivi. Minbarra li nżidu d-dinjità tagħna iktar ma nikbru, il-parteċipazzjoni kontinwa tagħna fis-soċjetà u l-kontribut li nagħtu lill-istess soċjetà permezz ta' għajxien indipendenti jimmitiga wkoll kontra l-bilanċ ta' dipendenza fis-soċjetà. Din it-tielet taqsima tal-*Politika Strateġika Nazzjonali Għal Anzjanità Attiva* hija importanti għas-suċċess ta' parteċipazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol u s-soċjetà, u dawn flimkien jiffurmaw l-ingredjenti għas-suċċess tal-anzjanità f'livelli kemm personali kif ukoll nazzjonali.

Is-soċjetà Maltija tradizzjonalment dejjem ħarset lejn individwi ta' età ikbar b'rispett kbir. Iżda wieħed irid jammetti li dan ir-rispett iġib miegħu aspettattiva ta' irtirar bil-mod minn parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà u dipendenza li dejjem tiżdied fuq membri iżgħar tal-familja. Din l-attitudni wasslet biex inħolqu għadd ta' ostakoli lejn l-għan ta' għajxien indipendenti. Bħala eżempju, minkejja li jsir iffukar sinifikanti fuq promozzjoni ta' saħħa permezz ta' ħajja attiva u nutriment addattat, dan l-iffukar ikun ġeneralment immirat lejn età iktar żagħżugħa.

Programmi komunitarji għal dawk ta' età ikbar jiffukaw iktar fuq attivitajiet ta' bixra sedentarja u ġeneralment passiva, li donnhom huma iktar ta' aljenazzjoni milli rikreazzjonali, inqas u inqas attivi. Servizzi għal dawk ta' età ikbar jintużaw l-iktar f'każi ta' emerġenzi personali jew fil-familja, iktar milli bi pjan bil-quddiem. Terġa' u tgħid, aċċess għal servizzi għal dawk ta' età ikbar ġie li jidher ikkomplikat wisq, u għal din ir-raġuni ma jkunx imfittex. Dan, flimkien ma' piż mediku dejjem jiżdied li nsibuh jakkumpanja lil dawk li qed jikbru fl-età, spiss jirriżulta f'dipendenza fuq ħaddieħor li kulma tmur tiżdied, u ma' dan naraw tnaqqis gradwali fl-awtonomija u fl-istess waqt żieda fil-vulnerabbiltà għal abbuż.



Kif l-Unjoni Ewropea taċċenna f'*Guiding Principles for active ageing and solidarity between generations: The way forward* (2012), is-soċjetà tagħna ma għandhiex tikkuntenta biss bl-aspettattiva ta' ħajja itwal, iżda trid taħdem biex testendi s-snin ta' ħajja b'saħħitha, u fl-istess waqt tipprovdi opportunitajiet għal attivitajiet tal-ġisem u tal-moħħ addattati għall-kapaċitajiet ta' nies ikbar fl-età. It-tisħiħ ta' miżuri għal promozzjoni, kura u ħarsien tas-saħħa, kif ukoll prevenzjoni ta' mard u problemi ta' saħħa fl-etajiet kollha jwassal biex iktar nies ta' età kbira jnaqqsu l-probabbilta' ta' mard u diżabilità, waqt li jgħinhom jiżguraw iktar funzjonament tal-fakultajiet fiżiċi u mentali tagħhom bħala għajnuna għal għajxien indipendenti. B'riżultat ta' dan, tinħoloq l-opportunità għal għajxien f'postijiet komdi u aċċessibbli għal nies ta' età kbira, u komunitajiet lokali li huma sensittivi għall-bżonnijiet u s-servizzi ta' dawn in-nies ta' età ikbar, u jkun provdut trasport aċċessibbli li jippermetti parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' ħajja indipendenti.

Anzjanità attiva mhix f'kunflitt mar-realtà ta' żieda fi problemi ta' natura medika li ġġib magħha ħajja f'età ikbar. Anzi, timbotta għal żieda fl-awtonomija ta' nies ta' età ikbar u l-ogħla parteċipazzjoni possibbli, kemm jekk qed jgħixu fil-komunità kif ukoll jekk qed jingħataw kura fit-tul. Dan jiżgura li d-dinjità tagħhom ma tintilifx, u li jkunu mħarsa minn kull forma ta' abbuż. Il-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għad-dokument ta' politika Ewropew *Ensuring a Society for all ages* jiddiskuti anzjanità attiva bħala investiment f'livelli kemm individwali kif ukoll soċjetali. B'dan l-argument, il-Politika Strateġika Nazzjonali għal Anzjanità Attiva ssostni li r-responsabbiltà għall-promozzjoni ta' ħajja indipendenti f'età ikbar tinqasam ugwalment bejn l-individwu u dawk involuti kollettivament.




# Prevenzjoni ta' mard u promozzjoni tas-saħħa

Biex jippromwovu anzjanità attiva f'età avvanzata, sistemi ta' kura tas-saħħa jeħtiġilhom jieħdu perspettiva ta' kors tal-ħajja fil-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard. Bħala medja, Maltin li jkunu qabżu s-60 sena jkollhom piż żejjed, u wisq probabbli li jikkunsmaw spirti iktar mill-medja tal-popolazzjoni. Jeżistu għadd ta' strateġiji biex jindirizzaw fatturi ta' riskju li jistgħu jkunu modifikati, bħal dieta ħażina, nuqqas ta' attività fiżika, tipjip, alkohol, obesità, pressjoni għolja, zokkor fid-demm u serum cholesterol assoċjat ma' ċertu mard li huma l-kawżi l-iktar komuni ta' mwiet fost nies ta' età ikbar f'Malta. L-implimentazzjoni ta' *Piż tajjeb tul-il-ħajja: Strateġija nazzjonali għal Malta* (2012-2020), *Strateġija għall-prevenzjoni u kontroll ta' mard li ma jitteħidx f'Malta* (2010) u pjani ta' azzjoni identifikati fil-*Pjan Nazzjonali dwar il-Kanċer* (2011-2015) se jkunu l-bażi ta' ħidma nazzjonali mmirata lejn prevenzjoni u promozzjoni ta' saħħa biex titwal il-medja ta' snin ta' saħħa għall-popolazzjoni Maltija. B'dan bħala sfond, l-importanza ta' kampanji u servizzi mmirati lejn ostakoli komuni għal ħajja indipendenti relatati mal-età, u li jistgħu jkunu modifikati, fosthom il-prevenzjoni ta' waqgħat, promozzjoni kontra l-inkontinenza, prevenzjoni ta' problemi minħabba nuqqas ta'

xorb ta' likwidi u problemi relatati mal-kesħa, kif ukoll it-tnaqqis fl-użu ta' mediċini assoċjati ma' morbidità għolja fl-anzjani, fosthom *sedative medication*, kultant ikunu injorati. Statistika internazzjonali maħruġa mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (WHO) turi li nies ta' età ikbar huma f'riskju ikbar minħabba waqgħat. Skont ir-Reġistru Nazzjonali tal-Imwiet, fl-2010 l-età medja ta' mwiet minn waqgħat f'Malta kienet ta' 73.3 għall-irġiel u 78.3 għan-nisa. L-istess, imwiet ta' persuni ikbar wara xi waqgħa huma ogħla, bi 83 fil-mija ta' ksur fil-ġembejn fl-2011 rappurtati f'persuni ta' 65 sena u ikbar. Il-figuri għolja ta' mwiet riżultat ta' waqgħat għal persuni ikbar jindikaw il-bżonn li jkunu żviluppati strateġiji biex inaqqsu jew jevitaw waqgħat aċċidentali.

L-effetti ħżiena ta' ċerti mediċini jistgħu jkunu fattur ta' sogru serju, iżda li jista' jkun evitat, f'persuni ikbar li jgħixu fil-komunità jew fi djar residenzjali għal kura fit-tul. Dan jista' jkun riżultat ta' mediċini li ma jkunux addattati, jew l-użu ta' mediċini mhux addattati għal nies ta' età ikbar. Permezz ta' iktar għarfien b'riżultat ta' pariri kemm meta tinħareġ ir-riċetta kif ukoll meta jinxtraw il-mediċini, u l-integrazzjoni tar-rekords elettroniċi tal-ispiżeriji jippermettu li l-individwi jkollhom iktar kontroll personali fuq problemi ta' saħħa, u jippermettu wkoll li tobba li jordnaw il-mediċini jikkontrollaw l-effetti ta' mediċini differenti meta meħuda flimkien. Kemm waqt kura akuta kif ukoll f'istituzzjonijiet fejn tingħata kura fit-tul, irid isir kull sforz biex ikun hemm kultura ta' sigurtà fir-rigward ta' kif il-mediċini jkunu merfugħin, u waqt il-preparazzjoni, it-tqassim u l-amministrazzjoni tal-mediċini bil-ħolqien ta' politika komprensiva u proċeduri normali magħrufa bhala *standard operating procedures* (SOPs), u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri għal titjib fil-kwalità msejsa fuq linji gwida bħal dawk magħrufa bħala l-*Beers Criteria*.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Ikun żgurat li kampanji għall-promozzjoni ta' saħħa u prevenzjoni ta' mard jadottaw perspettiva ta' kors tal-ħajja, ikunu aċċessibbli għal persuni ikbar, u jiffukaw iktar fuq kwistjonijiet ta' saħħa pubblika relatati mal-età.
- Jitfasslu programmi dwar kif ikunu evitati l-waqgħat, immirati għal inċidenti ta' waqgħat f'adulti ikbar.
- Jitfasslu u jkunu awditjati strateġiji biex jiżguraw sigurtà fir-rigward ta' mediċini għal adulti ikbar fil-komunità, fl-isptarijiet u f'postijiet fejn tingħata kura fit-tul.



# Riabilitazzjoni akuta u ġerjatrika

Bħala prinċipju ewlieni, servizzi ta' kura tas-saħħa għandhom jimmiraw li jipprovdu l-ogħla livelli possibbli ta' saħħa li jwasslu għall-promozzjoni ta' anzjanità attiva u saħħa tul il-kors tal-ħajja, u biex tinżamm id-dinjità fil-ħajja ta' persuni ikbar. F'dan ir-rigward, servizzi għal kura tas-saħħa ma għandhomx jiddiskriminaw minħabba l-età fil-provdiment ta' servizzi ta' kwalità u aċċessibilità. Kura tas-saħħa għal adulti ikbar hija ddominata dejjem iktar minn linji ta' kura bażati fuq mard, li mhux bilfors joffru l-aħjar servizz għall-bżonnijiet kumplessi ta' persuni ikbar. Adulti ikbar li jippruvaw jidħlu f'servizzi ta' kura tas-saħħa akuta spiss jippreżentaw taħlita kumplessa ta' problemi mediċi, psikoloġiċi u soċjali. Attentati biex dawn il-problemi jkunu indirizzati individwalment permezz ta' mudell tradizzjonali ma jkunux biżżejjed, u jistgħu jgħabbu s-sistema b'dawk magħrufa, mhux dejjem tajjeb, bħala 'każi soċjali', jiġifieri individwi li l-mudell tradizzjonali ma għandu xejn iżjed x'joffrilhom, u li jitqiesu bħala piż fuq is-sistema.

Din il-politika titlob għal bidla fundamentali fil-mod ta' kif inħarsu lejn problemi psiko-soċjali fl-anzjani, biex il-problemi mediċi tagħhom ikunu indirizzati b'mudell ta' kura ħolistika biopsikosoċjali. Il-politika titlob għar-ristrutturar tal-mudell ta' kura li qed nużaw bl-integrazzjoni formali ta' servizzi ta' mediċina ġerjatrika u riabilitazzjoni dixxiplinarja fi ħdan is-sistema preżenti ta' kura medika akuta fi sptarijiet pubbliċi. Din l-integrazzjoni, flimkien mal-kordinazzjoni u transizzjoni għal u minn servizzi ta' saħħa fil-komunità, isservi aħjar il-ħtiġijiet fiżiċi, psikoloġiċi u soċjali kumplessi ta' persuni ikbar, u tqiegħed ir-restawr tal-funzjoni u/jew l-użu massimu tal-funzjoni li jkun fadal fl-istess livell ta' prijorità tat-tmexxija ta' mard akut.

Wieħed mill-aspetti l-iktar fundamentali li jinfluwenza s-saħħa hu proprju għarfien dwar is-saħħa. Dan hu l-livell safejn individwi huma kapaċi jiksbu, jifhmu u jipproċessaw informazzjoni bażika dwar saħħa u l-funzjoni ta' servizzi. B'din l-informazzjoni jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet dwar is-saħħa, ikollhom aċċess għal servizzi addattati, u jassumu responsabbltà għall-kwalità ta' ħajjithom. Għalkemm dan l-għarfien dwar is-saħħa japplika hi x'inhi l-età, huwa kritikament importanti fil-każ ta' adulti ikbar li ta' spiss ikollhom diversi problemi kumplessi ta' saħħa.

L-għan ta' interventi permezz ta' għarfien dwar is-saħħa f'din il-popolazzjoni huwa li jkun hemm titjib fis-saħħa, il-benessere u l-parteċipazzjoni ta' adulti ikbar b'għarfien limitat dwar is-saħħa. Din il-politika tirrakkomanda l-prevenzjoni ta' problemi relatati ma' għarfien dwar is-saħħa fejn interventi għandhom imnejn ikunu mmirati fuq l-individwu, u n-nies professjonali u s-sistema ta' saħħa li jaħdmu fiha. L-integrazzjoni u l-kordinazzjoni ta' programmi ta' saħħa u benessei tkun mhux biss iktar effettiva u effiċjenti biex tindirizza l-bżonnijiet ta' adulti ikbar f'kura dwar is-saħħa, iżda żżid l-għarfien dwar is-saħħa fi ħdan is-sistema, u b'hekk ittejjeb l-aċċess għall-kura.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Permezz ta' titjib fis-sistemi ta' informazzjoni, adulti ikbar jassorbu iktar tagħrif dwar kura tas-saħħa.
- Jissaħħu servizzi ta' saħħa u riabilitazzjoni fil-komunità biex jippermettu transizzjoni tajba bejn servizzi fl-isptar u servizzi komunitarji u oħrajn.
- Ikunu integrati kura ġerjatrika akuta u riabilitazzjoni fi ħdan is-sistema akuta ta' sptarijiet pubbliċi, biex ikunu indirizzati l-bżonnijiet iktar kumplessi ta' nies ikbar.

# Is-saħħa mentali u l-benessere

Bl-avvanz fl-età naslu f'punt kritiku psikosoċjali; dan l-avvanz jirrappreżenta opportunità biex jintlaħaq l-aqwa livell ta' saħħa psikoloġika. Dan il-punt ta' spiss jasal fil-kuntest ta' sfidi sinifikanti soċjali u ta' saħħa, u jirriżulta f'interazzjoni bidirezzjonali bejn benesseri mentali, problemi ta' saħħa fiżika u diffikultajiet soċjali. F'dan l-istadju nirrealizzaw li l-ħajja psikoloġika tagħna hi determinata mhux biss minn sfidi fiżiċi u soċjali, iżda hija wkoll fattur determinanti tas-saħħa fiżika u l-benesseri soċjali. B'kuntrast mas-saħħa fiżika u l-ħarsien soċjali, jeżisti nuqqas ta' tagħrif miktub dwar saħħa u benesseri mentali, u ftit li xejn ingħata attenzjoni f'kampanji dwar saħħa pubblika. Edukazzjoni dwar saħħa mentali għandha tilħaq il-bilanċ korrett bejn l-akkwist ta' tagħrif suffiċjenti u s-sogru li jinħoloq allarm pubbliku mingħajr ħtieġa. Tradizzjonalment, fis-soċjetà tagħna teżisti stigma sinifikanti dwar diffikultajiet fir-rigward ta' saħħa mentali, u dan sikwit iwassal għal dewmien sinifikanti fid-dijanjosi u l-kura. Minbarra dan, il-provdiment storiku ta' servizzi għal saħħa mentali, b'distinzjoni minn servizzi għal saħħa ta' natura ġenerali, ikompli jsaħħaħ din l-istigma u jwassal biex ma tintalabx għajnuna.

Din l-istigma soċjali teffettwa wkoll lil professjonisti fil-qasam tas-saħħa, bis-sogru magħruf ta' impatt negattiv fil-provdiment ta' servizzi ta' saħħa fiżika lil individwi bi problemi serji ta' saħħa mentali. Din il-politika għaldaqstant titlob għat-tkomplija tal-integrazzjoni ta' servizzi għal kura mentali fi ħdan is-servizzi ġenerali tas-saħħa, kemm ġeografikament kif ukoll bħala taħriġ u provdiment ta' servizz interdixxiplinarju.



Is-servizzi ta' kura mentali għal dawk ta' età ikbar jeħtieġu grupp dedikat ta' professjonisti mħarrġa li jaħdmu b'kollaborazzjoni mill-qrib ma' dipartimenti oħra li jipprovdu kura dwar is-saħħa. Il-mudell li twaqqaf dan l-aħħar ta' servizz konsultattiv f'kura u psikjatrija ġerjatrika fl-isptar ta' rijabilitazzjoni Karen Grech, l-isptar Mater Dei u r-Residenza San Vincenz de Paule jeħtieġ li jespandi biex jinkludi servizzi formali ta' psikoloġija, kemm fil-postijiet fejn qed jingħata dan is-servizz kif ukoll fir-residenzi komunitarji għal kura fit-tul, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Waqt li s-sistema ta' kliniċi ambulatorji hi adegwata biex taqdi l-maġġoranza kbira ta' dawk ta' età ikbar bi problemi ta' saħħa mentali, proporzjon sinifikanti ta' din il-popolazzjoni li kulma jmur qed jiżdied, jew ma jistax jew ma jixtieqx jirċievi kura f'dawn il-kliniċi

Għal din ir-raġuni, hemm ħtieġa urġenti għal ħolqien ta' servizz komunitarju għal kura mentali biex ikopri l-bżonnijiet ta' persuni ikbar fil-komunità, u dan biex ikunu indirizzati problemi ta' saħħa mentali f'dawk ikbar, u biex ikun evitat li dawn jintbagħtu fi sptar jew jitqiegħdu f'kura residenzjali bla bżonn.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Jiżdied l-għarfien u titnaqqas l-istigma dwar saħħa mentali u benesseri f'adulti ikbar, permezz ta' strateġiji ta' tagħlim immirati kemm lejn il-pubbliku ġenerali kif ukoll lejn dawk li jipprovdu servizzi ta' kura.
- Ikunu integrati servizzi dwar saħħa mentali fil-qafas tas-sistema tagħna ta' sptar pubbliku, biex ikunu indirizzati l-ħtigijiet kumplessi ta' nies ikbar u nikkontribwixxu biex titnaqqas l-istigma assoċjata ma' mard mentali.
- Jissaħħu s-servizzi eżistenti għal kura mentali ġerjatrika, u dawn is-servizzi jespandu biex ilaħħqu mal-bżonnijiet ta' persuni ikbar fil-komunità.




## Servizzi ta' kura fil-komunità

Kura fil-komunità hu kunċett żviluppat tul l-aħħar tletin sena biex jiddeskrivi servizzi li jippermettu lil nies ta' età ikbar 'jikbru fil-post', billi jipprovdulhom il-livell meħtieġ ta' intervent u appoġġ għat-tgawdija ta' ħajja indipendenti. Oġġettivi normalment meqjusa bħala l-qofol ta' kura fil-komunità għal dawk ta' età ikbar jinkludu (i) l-iżvilupp ta' servizzi domiċiljari, ta' matul il-jum u ta' *respite care*, (ii) l-assigurazzjoni li dawk li jipprovdu s-servizzi jipprovdu wkoll appoġġ prattiku għall-*carers*, (iii) studju tal-ħtigijiet u mmaniġġar tal-każ, (iv) il-promozzjoni ta' settur independenti fl-istess livell tas-servizzi pubbliċi, (v) id-determinazzjoni tar-responsabbiltajiet ta' aġenziji biex dawn jinżammu risponsabbli għas-servizzi li jagħtu, u (vi) l-introduzzjoni ta' struttura ġdida ta' finanzjament għal kura soċjali. Il-Gvern Malti jikkordina għadd ta' servizzi soċjali għal persuni ikbar fil-komunità. Dawn jinkludu l-Kartanzjan, Telecare, servizz ta' *Handyman, Meals-on-Wheels,* servizz ta' *home-help,* servizz dwar l-inkontinenza, tnaqqis fil-ħlas tas-servizz tat-telefon, ċentri għal matul il-jum, u akkomodazzjoni għal matul il-lejl. Waqt li ċ-Ċentru ta' Attività fir-Residenza San Vincenz de Paule jipprovdi servizzi speċjalizzati għal persuni bid-dimensja u li jgħixu fil-komunità, is-Servizz Domiċiljari ta' Fiżjoterapija jipprovdi servizz għal wara r-rijabilitazzjoni fid-dar tal-pazjent.

Il-Gvern jikkordina wkoll *Commcare Unit*, li għandha l-għan li sservi bħala punt waħdieni ta' referenza għall-organizzazzjoni ta' kura fil-komunità, kif ukoll sptar ta' rijabilitazzjoni li jippromwovi r-rijabilitazzjoni ta' dawk ta' età ikbar billi jipprovdi membri ta' tim b'dixxiplini differenti. L-Awtorità tad-Djar toffri diversi skemi li permezz tagħhom persuni ta' età ikbar jagħmlu bidliet strutturali fi djarhom biex ikunu jistgħu jgħixu aħjar u f'iktar kumdità.



Il-Ministeru għal Għawdex jiġbor fih taqsima ta' Kura għall-Anzjani, li hi responsabbli għal diversi servizzi fil-komunità mmirati għal dawk ta' età ikbar li jgħixu Għawdex. Is-sistema ta' servizzi fil-komunità se tkompli tiffaċċja sfidi dejjem jiżdiedu hekk kif jinbidlu n-numri u l-aspettattivi ta' nies ikbar, u fl-istess waqt ikun hemm tnaqqis relattiv ta' carers kemm formali kif ukoll informali. Dan il-fattur mistenni jwassal għal żieda fit-talba għal kura residenzjali għal persuni ikbar li jiffaċċjaw problemi biex ilaħħqu mal-attivitajiet strumentali tal-ħajja ta' kuljum minħabba nuqqas ta' appoġġ soċjali. Hu awgurat li jsiru bidliet amministrattivi u jkunu offruti servizzi essenzjali qabel dan iseħħ. Il-livell ta' tħejjija jintlaħaq permezz ta' assessjar skond il-ħtieġa u l-provdiment ta' servizz komunitarju komprensiv. Permezz ta' assessjar personalizzat l-individwu jkollu l-fakultà jiddeċiedi x'servizzi jistgħu jkunu offruti u għal liema bżonnijiet, b'mod li dawn is-servizzi jippermettu lil dawk li jgawdu minnhom biex ikollhom kontroll aħjar ta' ħajjithom.

Hu essenzjali li dawk li jużaw dawn is-servizzi jipparteċipaw mill-bidunett fil-proċedura ta' assessjar, iktar milli jwieġbu għal aġenda professjonali. Dan ikun konsistenti mal-premessa bażika ta' anzjanità attiva, li ttenni li dawk ta' età ikbar huma l-ewlenin li jfasslu l-potenzjal tagħhom għal għajxien indipendenti ħalli jitbiegħdu minn mudelli iktar paternalisti ta' kura. Din id-direzzjoni għandha l-potenzjal li ttejjeb konsistenza u ekwità f'aċċess għal livelli ta' servizzi komunitarji billi tirregolarizza livelli massimi ta' ħlas għal dawk li jużaw dawn is-servizzi, drittijiet ta' assessjar, regolarizzazzjoni ta' għodod għal assessjar, u drittijiet proċedurali. Dan iservi ta' inkoraġġiment għar-ristrutturar ta' servizzi komunitarji b'mod li jsiru iktar integrati u responsivi, u jservu ta' għodda biex dawk ta' età ikbar ikollhom kontroll ta' ħajjithom.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Ikun faċilitat aċċess għal kura fil-komunità permezz ta' diversi punti ta' aċċess f'setturi ta' kura primarja u akuta, u b'kollaborazzjoni ma' Kunsilli Lokali jkunu pprovduti pariri u tagħrif, kif ukoll direzzjoni kkordinata għal assessjar professjonali.
- Jinħolqu ambjenti alternattivi ta' kura fil-komunità biex ikopru l-ħtiġijiet ta' persuni ikbar.
- Ikun garantit li dawk li jibbenefikaw minn servizzi ta' kura fil-komunità jkollhom l-opportunità li jipparteċipaw fl-ippjanar u fil-provdiment tas-servizzi, waqt li fil-livelli kollha tinġabar informazzjoni mill-konsumaturi.

## Komunitajiet li jiffavorixxu varjetà sħiħa ta' etajiet



Komunità li tiffavorixxu varjetà sħiħa ta' etajiet hi waħda li tippermetti li nies ta' kull età jieħdu sehem attivament f'attivitajiet tal-komunità. Komunità li tittratta lil kulħadd b'rispett, hi x'inhi l-età, u tippermetti lin-nies jibqgħu b'saħħithom u attivi. Komunità li tiffavorixxu varjetà sħiħa ta' etajiet hi wkoll post li jintegra lil dawk li ma jkunux għadhom jistgħu jieħdu ħsieb tagħhom infushom, u tgħinhom biex jgħixu b'dinjità u fi tgawdija. Li bliet u komunitajiet jiffavorixxu varjetà sħiħa ta' etajiet hija waħda mill-iktar mezzi effettivi biex jilqgħu kontra anzjanità demografika. Hemm diversi inizjattivi madwar id-dinja li jappoġġjaw dan. In-*Network globali ta' bliet u komunitajiet li jiffavorixxu varjetà sħiħa ta' etajiet* tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa ġie stabbilit proprju biex jagħti appoġġ u inkoraġġiment lil bliet u komunitajiet, huma fejn huma fl-isforzi tagħhom biex jilqgħu aħjar il-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet anzjani. Dan in-Network joħloq linji ta' kuntatt bejn dawn il-bliet u komunitajiet li għandhom l-għan ewlieni li joħolqu komunitajiet inklussivi u ambjenti aċċessibbli għal-anzjani.



Il-*Programm ta' ambjenti li jiffavorixxu varjetà sħiħa ta' etajiet* tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa jgħin bliet u komunitajiet jagħtu iktar appoġġ lil nies ta' età ikbar billi jindirizzaw il-ħtiġijiet tagħhom fi tmien oqsma: l-ambjent urbaniku, trasport, akkomodazzjoni, parteċipazzjoni soċjali, rispett u inklużjoni soċjali, parteċipazzjoni ċivika u impjiegi, komunikazzjoni, appoġġ komunitarju u servizzi ta' saħħa. Waqt li jiġbor fih servizzi għall-anzjani, żvilupp li jgħin lill-anzjani huwa sforz iktar wiesgħa li jirrikjedi viżjoni fit-tul, kollaborazzjoni, involviment politiku u komunitarju u finanzjment sostenibbli. Ippjanar muniċipali u reġjonali jrid iqis il-bżonnijiet ta' persuni ikbar, waqt li bini pubbliku u residenzi bi prezzijiet raġonevoli jkunu mfassla b'mod li jkunu aċċessibbli u jistgħu jkunu modifikati, bħal per eżempju użu tal-ewwel sulari u doċoċ mingħajr tarġa. Proġetti ta' trasport, fosthom żieda fil-mezzi ta' trasport pubbliku u *taxis* bi prezzijiet baxxi, jippromwovu integrazzjoni fil-komunità u aċċessibilità. Meħtieġa wkoll aġġustamenti fit-toroq, b'mod li jippermettu lil min jużahom biex jimxi mingħajr problemi fuq il-bankini u bejn il-bankijiet. Inizjattivi oħra ta' għajnuna għall-anzjani jinkludu ingaġġ ċiviku f'ħidmiet tal-komunitajiet lokali, inizjattivi ta' bejn il-ġenerazzjonijiet, opportunitajiet għal volontarjat, u xogħol bi ħlas. Minbarra dan, komunitajiet li iiffavorixxu varjetà sħiħa ta' etajiet jappoġġjaw sforzi integrati ta' għaqdiet volontarji permezz ta' sistemi bħal *Neighbourhood Watch* u programmi oħra mfassla bħala mezzi ta' soċjalizzazzjoni u biex jipprovdu sigurtà għall-anzjani fi djarhom. Dawn jippromwovu wkoll l-indipendenza ta' nies ikbar, waqt li jnaqqsu l-ħtieġa li dawn jiddaħħlu fi djar ta' kura għat-tul, bi spejjeż kbar. Servizzi soċjali fil-komunità, bħal tqassim ta' ikel, programmi għal adulti matul il-jum u appoġġ minn *care givers* itaffu l-bżonnijiet ta' nies dgħajfa, dawk li maqbudin fi djarhom u *care givers*, waqt jifhmu u japprezzaw il-kontribut tagħhom lis-soċjetà. L-ingaġġ ta' nies ikbar fil-ħolqien u aċċess ta' komunitajiet li jiffavorixxu varjetà sħiħa ta' etajiet jeħtieġ sistema effettiva ta' komunikazzjoni li tilħaq lir-residenti tal-komunità f'kull età u tiffoka fuq komunikazzjoni kemm bil-kelma kif ukoll stampata li hi aċċessibbli għal dawk ikbar fl-età.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Promozzjoni ta' komunitajiet li jiffavorixxu varjetà sħiħa ta' etajiet biex ilaħħqu mal-bżonnijiet ta' adulti ikbar.
- Ikunu mfassla linji gwida inter-settorali biex joħolqu komunitajiet li jiffavorixxu varjetà sħiħa ta' etajiet permezz tal-iżvilupp addattat ta' spazji pubbliċi aċċessibbli, djar, u mezzi ta' trasport sensittivi għall-bżonnijiet ta' adulti ikbar.
- Tinħoloq struttura meħtieġa għal komunitajiet biex jintegraw is-servizzi soċjali u għaqdiet volontarji permezz ta' servizzi fid-djar, ċentri ta' matul il-jum u inizjattivi bejn il-ġenerazzjonijiet li jservu l-bżonnijiet soċjali u ta' sigurtà ta' adulti ikbar u carers li jgħixu f'dik il-komunità.

# Komunitajiet u servizzi li jgħinu lil min ibati bid-dimensja

Id-dimensja kisbet prominenza ġmielha f'aġendi ta' saħħa u soċjali minħabba r-rati ta' prevalenza li qegħdin dejjem jiżdiedu. Hu stmat li bħalissa hawn iktar minn 5,000 persuna f'Malta li jbatu b'din il-marda, u din iċ-ċifra mistennija tirdoppja sa 20 sena oħra. Dan għandu sinifikat soċjali u ekonomiku għal pajjiżna minħabba li proporzjon għoli ta' dawk li jbatu minn din il-marda jirrikjedu kura akuta fi sptar, kura residenzjali u servizzi ta' kura fil-komunità. Din il-politika ssejjaħ għall-implimentazzjoni urġenti ta' strateġija nazzjonali dwar id-dimensja biex tindirizza dawn il-problemi li kulma jmorru qed jiżdiedu. Dawk li jbatu bid-dimensja jistgħu jkomplu jgħixu fil-komunità u jgawdu kwalità ta' ħajja tajba sakemm jingħataw appoġġ u kura addattati f'kull stadju tal-marda. Biex jintlaħaq dan il-għan, hemm il-ħtieġa għal żieda fl-għarfien mill-pubbliku dwar id-dimensja biex ikunu indirizzati l-biżgħat u l-qlajjiet assoċjati ma' din id-dijanjosi, kif ukoll taħriġ aħjar ta' dawk li jaħdmu fis-setturi tas-saħħa u servizzi soċjali u li huma involuti direttament fil-kura tad-dimensja. Hu meħtieġ taħriġ formali fir-rigward ta' mudelli ta' kura u l-immaniġġar tal-konsegwenzi psikoloġiċi u ta' mġiba tad-dimensja għal kull min hu involut f'kura diretta. Madankollu, meħtieġa riżorsi adegwati għal impjegati fi sptarijiet u djar ta' kura u speċjalisti fil-kura tad-dimensja biex ilaħħqu ma' dawn il-bżonnijiet. Tagħrif mogħti lill-pubbliku għandu joħroġ b'messaġġ iktar pożittiv dwar i-dimensja u l-possibbiltà realistika li min ibati b'din il-marda jista' jkompli jgħix fil-komunità. Iridu jsiru iktar sforzi biex ikun provdut mekkaniżmu għal dijanjosi kmieni, appoġġ u informazzjoni lil dawk maħkuma u lil dawk li jikkurawhom. Il-kwalità tal-ħajja tagħhom tista' tkun imtejba permezz ta' servizzi ta' appoġġ fil-komunità, faċilitajiet ta' respite u kura matul il-jum, u l-ħolqien ta' ambjent fil-komunità li jkun ta' għajnuna għal dawk maħkuma mid-dimensja.






Hu importanti li l-ambjent fiżiku fil-komunità u spazji pubbliċi jkunu iktar sensittivi għal individwi b'livell ta' għarfien iktar dgħajjef. Dan jinkludi tabelli adattati b'sinjali ċari u kontrastanti mqiegħda f'livell tal-għajn, u bl-użu ta' stampi fejn ikun possibbli. Dwal fuq ġewwa f'residenzi li jieħdu ħsieb pazjenti bid-dimensja jridu jkunu qawwija, bojod u kuntrastanti, u l-art trid tkun lixxa u ċatta, ma tiżloqx u ma tirriflettix. Dawn il-bidliet u miżuri li huma ta' għajnuna għal min ibati bid-dimensja jridu jkunu inklużi waqt l-ippjanar u d-diżinn ta' spazji pubbliċi frekwentati minn individwi ikbar, u f'servizzi bħalma huma banek, ħwienet u Kunsilli Lokali. Persuni bid-dimensja, li qed jiffaċċjaw iktar diffikultajiet bl-attivitajiet tagħhom fil-ħajja ta' kuljum, xorta għandhom bżonn kura komunitarja matul il-jum, respite u servizzi residenzjali. Għandha ssir promozzjoni għal attivitajiet diversi u ta' valur għal nies ikbar bid-dimensja. Biex tintrefa' l fuq il-ħajja indipendenti fil-komunità, l-istess għandu jsir lil servizzi ffukati ta' appoġġ fil-komunità (bħal kura fid-dar, ikel, *respite*). Jekk ikunu adottati teknoloġiji ġodda, dawn iwasslu għal ħajja fil-komunità b'inqas problemi.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Tkun adottata strateġija nazzjonali dwar id-dimensja biex tindirizza l-prevalenza ta' dimensja f'Malta li qed tiżdied.
- Ikun hemm inkoraġġiment biex komunitajiet isiru komdi għal persuni bid-dimensja, speċjalment fejn jirrigwarda postijiet pubbliċi u servizzi użati minn persuni ikbar.
- Jissaħħu programmi ta' taħriġ fil-kura tad-dimensja għal dawk li jaħdmu fis-setturi tas-saħħa u servizzi soċjali.



# L-awtonomija tal-kura fit-tul

Id-dritt għat-teħid awtonomu ta' deċiżjonijiet huwa ċentrali għall-viżjoni ta' anzjanità attiva u għajxien indipendenti, speċjalment f'każi fejn tinqabad in-niżla kemm fiżikament kif ukoll mil-lat konjittiv. Awtonomija hi l-abbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet infurmati, mingħajr ebda pressjoni, u konsistenti mal-valuri u t-twemmin tal-individwu. Meta l-individwu ma jibqax f'pożizzjoni li jkompli jeżerċita dan id-dritt uman fundamentali, għandu jkun hemm sistemi li jiddeterminaw din is-sitwazzjoni, u għandu jinħatar sostitut xieraq biex jieħu deċiżjonijiet li jħarsu lill-individwu minn abbuż u traskuraġni u jiżguraw li jibqa' jkun trattat b'mod dinjituż. Li persuna tiddaħħal għal kura fit-tul hi ġrajja ewlenija fil-ħajja, u din id-deċiżjoni trid tittieħed wara proċedura sensittiva u mistħarrġa tajjeb ta' kunsens. Adulti ikbar ġieli jkollhom perspettiva differenti għad-deċiżjoni tagħhom li jgħixu fil-komunità, minkejja l-apprezzament ta' xi sogri u inkonvenjenzi. Dan spiss ma jkunx jaqbel mal-valuri u preferenzi tal-membri tal-familja jew ta' dawk li jipprovdu kura dwar is-saħħa, u jwassal għal sogru li l-individwu ma jkunx qed jeżerċita l-awtonomija tiegħu minħabba pressjoni, nuqqas ta' informazzjoni dwar riżorsi alternattivi fil-komunità, jew minħabba li x-xewqat tiegħu mhux qed ikunu kkunsidrati.

Dawk li jkunu f'residenzi ta' kura fit-tul huma wkoll vulnerabbli għal tfixkil fir-rigward ta' kunsens infurmat. Jista' jagħti l-każ li l-ambjent fid-djar tal-kura jwassal biex il-bżonnijiet tal-grupp spiss jieħdu preċedenza fuq dawk tal-individwu. Limitazzjonijiet fuq privatezza, preferenzi għal attivitajiet ta' mogħdija taż-żmien, l-ikel u l-ħinijiet tal-ikel, aċċess għal kura medika, involviment fil-pjan individwali ta' kura tal-pazjent, u l-abbiltà li jwassal ilmenti mingħajr il-biża' ta' xi tbeżbiża, jista' jkollhom effett sinifikanti fuq id-dritt tal-individwu għal ħajja indipendenti. Id-deċiżjoni li l-individwu jittieħed għal kura fit-tul ġeneralment tkun waħda urġenti bbażata fuq il-fatt li s-saħħa u l-funzjonijiet ikunu sejrin lura. In-nuqqas ta' sodod f'dawn il-faċiltajiet ta' kura joħloq suq li jiffavorixxi l-interessi tal-proprjetarju. Bħala konsegwenza, hemm ħtieġa urġenti li jitfasslu livelli minimi nazzjonali għal djar tal-kura. Għandu jkun hemm appoġġ permezz ta' leġiżlazzjoni biex ikunu mħarsa d-drittijiet tar-residenti li jkunu fihom għall-kura fit-tul.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Tkun imħeġġa l-awtonomija ta' adulti ikbar fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni biex dawn jidħlu fi djar għall-kura fit-tul.
- Ikunu stabbiliti proċeduri li jappoġġaw l-awtonomija ta' adulti ikbar fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, u dan ikun jinkludi aċċess għal servizzi mediċi, legali u komunitarji.
- Ikunu implimentati livelli minimi nazzjonali għall-kura fit-tul li jkunu jistgħu jitkejlu, u tinħoloq l-istruttura leġislattiva meħtieġa biex dawn ikunu rregolati.



# Ħarsien mill-abbuż

Abbuż fuq l-anzjani huwa realtà kumplessa psikosoċjali li hi prevalenti ħafna u ħafna drabi ma tidhirx. Din ta' spiss tkun funzjoni ta' numru ta' fatturi fiżiċi, soċjali u psikoloġiċi li jpoġġu lill-individwu ikbar f'pożizzjoni li tagħmlu vulnerabbli għal abbuż jew telqa. L-individwu spiss la jkollu l-mezzi u lanqas ikun jaf kif jitlob l-għajnuna, jew jibża' mill-konsegwenzi jekk il-persuna li jkun qed iwettaq l-abbuż ikun membru tal-familja jew xi ħadd setgħan. L-abbuż hu ġeneralment meqjus bħala ta' natura fiżika, għalkemm forom oħra ta' abbuż li huma prevalenti jinkludu abbuż psikoloġiku jew finanzjarju. Ftit li xejn saru sforzi biex tissolva din il-problema f'Malta, u l-biċċa l-kbira dawn saru fuq inizjattiva ta' għaqdiet volontarji. Għalkemm tradizzjonalment aħna nazzjon reliġjuż u b'orjentazzjoni ta' familja, forsi spiss nafdaw fuq ir-rieda tajba ta' membri tal-familja jew dawk li jipprovdu l-kura biex jaġixxu fl-aħjar interessi tal-membru anzjan tal-familja. Meta nagħmlu hekk, għandna mnejn inkunu ma qisniex realtà soċjali li hija universali u li qiegħda kulma tmur issir aktar prevalenti minħabba l-popolazzjoni li kulma tmur qed tikber, iż-żieda relattiva fin-numru ta' individwi ikbar li huma vulnerabbli, u l-bidliet fl-istruttura soċjali tal-familji Maltin.

Abbuż jew telqa fuq l-anzjani spiss iseħħu fir-residenza tal-individwi, u fil-maġġoranza tagħhom mill-membri tal-familja jew minn dawk li jipprovdu l-kura. Ma hawnx statistika nazzjonali dwar id-daqs ta' din il-problema, għalkemm statistika riċenti mill-progett *Abuse of Elderly in Europe* (ABUEL) tindika prevalenza ta' sa 20 fil-mija għal abbuż psikoloġiku, erbgħa fil-mija għal abbuż finanzjarju, u wieħed fil-mija għal abbuż fiżiku, għalkemm dan tal-aħħar jista' ma jurix l-istampa vera ta' vjolenza fiżika minn dawk li jipprovdu l-kura meta dawn ikunu eżawriti. Il-biċċa l-kbira tal-abbuż fuq l-anzjani ma jkunx intenzjonat, jiġifieri mhux premeditat, imma jseħħ fil-kuntest ta' responsabbiltajiet konfliġġenti (bħal fil-każ ta' *carers* informali li huma parti mill-hekk imsejħa *sandwich generation*), *carers* li jkunu fiżikament u emozzjonalment għajjiena, u riżorsi limitati fi ħdan ambjenti ta' kura formali u residenzjali. In-natura "moħbija" ta' din il-problema f'pajjiżna hi r-riżultat ta' numru ta' fatturi, fosthom in-nuqqas ta' leġiżlazzjoni formali li tqis dan l-abbuż bħala attività kriminali, in-nuqqas ta' dmir legali formali biex ikunu rrapportati abbużi suspettati fuq l-anzjani, u n-nuqqas ta' riżorsi dedikati għal taħriġ lill-pubbliku u lil impjegati f'dan il-qasam. Barra minn hekk, adulti ikbar u professjonisti ma għandhomx għarfien ta' kif għandhom iwieġbu għal każi rapportati ta' suspetti ta' abbuż, u sikwit ikunu beżgħana mill-konsegwenzi.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Jiżdied l-għarfien ta' abbuż u telqa fuq l-anzjani bħala realtà soċjali permezz ta' riċerka, edukazzjoni tal-pubbliku u taħriġ lil dawk li jaħdmu fis-setturi tal-kura soċjali u tas-saħħa, fosthom uffiċjali tal-pulizija.
- Tiġi żviluppata u implimentata strateġija li tagħti s-setgħa lil adulti ikbar biex jirrappurtaw abbużi, u li tipprovdi l-proċeduri u r-riżorsi meħtieġa għal azzjoni komprensiva.
- Jitfasslu l-emendi legali meħtieġa biex adulti ikbar ikunu mħarsa minn abbuż u stat ta' telqa, u dan ikun jinkludi d-dmir li każi suspettati ta' abbuż minn setturi ta' kura soċjali u tas-saħħa jkunu rapportati.

# Kura lejn tmiem il-ħajja

Il-fatt li iktar ma jgħaddi ż-żmien in-nies qed jgħixu iktar, qed iwassal mhux biss għal aspettattivi ta' ħajja itwal iżda għal piż ikbar minħabba mard kroniku, u dan jirriżulta f'morbidità konsiderevoli u iktar dipendenza. Dan huwa minnu għall-kanċer kif ukoll għall-mard kardjovaskulari, newrodeġenerattiv, respiratorju u muskuloskeletali. Kura palljativa ġenerali tirreferi għal kura li joffru professjonisti fil-kura tas-saħħa lill-pazjenti li ma jkunux qed jirrispondu għal trattament kurattiv. L-iskop ikun li jittaffew is-sintomi bħall-uġigħ, u li jkun pprovdut sostenn soċjali, psikoloġiku u spiritwali. Kura palljativa speċjalizzata hi normalment ristretta għal każi iktar kumplessi, u għalhekk insibuha użata biss fil-minoranza ta' każi ta' kura ta' din ix-xorta. Kura lejn tmiem il-ħajja tirreferi għall-kura li tingħata fl-aħħar ftit ġranet jew ġimgħat qabel il-mewt. L-għan hu li tingħata għajnuna iktar professjonali bħala appoġġ lil dawk ikbar bil-ħtiġijiet tagħhom lejn tmiem il-ħajja, fil-komunità jew fi djar residenzjali biex ikun evitat li dawn jintbagħtu l-isptar mingħajr ħtieġa.



Id-dritt li persuna tmut b'dinjità jirreferi għad-dritt li pazjent ikun ittrattat bħala individwu u bir-rispett, u li jmut f'ambjent familjari u mdawwar minn qraba u ħbieb. Dan id-dritt jirreferi wkoll għall-kontroll ta' uġigħ u sintomi, li jkun pprovdut aċċess għall-kura spiritwali. Titjib fil-kura lejn tmiem il-ħajja jeħtieġ investiment fit-taħriġ formali ta' professjonisti fil-qasam tas-saħħa fir-rigward ta' kura lejn tmiem il-ħajja u dik paljattiva biex ikun żgurat kontroll adegwat ta' sintomi u wġigħ, li tingħata informazzjoni dwar id-dijanjosi u s-sitwazzjoni lill-persuna ikbar u lill-qraba, u l-użu ta' kura integrata. Diskussjoni formali dwar għażliet preferuti ta' kura, direttivi bil-quddiem għal kura u r-rifjut ta' trattament trid issir għal dawk kollha li jidħlu fi djar ta' kura bħala parti mill-politika tal-istituzzjoni. Din id-diskussjoni għandha tinkludi wkoll dwar jekk il-pazjent għandux jingħata ikel u likwidi b'mod artifiċjali, u dwar jekk għandux isir tentattiv biex tinżamm il-ħajja. Taħriġ fil-kura tas-saħħa f'livell gradwat u post-gradwat għandu jiffoka wkoll fuq kura medika tajba fil-waqt tal-mewt u wara. Faċiltajiet ta' kura dwar is-saħħa għandhom jiffukaw fuq ix-xewqat tal-*carer* u tal-familja fil-ħin tal-mewt, u jipprovdu appoġġ spiritwali lill-individwu u appoġġ ta' sosten lill-qraba.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

- Ikun hemm titjib fl-opportunitajiet ta' taħriġ f'kura paljattiva u lejn tmiem il-ħajja għal persuni li qed jaħdmu fis-setturi ta' kura soċjali u tas-saħħa.
- Titfassal leġiżlazzjoni biex tintroduċi direttivi bil-quddiem għall-kura dwar is-saħħa.
- Tkun żviluppata u implimentata politika u proċeduri f'faċiltajiet għall-kura tas-saħħa li jikkonċernaw tmiem il-ħajja, u li jinkludu imma ma jkunux ristretti għall-għoti ta' ikel b'mod artifiċjali u tkattir tal-ħajja, meta l-pazjent jiddaħħal fil-faċilità minn professjonist kwalifikat mill-qasam tas-saħħa.



Disinn | Keen Ltd | www.keen.com.mt
Ritratti | FocusFotos | www.focusfotos.com.mt